**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 186**
**It-Tlieta, 5 ta' Diċembru, 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 186**
**It-Tlieta, 5 ta' Diċembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 186**

**It-Tlieta, 5 ta' Diċembru, 2023**

**WERREJ**


MINUTI ... 213

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ... 213

TQEGĦID TA' KARTI ... 218

KUMITATI PERMANENTI ... 219

MOZZJONIJIET
ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-LIĠIJIET DWAR
IL-KOMUNIKAZZJONIJIET (L-Ewwel Qari) ... 219

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPJIEGI
U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (EMENDA NRU 2) (Tieni Qari, Kont.)
EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS
(AMENDMENT NO. 2) BILL (Second Reading, Cont.) ... 220

FTEHIM TAL-KAMRA ... 229

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET
INDUSTRIJALI (EMENDA NRU 2) (Tieni Qari, Kont.)
EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS
(AMENDMENT NO. 2) (Second Reading, Cont.) ... 229

AĠĠORNAMENT ... 242

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ... 246

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 185, li saret fl-4 ta' Diċembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

### TCNs - INFERMIERA F'KARIGI FI SKALA 1 SA 7

**11895. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm infermiera minn pajjiżi terzi (TCN) f'kull skala minn 1 sa 7, f'Settembru 2023?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm 12-il infermiera minn pajjiżi terzi li okkupaw karigi fi skali mill-1 sa 7 f'Settembru 2023.

**ID-DEPUTY SPEAKER (Onor. David Agius):** L-Onor. Graziella Attard Previ, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, nixtieq nagħmel referenza għar-risposta għall-mistoqsija parlamentari 11186 fejn jien kont tlab lid-Deputat Prim Ministru jgħidilna kemm kien hemm infermiera li rriżenjaw bejn Ottubru, 2022 u Ottubru 2023. Ir-risposta kienet 40. Jista' d-Deputat Prim Ministru jgħid kemm minn dawn l-infermiera kienu Maltin? Saru exit interviews? Jekk saru exit interviews, x'kienu r-raġunijiet għaliex irriżenjaw? Jekk ma sarux, iħoss li għandhom jibdew isiru exit interviews?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Id-Deputat Prim Ministru u l-Ministru għas-Saħħa.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, naħseb li l-Onor. Interpellant tapprezza li jien ma jkollix għad-dispożizzjoni tiegħi l-figuri għal mistoqsijiet parlamentari li għamlet f'seduti oħra u lanqas ma nkun nafhom bl-amment. L-Onor. Interpellant qed tistaqsi domandi mhux ta' politika imma ta' amministrazzjoni u għalhekk nitlobha li tagħtina din il-mistoqsija bil-miktub bħalma nagħmel f'ħafna mistoqsijiet li tistaqsini u nkun nista' nweġibha.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Ray Abela, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. RAY ABELA:** Sur President, ilbieraħ tħabbar investiment ġdid f'magna ġdida fid-Dipartiment tal-Uroloġija fl-Isptar Mater Dei. Jista' d-Deputat Prim Ministru jispjegalna ftit fuq din il-magna? Din it-teknoloġija ġdida kif se ttejjeb is-servizz lill-pazjenti Maltin u Għawdxin?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Grazzi ħafna ta' din il-mistoqsija. Kif qal l-Onor. Abela, għalkemm is-servizz issa ilu għaddej għal dawn l-aħħar ġimgħat, ilbieraħ inawgurajna din il-lithotripsy machine ġdida li hija magna sofistikata immens finanzjata parzjalment b'fondi mill-Unjoni Ewropej. Din tagħti trattament lil persuni li jkollhom primarjament ġebel fil-kliewi, imma tista' tintuża wkoll anke għal trattament ta' ġebel f'partijiet oħra tal-ġisem bħalma hija l-frixa. Hija magna sofistikata ħafna.

Is-servizz tal-lithotripsy ġewwa pajjiżna mhux issa beda - jiġifieri servizz ta' lithotripsy kellna - però din il-magna hija qabża kbira 'l quddiem u tagħti ċerti servizzi li s'issa bil-magna l-antika li kellna ma stajniex nagħtuhom. Pereżempju, din il-magna tista' tneħħilek ġebla minn ġol-kilwa mingħajr ma jsir ftuħ għal intervent kirurġiku, mingħajr ma jkollok qasma żgħira fil-ġilda u mingħajr loppju. Din hija xi ħaġa li s'issa ma stajniex nagħmlu. Din inti qisek qed tmur l-Outpatients. Naturalment trid tilbes il-ġagaga għax iridu jagħmluhielek direttament mal-ġilda, u f'perjodu ta' 40 jew 50 minuta din il-magna, permezz ta' ultrasound probe, tkissirlek il-ġebla ġol-kilwa, inti assolutament ma tħoss uġigħ ta' xejn, il-ġebla prattikament issir trab u tgħaddi mal-awrina. Peress li ma fiha ebda uġigħ u issa l-probe hija integrata u allura jekk il-pazjent jiċċaqlaq xi ftit ma jimpurtax, tista' ssir mingħajr loppju. Din hija xi ħaġa li ma setgħetx issir qabel, apparti l-fatt li nistgħu nolqtu aktar ġebel li s'issa ma stajniex.

Din il-proċedura qabel kienet tieħu bejn sagħtejn u tliet sigħat, u issa f'inqas minn siegħa nistgħu nagħmluha, li jfisser li nistgħu nagħmlu ħames, sitt każijiet kuljum. Iż-żmien ta' stennija għal din il-proċedura diġà ma kienx twil, imma kien

hemm żmien ta' stennija għal dawk il-persuni li għandhom il-ġebla fil-kliewi biex inkissruhielhom u nneħħuhielhom. Issa dik il-lista ta' stennija qed tonqos ħafna. Din il-lithotripter il-ġdida li inawgurajna proprju f'dawn il-ġranet se tagħti opportunità li nkunu nistgħu nagħtu trattament lil aktar pazjenti fi żmien iqsar.

Se nkunu nistgħu nagħmlu t-trattamenti fuq persuni li s'issa ma stajniex għax din tista' ssir anke mingħajr loppju. Għalkemm tista' tiġri fit-tfal ukoll, ħafna drabi dawk li jkollhom il-ġebla jkunu kbar, ikollhom kondizzjonijiet oħrajn, u għal xi wħud minnhom il-loppju jkun riskjuż, u għalhekk lil dawk ma konniex nistgħu noperawhom. Issa b'din il-magna nistgħu nneħħulhom il-ġebla għax m'għandniex għalfejn nagħtuhom loppju.

Hemm ukoll il-vantaġġ li pazjent issa jiġi u jmur u m'għandux għalfejn joqgħod l-isptar. Qabel, meta tneħħi ġebla bil-miftuħ, pazjent kien irid jagħmel ħmistax jew għaxart ijiem l-isptar. Biex tagħmel użu minn din il-magna tmur filgħodu u m'għandekx għalfejn tkun sajjem. Litteralment qisek qed tmur l-Outpatients, tieħu t-trattament, tilbes, u siegħa wara terġa' tmur lura d-dar. Dan huwa servizz modernissimu li jagħti trattament aħjar lill-pazjent, nistgħu nagħtuh lill-aktar pazjenti, u nistgħu nagħtu trattament lil aktar pazjenti fi żmien qasir, biex b'hekk inkunu qegħdin innaqqsu l-lista ta' stennija, noffru servizz aħjar u nagħtu lill-pazjenti l-possibbiltà li l-għada filgħodu jew waranofsinhar stess imorru lura għax-xogħol. Din hija litteralment proċedura rivoluzzjonarja fit-trattament tal-ġebel tal-kliewi.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Alex Borg, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ALEX BORG:** Sur President, il-ġimgħa l-oħra l-kollega tiegħi l-Ministru Anton Refalo kkonferma fil-Parlament li hemm pjan li l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex jiġi downsized, jiġifieri jiċkien. Jista' jikkonferma jekk huwiex veru dan li qal? Grazzi.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Le, mhuwiex il-każ, anzi l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex se jkompli jikber! (Interruzzjonijiet) Inti staqsejt lili u jien qed ngħidlek. Jien dakinhar li rrisponda l-mistoqsijiet l-Onor. Refalo ma kontx qiegħed hawnhekk għax kont fi triqti lejn Brussell għal-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea. Però nista' ngħidlek jien, għax l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex jaqa' taħt id-dekasteru tiegħi. L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex mhux talli mhux se jiċkien talli se jikber. Il-pjanijiet tagħna huma li jkollna servizzi ġodda u jkollna sptar aktar modern, sptar b'aktar swali u b'aktar servizzi. Il-pjan tagħna hu li jkollna din il-binja ġdida tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, kif ilna ngħidu.

Issa jien ma nafx eżatt x'ried ifisser il-Ministru Refalo. Forsi li ried ifisser hu li l-pjan tal-konċessjonarju kien li ġewwa Għawdex kien se jkun hemm servizz għall-Għawdxin u għal dawk il-Maltin li jinzertaw ikunu Għawdex, imbagħad kienu se jinġiebu dawk li jgħidulhom turisti mediċi, jiġifieri pazjenti minn barra biex jieħdu s-servizz ġewwa Għawdex. Kien ippjanat li l-isptar kien se jitkabbar b'ċertu estent. Il-parti tat-turiżmu mediku mhijiex fir-responsabbiltajiet tagħna, jiġifieri aħna rridu nagħtu s-servizz lill-Għawdxin u lill-Maltin li jkunu qegħdin Għawdex, u għalkemm f'Għawdex issa se jkollna sptar akbar, imma m'għandux għalfejn ikun daqshekk kbir daqslikieku se nġibu l-pazjenti minn barra.

Iva, l-Isptar ta' Għawdex se jikber, se jkun hemm il-binjiet il-ġodda u se jkun hemm is-servizzi l-ġodda. Diġà semmejna kif se jkollna l-MRI, kif se nkomplu l-laboratorju biex nagħtu s-servizz tal-kimoterapija ġewwa Għawdex, kif se jkollna CT Scanner ġdid ġewwa Għawdex, u ħafna servizzi oħrajn, inkluż il-binijiet il-ġodda biex b'hekk il-pazjenti Għawdxin u l-Maltin li jinzertaw ikunu Għawdex ikunu qed jieħdu kura ta' livell ta' eċċellenza f'binjiet moderni b'apparat modern u, fuq kollox, minn professjonisti li huma ta' livell għoli bħalma aħna mdorrijin naraw fl-isptarijiet tagħna ġewwa Malta u Għawdex.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Randolph De Battista, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. RANDOLPH DE BATTISTA:** Sur President, qabelxejn naf li m'għandux x'jaqsam imma ningħaqdu biex ninawguraw lit-tim nazzjonali Malti tan-nisa tal-futbol li bħalissa għaddej f'logħba importanti. (Onor. Membri: Hear, hear)

Nixtieq nirreferi għall-Antimicrobial Resistance (AMR). Nafu li madwar l-Unjoni Ewropea huwa stmat li jmutu madwar 35,000 fis-sena minħabba infezzjonijiet marbuta mal-AMR. X'inhu l-pjan nazzjonali u x'inhi s-sitwazzjoni f'Malta?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Ningħaqad miegħek ukoll biex nawgura lit-tim nazzjonali Malti tan-nisa, però aħna qegħdin hawn u rridu nwieġbu d-domandi. Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, l-Antimicrobial Resistance hija xi ħaġa li bdejna naraw f'dawn is-snin. Issa ilu kważi 100 sena li ġie skopert l-ewwel darba l-penicillin. F'dawn id-90 sena - u l-ġenerazzjoni tiegħi twelidna f'dan l-ambjent - jekk inti jkollok infezzjoni, tista' tieħu antibiotic jew antifungal jew antiviral, u dik l-infezzjoni tgħaddilek. Matul is-snin, bl-użu stess tal-antibijotiċi, qed joħorġu mikrobi li huma reżistenti, jiġifieri li l-antibijotiċi l-aktar li nużaw u li aħna mdorrijin bihom, ma jaħdmux fuqhom.

L-iżjed wieħed magħruf huwa dak imsejjaħ Methicillin-resistant Staphylococcus aureus (MRSA) u 12-il sena ilu Malta kellha l-ogħla rata ta' MRSA f'pazjenti fl-isptarijiet fl-Ewropa. Jiġifieri 12-il sena ilu Malta kellha l-ogħla rata ta' pazjenti li kienu l-isptar li kellhom l-MRSA mill-Ewropa kollha, ras għal ras. Illum, bl-azzjonijiet li ħadna u li ħadu l-professjonisti fl-isptarijiet tagħna u fil-komunità, għandna l-inqas rata ta' MRSA fl-isptarijiet tagħna u fl-Ewropa. Mill-agħar ġejna l-aħjar però għad hemm ħafna x'nagħmlu ġewwa pajjiżna.

Waħda mill-affarijiet li rridu nagħmlu hi li nkomplu nfiehmu li mhux għal kull infezzjoni bilfors għandek bżonn tieħu l-antibijotiċi, għax f'Malta, bħal pajjiżi oħrajn fil-Mediterran, għandna tendenza li nużaw antibijotiċi ħafna aktar milli x'aktarx għandna bżonn. Irridu nkomplu ngħallmu li hemm ċerti infezzjonijiet ikkawżati mill-viruses - u ħafna infezzjonijiet fil-griżmejn ikunu ġejjin minn viruses – li l-antibijotiċi ma jaħdmux fuqhom, imma tagħmel ġurnata jew tnejn u jgħaddilek waħdu. Irridu nkomplu nwasslu l-messaġġ li l-antibijotiċi nużawhom biss fejn verament għandna bżonnhom għax inkella se nfittxuhom u ma nsibuhomx.

Hemm din il-problema mhux fl-Ewropa biss imma madwar id-dinja. L-Onor. De Battista semma figura għall-Ewropa, imma madwar id-dinja, kull minuta li tgħaddi, lejl u nhar, imutu għaxra min-nies minħabba mikrobi li l-antibijotiċi m'għadhomx jaħdmu fuqhom. Din hija problema kbira u l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa tqisha bħala waħda mill-akbar problemi għas-saħħa pubblika madwar id-dinja.

Aħna bħala pajjiż qed nagħmlu l-biċċa tagħna. Però jien għandi l-unur ukoll li flimkien mal-Prim Ministru tal-Barbados niċċerja kumitat internazzjonali msejjaħ Global Leaders Group biex immexxu l-aġenda 'l quddiem biex innaqqsu l-użu ħażin tal-antibijotiċi u biex naraw li d-dinja jkollha antibijotiċi ġodda kontra l-AMR. Malta, flimkien mal-Barbados, għas-sena d-dieħla ġejna inkarigati mill-Ġnus Magħquda biex norganizzaw high level meeting għall-kapijiet tal-istati tad-dinja ġewwa New York f'Settembru li ġej. Malta u l-Barbados qegħdin nagħmlu dan ix-xogħol, jgħidulu co-facilitation, biex is-sena d-dieħla d-dinja kollha, f'livell ta' kapijiet ta' stat, tiddiskuti din il-problema tal-AMR u s-soluzzjonijiet għaliha.

Fuq livell internazzjonali aħna qegħdin nipproponu numru ta' soluzzjonijiet, inkluż ta' kif ninċentivaw lill-industrija biex toħroġ b'aktar antibijotiċi ġodda biex b'hekk dak li l-ġenerazzjoni tagħna gawdiet minnu f'sitwazzjoni ta' meta tkun marid u tmur l-isptar jew id-dar issib il-mediċina li tfejqek, jibqa' jkun privileġġ li jgawdu minnu uliedna u ulied uliedna. F'pajjiżna l-messaġġ li rridu nagħtu hu li wieħed għandu juża l-antibijotiċi b'mod li jagħmel sens u li mhux għal kull infezzjoni għandek bżonn l-antibijotiċi. Jekk it-tabib jgħidlek li inti jew it-tifel tiegħek m'għandux bżonn, għandek tieħu l-parir tat-tabib u timxi fuq dak li jgħidlek.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Ryan Callus, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. RYAN CALLUS:** Sur President, jista' d-Deputat Prim Ministru jagħtina l-way forward fuq il-poliklinika ta' Ħal Qormi? Bħalissa din tinsab magħluqa u forsi jista' jgħidilna t-time-frames li hemm u meta hemm il-ħsieb li tinfetaħ, jekk se terġa' tinfetaħ. Nittama li iva. X'inhuwa x-xogħol li qiegħed isir fiha? X'servizzi se jitjiebu u x'infrastruttura qed tiġi aġġornata?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, se nibda billi nserraħ moħħ l-Onor. Callus li, iva, iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi se jerġa' jiftaħ bħalma reġgħu fetħu dawk ta' Birkirkara u tal-Gżira wara li għamilna rinnovar estensiv fihom. Kull min imur jinqeda l-Gżira jew Birkirkara jaf li dak ir-rinnovar li għamilna kien meħtieġ, kien ta' min jagħmlu, u llum hemm mhux biss ambjent aħjar imma servizzi li jistgħu jingħataw aħjar. Ftit tal-ġranet ilu ġewwa Ħal Qormi għadna kemm stallajna magna ġdida tal-X-ray diġitali. Ladarba jkun qiegħed jerġa' jopera ċ-ċentru tas-saħħa ta' Ħal Qormi, min ikollu bżonn X-ray jew intervent radjoloġiku ġewwa Ħal Qormi se jinqeda ġewwa Ħal Qormi dak il-ħin stess. U għax din il-magna hija diġitali, il-professur, il-kirirgu ortopediku li jkun qiegħed jew l-Isptar Mater Dei jew meta fi ftit żmien ieħor nifthu ċ-Ċentru Reġjonali f'Raħal Ġdid, ikun jista' jara l-X-ray innifsu dak il-ħin f'Raħal Ġdid stess u jkun jista' jagħti parir dak il-ħin minn fuq it-telefon.

S'issa kont tmur tieħu l-X-ray, dak l-X-ray jiżviluppawhulek, imbagħad tmur tiġbru, jarah it-tabib u t-tabib jibagħtek għand professur biex jara l-X-ray u allura jkunu għaddew il-ġranet jekk mhux il-ġimgħat. Issa tieħu risposta dak il-ħin stess. Tmur tieħu l-X-ray, dak il-ħin stess l-ispeċjalista jarah fuq il-computer - m'hemmx għalfejn jiżviluppah għax, jista' jarah fuq il-computer tiegħu – mhux fl-Isptar Mater Dei biss, imma jkun fejn ikun. Dan l-apparat ġdid tal-X-ray diġà ġie stallat u se jiġi inawgurat meta nifthu dan iċ-ċentru tas-saħħa.

Iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi se jkollu wkoll ċentru ta' eċċellenza għad-dijabete, jiġifieri se jkollna l-ispeċjalisti tad-dijabete u se jkollna t-testijiet kollha li wieħed jista' jagħmel għad-dijabete. B'hekk inti tkun tista' tinqeda mhux biss fl-Isptar Mater Dei imma anke f'dan iċ-ċentru. Ix-xogħol għaddej, miexi tajjeb ħafna, u t-timeline hu li jinfetaħ fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla, jiġifieri bejn Frar u Marzu 2024; xahrejn jew tliet xhur oħra.

Wara li nifthu ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi hemm imbagħad iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Bormla, li rridu nagħmlu xogħlijiet estensivi fuqu, u ċ-Ċentri tas-Saħħa tar-Rabat u l-Furjana. Aħna qegħdin induru ċ-ċentri tas-saħħa kollha biex wara li issa ftaħna ċ-Ċentru tas-Saħħa ġdid ġewwa Victoria Għawdex ftit tal-ġimgħat ilu, inkomplu nirrinovaw iċ-ċentri tas-saħħa kollha madwar Malta u Għawdex biex inkomplu nagħtu servizz ta' eċċellenza lill-pazjenti tagħna.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Jista' d-Deputat Prim Ministru jispjegalna jekk żdidux is-servizzi offruti lill-pazjenti tat-Telemedicine?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Is-servizz tat-Telemedicine huwa kunċett li beda b'mod tajjeb waqt il-pandemija tal-COVID-19, mhux f'Malta biss imma anke f'ħafna pajjiżi tal-Ewropa. Dak iż-żmien kien neċessarju li kemm jista' jkun jonqos il-kuntatt bejn pazjenti u pazjenti, bejn pazjenti u tobba u bejn pazjenti u nurses, għax ovvjament jekk ikollok il-COVID-19 u tmur tiltaqa' ma' xi ħadd ieħor tista' tagħtihielu, jew inkella jekk tkun qiegħed f'sala ta' stennija u jkun hemm xi ħadd bil-COVID-19 f'dik is-sala ta' stennija, jista' jagħtihielek. Għalhekk bdejna naraw kif ħafna mis-servizzi li nagħtu, minflok nagħtuhom b'mod li wieħed imur jiffaċċja t-tabib wiċċ imb wiċċ, nagħmluhom jew permezz ta' video link jew permezz tat-telefon.

Id-dinja kollha sabet, u mhux aħna biss, li fil-verità ħafna mill-appuntamenti li s'issa dejjem saru billi wieħed jieħu ġurnata leave u jmur il-klinika jew l-isptar, joqgħod jistenna biex wieħed jagħtih ir-riżultat, pereżempju, jew kemm jgħidlu iva, se naralek naqra din, iva tajjeb tista' tmur, dak ħafna minnu jista' jsir fuq it-telefon. Illum qed noffru servizz miftuħ 24 siegħa kuljum fejn wieħed jista' jċempel in-numru tat-telefon, li huwa 21231231, fejn ikun hemm tobba u anke nies li huma mħarrġa apposta li jagħtuk il-pariri dwar diversi affarijiet. Jekk inti għandek mistoqsija ta' natura medika naturalment tista' ċċempel 21231231.

F'dawn il-ġranet ftaħna wkoll ċentru ġdid tat-Telemedicine ġewwa s-Siġġiewi, ċentru li huwa attrezzat u huwa akbar minn dak li kellna waqt il-COVID-19 għax naturalment komplejna nżidu s-servizzi u wieħed jista' jċempel u jinqeda. Jista' jċempel ukoll fuq dan in-numru 21231231 jew inkella fuq in-numru 21222444 u jinqeda, anke biex jagħmel appuntament kemm għaċ-ċentri tas-saħħa u anke għall-bereġ, għax illum f'ħafna mill-bereġ fiċ-ċentri komunitarji fl-ibliet u l-

irħula qed nagħtu ċerti servizzi. Wieħed jista' jċempel dan in-numru 21231231 u jagħmel appuntament ma' Malta u Għawdex kollu kif ukoll fl-isptarijiet u fl-Outpatients tagħna. Jiġifieri għall-pariri mediċi, għall-pariri fuq xi mediċini u biex wieħed jiġbor xi riżultat, wieħed jista' jċempel dan in-numru u jinqeda mingħajr ma jkollu għalfejn joqgħod imur b'mod fiżiku għand it-tabib.

Irrid insemmi wkoll il-helpline għall-każijiet ta' saħħa mentali li huwa 1579. Minn mindu nfetaħ diġà kellna 'l fuq minn 8,000 ruħ li kellhom bżonn u aċċessaw dan is-servizz. Kull min jinsab għaddej minn xi problemi ta' saħħa mentali jew qed iħossu waħdu jew qed iħossu mdejjaq jew għandu xi ansjetà kbira u għandu bżonn parir jew xi għajnuna, jista' jċempel 24 siegħa kuljum fuq 1579 fejn se jsib in-nies li huma mħarrġa professjonalment u jew jagħtuh il-parir dak il-ħin jew jirreferuh għal fejn jista' jmur biex jiġbor parir. Għas-servizzi l-oħrajn li mhumiex ta' saħħa mentali, wieħed jista' jċempel fuq 21231231 jew 21222444 u jieħu s-servizz fil-pront.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Graziella Attard Previ.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, waslilna rapport li minn ftit tal-ġimgħat ilu min ifittex is-servizzi tal-GU Clinic, li hija l-klinika li tieħu ħsieb li toffri servizzi għas-saħħa sesswali, illum il-ġurnata qed jiġi mitlub jippreżenta l-karta tal-identità. X'inhi r-raġuni wara din id-deċiżjoni? Malta hija żgħira, u sfortunatament meta nitkellmu fuq mard sesswali għad hemm daqsxejn ta' tabù, u żgur li d-Deputat Prim Ministru jaf li l-persuni jippreferu l-anonimità milli jkollhom jikxfu l-identità tagħhom. Għaldaqstant forsi din se tgerrex milli n-nies jersqu aktar għal dawn is-servizzi.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, din kienet deċiżjoni li ttieħdet dan l-aħħar. Is-servizzi issa m'għadhomx biss ġewwa l-Isptar Mater Dei imma nfetħu servizzi tal-GU Clinic anke fil-komunità, inkluż anke f'Għawdex. Kienet deċiżjoni li ttieħdet b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-għaqdiet tal-LGBTIQ+. Kien hemm diskussjoni jekk għandux jibqa' jkollna din l-anonimità jew jintużax in-numru tal-ID tiegħek. Li qegħdin nagħmlu hu li issa biex tkun tista' tieħu s-servizz tiegħek fil-komunità, jiġifieri li tmur għall-GU service u mhux l-Isptar Mater Dei, trid tintuża s-sistema tal-informatika, dik li ngħidulha l-electronic patient record, fejn ir-records tiegħek ikunu f'forma diġitali, ħalli jekk it-tabib ikun rak fiċ-ċentru tas-saħħa fejn hemm il-GU clinic, u mbagħad wieħed imur għal appuntament ieħor fil-GU clinic tal-Isptar Mater Dei jew bil-maqlub, wieħed ikun jaf x'hemm u x'ma hemmx. Is-sistema li kienet tintuża meta kien hemm biss il-GU clinic tal-Isptar Mater Dei kienet li l-informazzjoni kollha tinżamm fil-file bil-miktub u d-dettalji kollha jkunu miġbura hemm u għaldaqstant ma kienx hemm bżonn in-numru tal-ID. (Interruzzjonijiet) Mhux anonimu f'dak is-sens imma jkollu numru differenti minn tal-ID, għax xorta ried jinstab. Però biex is-servizz ikun jista' jingħata mhux biss fl-Isptar Mater Dei imma ma' Malta kollha, kif irridu nagħmlu aħna biex wieħed jinqeda kemm jista' jkun fil-komunità u mhux bilfors l-isptar, bdiet tintuża s-sistema tal-electronic patient record.

Aħna qbilna wkoll mar-rappreżentanti tal-LGBTIQ li dik il-parti tal-istorja msejħa s-social history, jiġifieri l-parti li inti qed tirreferi għaliha meta wieħed forsi jiddejjaq joqgħod jiddiskutiha ma' kulħadd, jagħmel sens li dik mhux trid toqgħod tgħidha kull darba li tmur għand it-tabib u terġa' tgħidlu mill-bidu x'relazzjonijiet sesswali kellek, ma' min, kemm damu, meta bdew u meta spiċċaw, imma tgħidha darba, tkun irrekordjata u tkun biss aċċessibbli għal dawk il-persuni li jkunu se jagħtuk trattament tal-GU. Kieku dan il-file jinżamm biss il-GU clinic tal-Isptar Mater Dei u trid tmur tieħu servizz fiċ-ċentru tas-saħħa, trid terġa' tispjegalu kollox mill-bidu. Dawk li jużaw is-servizz qalulna li l-fatt li kull darba jridu joqogħdu jgħidu l-istorja kollha, ma' min raqdu, x'jippreferu, hux naħa jew oħra, jew hux 'il fuq jew 'l isfel, idejjaqhom, u għalhekk dik il-parti issa qiegħda tkun irrekordjata, tingħad darba, imma tkun aċċessibbli biss għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn ikun qiegħed jingħata servizz tal-GU.

Din kien hemm qbil dwarha, bdejnieha issa riċentement, u qed insibu li tagħmel sens għax dan ifisser li issa bdejna nwessgħu s-servizz tal-GU clinic anke fil-komunità. B'dan il-mod in-nies qed jinqdew iżjed malajr għax meta s-servizz kien biss ġewwa l-Isptar Mater Dei, l-ispazju hu ristrett u ma jistax ikollok numru kbir ta' nies li jirrikorru hemmhekk. Imma issa li s-servizz

ftaħnieh madwar Malta u Għawdex qed ikollna aktar faċilità li noffruh. Jien informat li f'temp ta' ftit ġimgħat minn mindu bdejna dan is-servizz fil-komunità l-listi ta' stennija prattikament spiċċaw. Jekk għandek bżonn is-servizz għall-ewwel darba jagħtuhulek f'temp ta' ftit ġranet. Naturalment, jekk iridu jarawk wara erba' xhur jew wara sitt xhur, se jagħtuk appuntament għal erba' xhur jew sitt xhur wara.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet għadda. Ngħaddu għal Tqegħid ta' Karti u nsejjaħ lis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. ANDY ELLUL (Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali):** Sur President, f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar chairpersons u membri ta' kull entità pubblika li taqa' taħt id-dekasteru li għalih hi responsabbli l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13493;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Dokument bl-isem *Board of Exemptions of Fees – Policy and Rules of Procedure for the Exemption of Fees of State Education Institutions* – maħruġ fl-2019, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11899;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Avviż Legali Nru 273 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Arranġamenti Ġenerali għad-Dazju tas-Sisa (Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262) (Emenda Nru 2); u
>
> f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:
>
> Avviż Legali Nru 274 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pilotaġġ Marittimu;
>
> Avviż Legali Nru 275 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Mikromobilità; u
>
> Avviż Legali Nru 276 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar il-Kunsill Malti għas-Sigurtà fit-Toroq.

## KUMITATI PERMANENTI

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-lum, l-Onor. Chris Bonett u l-Onor. Davina Sammut Hili ssostitwixxew lill-Onor. Andy Ellul u lill-Onor. Alex Muscat.

Stqarrijiet ministerjali? Mozzjonijiet. Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

## MOZZJONIJIET

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-LIĠIJIET DWAR IL-KOMUNIKAZZJONIJIET

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, nipproponi l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet" ikun moqri l-Ewwel Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri l-Ewwel Darba.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Ngħaddu issa għall-Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (EMENDA NRU 2)

## EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS BILL (AMENDMENT NO. 2)

*L-ordni għat-Tieni Qari ġie moqri.*
*Ikompli mill-4 ta' Diċembru, 2023.*
*Il-mistoqsija reġgħet tqiegħdet.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Rimarki? L-Onor. Alex Borg.

**ONOR. ALEX BORG:** Sur President, illum qegħdin niddiskutu din l-emenda li se tibdel parti mill-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452. Biex nibda bil-bażiku, huwa fatt li bħala prinċipju dan l-Abbozz ta' Liġi huwa tajjeb, huwa bżonjuż u wara ħafna telf ta' ħin wasal il-mument li ndaħħlu dawn l-emendi fil-liġi ta' pajjiżna sabiex jirregolaw ir-realtà li għandna meta niġu għall-impjiegi ta' barranin ġewwa pajjiżna. Nemmen li r-regolarizzazzjoni tat-temping agents kienet neċessarja. Forsi setgħet daħlet qabel, però aħjar illum milli xejn.

Minnha nnifisha din l-emenda kważi kważi tikkonferma l-viżjoni ekonomika ħażina u żbaljata li kellu u li għad għandu sal-ġurnata tal-lum il-Gvern Laburista. Għal dawn l-aħħar għaxar snin il-viżjoni ekonomika kienet li jifqa' lil pajjiżna bil-ħaddiema barranin. Xħin irrealizza li kien żbaljat, issa qiegħed idaħħal din l-emenda wara ħafna telf u tkaxkir tas-saqajn sabiex jipprova jara kif se jreġġa' lura dan l-iżball kardinali li sar ġewwa pajjiżna.

B'dawn l-emendi li se jsiru fl-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali suppost se jkun hemm inqas ċans li jkun hemm abbużi meta niġu għat-temping agents. Infaħħar is-sustanza tal-liġi għaliex naħseb li s-sustanza tal-emenda kif inhi proposta hija tajba u tirrifletti r-realtajiet li għandna ġewwa pajjiżna. Però jkun tajjeb jekk issa mill-kitba u mill-kliem nimxu għar-realtà u verament ikun hemm infurzar biex ikun hemm tnaqqis tal-abbuż li rajna tul dawn l-aħħar snin. Kważi kważi tista' tgħid li dan l-abbuż kien traffikar ta' umani bil-barka tal-liġi. Naħseb li din l-emenda kienet importanti biex aħna nindirizzaw ir-realtajiet li għandna f'pajjiżna. Hemm realtajiet li fl-aħħar mill-aħħar kienu bżonjużi, però rridu naċċertaw ruħna li permezz ta' dawn l-emendi aħna nkunu qed insibu l-bilanċ bejn ir-regolamentazzjoni u li naċċertaw ruħna li ma ssirx aktar burokrazija u tistaġna l-ekonomija.

X'jiġifieri tistaġna l-ekonomija, Sur President? Illum il-ġurnata r-realtà hija li għandna setturi ekonomiċi li tista' tgħid li jiddependu mill-ħaddiema barranin, però minħabba viżjoni żbaljata tal-Gvern Laburista qbiżna l-limitu u tlifna l-kontroll. Għaldaqstant huwa importanti li naċċertaw ruħna li dan l-Abbozz ta' Liġi mhuwiex se joħloq burokrazija żejda li tista' tkun ta' piż ekonomiku fuq il-kumpaniji u fuq is-setturi li llum il-ġurnata jiddependu minn ħafna barranin, fosthom dawk tal-kostruzzjoni, tat-tindif tat-toroq, tal-ospitalità u tal-catering.

Ikun tajjeb jekk naċċertaw ruħna li b'din l-emenda fil-liġi aħna se nsibu dan il-bilanċ li kien hemm bżonn, għaliex din hija emenda li qed tindirizza realtajiet, problemi u abbużi li qed isiru f'pajjiżna meta niġu għat-temping agents. Min-naħa l-oħra rridu naċċertaw ruħna li żgur mhux se jkun hemm burokrazija żejda u piż finanzjarju fuq l-ekonomija tagħna, fuq il-kumpaniji u s-setturi li jiddependu mill-barrani sabiex insibu dan il-bilanċ.

Illum il-ġurnata f'pajjiżna huwa stmat li għandna madwar 97,000 ħaddiem barrani; 36% huma ċittadini Ewropej filwaqt li 63% ġejjin minn pajjiżi terzi. Din l-istatistika ħarġet b'mod uffiċjali minn Jobsplus u tirrifletti r-realtà li għandna ġewwa pajjiżna. Tirrifletti wkoll il-ħsara u l-pressjoni li qed naraw fuq diversi setturi ta' pajjiżna, fosthom l-infrastruttura. Illum il-ġurnata nafu xi ħsara qed issir fuq it-toroq tagħna u mhux qed ikun hemm indirizz neċessarju biex naċċertaw li l-infrastruttura ta' pajjiżna tkun b'saħħitha biżżejjed għal din ir-realtà. Dan wassal biex ikollna traffiku ta' kuljum u saħansitra f'dawn l-aħħar ġimgħat kellna anke diversi Ministri li waslu tard minħabba t-traffiku ġewwa pajjiżna.

Hemm pressjoni wkoll fuq is-sistema tas-saħħa u fuq l-isptarijiet tagħna minħabba l-fatt li l-popolazzjoni tul dawn l-aħħar snin splodiet. Is-sistema edukattiva wkoll qed tara ċerti pressjonijiet minħabba l-popolazzjoni li żdiedet tul dawn l-aħħar għaxar snin. F'dik li hija s-

sigurtà ta' pajjiżna wkoll rajna diversi atti kriminali li seħħew tul dawn l-aħħar snin minħabba l-bidla demografika li kellna f'pajjiżna.

Sur President, jien fl-aħħar mill-aħħar il-kelliem għal Għawdex għall-Oppożizzjoni u bħalma sħaqt tul dawn l-aħħar xhur, minkejja l-attakki li kien hemm min-naħa tal-Gvern fuqi u minkejja l-mod ta' kif ipprovaw jirredikolaw u pprovaw ipinġuni li qisni qed ngħix f'dinja għalija, ir-realtà hija iva, li dawn l-aħħar snin rajna żieda qawwija fil-popolazzjoni li ħalliet pressjonijiet fuq diversi setturi ekonomiċi u anke fuq is-sigurtà ta' pajjiżna. Għalhekk kien hemm bżonn din l-emenda sabiex verament nindirizzaw ir-realtajiet li għandna f'pajjiżna u sabiex innaqqsu l-abbuż. Kif għedt fil-bidu issa huwa importanti li naċċertaw ruħna li b'dawn l-emendi li se jidħlu fil-liġijiet ta' pajjiżna l-ekonomija tibqa' għaddejja b'mod effiċjenti, tibqa tikber u titkattar.

Irridu naċċertaw ruħna li jkun hemm linji gwida tajbin sabiex il-kumpaniji u s-setturi li jiddependu mill-ħaddiema barranin jibqgħu għaddejjin b'mod effiċjenti, jibqgħu jaħdmu u nagħtuhom xorta waħda l-opportunità li jibqgħu jikbru. Fl-aħħar mill-aħħar huwa importanti li aħna bħala politiċi, kemm bħala Gvern kif ukoll bħala Oppożizzjoni, naċċertaw ruħna li ħadd ma jitħalla lura, li l-ekonomija ta' pajjiżna tibqa' tikber u naċċertaw ruħna wkoll li s-setturi tant importanti ta' pajjiżna li xi drabi jiddependu mill-ħaddiema barranin nagħtuhom l-għodda neċessarja biex jibqgħu jikbru u jitkattru. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi ħafna. Aktar rimarki? L-Onor. Glenn Bedingfield.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Sur President, qegħdin nitkellmu fuq Abbozz ta' Liġi li nibet minn ideal li jħaddan il-Partit Laburista, għax aktar minn xejn dan l-Abbozz ta' Liġi jitkellem fuq id-drittijiet tal-ħaddiema. Fost il-prinċipji tagħna hemm il-prinċipji Soċjalisti tal-promozzjoni tal-ġid komuni, tal-ħaqq soċjali, tal-ugwaljanza u li kulħadd ikollu dritt ta' aċċess għax-xogħol, għas-saħħa, għall-edukazzjoni, għall-housing iżda, fuq kollox, u din semmejtha fl-ewwel lok, hemm id-drittjiet tal-ħaddiema. Il-prinċipju Soċjalista jwassal għall-ħolqien ta' soċjetà ġusta fejn il-ġid komuni jinqasam b'ġustizzja u fejn tali tqassim tal-ġid iwassal għal soċjetà li tkun robusta. Imma għaliex huma meħtieġa dawn l-emendi?

Smajna diversi kelliema miż-żewġ naħat tal-Kamra; għadni kif smajt lill-Onor. Borg u lbieraħ smajt ukoll lill-Onor. Buttigieg, li ħadt pjaċir nismagħha titkellem fuq id-dinjità qisha d-dinjità hija kelma li skoprietha n-naħa tal-Oppożizzjoni! Imma bejn kliem u fatti hemm baħar jikkumbatti u jien jidhirli li dan il-Gvern jirrispetta d-dinjità tal-ħaddiema ħafna u ħafna aktar milli kienu jirrispettawha amministrazzjonijiet oħrajn. Mhux se noqgħod insemmi d-dritt tal-istrajk u drittijiet oħrajn li ġieli kienu anke kalpestati f'dan il-pajjiż. (Interruzzjonijiet) Fil-każ staqsi lill-ħaddiema tal-Bank of Valletta u lill-ħaddiema tal-Phoenicia li meta strajkjaw kienu locked out! Staqsi lill-ħaddiema tal-Bank of Valletta! Jekk forsi l-kollega tiegħi għandu memorja qasira, jista' jmur ifittex fl-annali tal-istorja. Jista' jmur ifittex anke fil-ġurnali ta' dak iż-żmien u jkun jaf x'qed ngħid. (Interruzzjonijiet) Semma n-nurses! In-nurses, Sur President, għadhom kif ħadu l-aqwa ftehim kollettiv li qatt ħadu f'pajjiżna. (Onor. Membri: Hear, hear) Jekk se ssemmi, oqgħod attent Onor. Castillo!

Dawn l-emendi huma meħtieġa għaliex bħal f'kull qasam ieħor, il-qasam tax-xogħol jevolvi, jinbidlu ċerti prattiċi u magħhom irridu anke nevolvu l-politika tagħna dwar ix-xogħol. Naħseb li kien wasal iż-żmien li jkollna Abbozz ta' Liġi bħal dan li ġeneralment huwa wieħed tajjeb. Jista' jkun hemm kritika, pereżempju, dwar il-compliance cost jew inkella l-ħolqien ta' proċessi oħrajn, imma kollox ma' kollox huwa Abbozz ta' Liġi intiż biex itejjeb id-drittijiet tal-ħaddiema. Apparti minn hekk, joħloq bilanċ bejn il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u r-relazzjoni li l-ħaddiema jkollhom ma' min iħaddimhom u kif dawn il-kumpaniji jistgħu jkomplu jimirħu u jinvestu għall-ġejjieni tagħhom. Finalment l-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa li ma jkunx hawn abbuż għaliex rajna, qrajna u smajna anke diversi kelliema f'dan id-dibattitu li semmew li kien hawn diversi abbużi f'dan il-qasam. Dan l-abbuż irid jinqata' għaliex aħna verament nemmnu li l-ħaddiem għandu jkollu d-dinjità tiegħu.

Dan l-Abbozz ta' Liġi qiegħed jirregola mudell kontemporanju fis-suq tax-xogħol li huma t-temping agents u l-outsourcing agents flimkien mar-recruitment agents. Il-liġi dwar ir-recruitment agents jidhirli li għaddiet l-ewwel

darba f'nofs is-snin disgħin, imbagħad sussegwentement kien hemm anke liġijiet oħrajn li ttrattaw dan il-qasam fil-bidu tas-snin elfejn. F'dawn l-aħħar snin dan il-mudell żviluppa ċerta popolarità fost min iħaddem u min jaħdem imma naħseb li kien wasal iż-żmien li nibdew nirregolawh biex insibu l-bilanċ ġust.

Dan l-Abbozz ta' Liġi qiegħed jirrifletti r-rieda li hemm f'dik li tista' ssejħilha l-ekosistema ġdida lavorattiva bbażata fuq il-ħteġijiet tal-lum fejn jeżistu realtajiet fejn ikollok kumpaniji li aktar ikun jaqblilhom li jġibu ħaddiema minn kumpaniji oħrajn milli jkollhom ħaddiema fuq il-kotba tagħhom. Dan isir għar-raġunijiet li jafu huma u jsir f'diversi setturi, inkluż fil-qasam tal-catering fejn għandna nuqqas ta' ħaddiema Maltin. Fl-adoloxxenza tiegħi f'nofs is-snin tmenin u disgħin, li taħdem ma' lukanda speċjalment ma' lukanda prestiġjuża, kien xogħol prestiġjuż.

Kien hemm anke ħafna ħbieb tiegħi li għamlu karriera fil-catering, inkluż membri tal-familja tiegħi. Dak iż-żmien il-catering kien ikkonsidrat bħala karriera u karriera tajba. Illum sfortunatament ħafna mill-istudenti u mill-adolexxenti meta jkunu qegħdin jaraw kif jagħżlu l-karriera tagħhom mhux qed imorru lejn dawn it-tip xogħlijiet u qed jagħżlu karrieri oħrajn. Dan jista' jkun għaliex forsi l-aspettattivi tagħhom għolew u hija ħaġa tajba wkoll li jkollna poplu Malti li jkollu aspettattivi għoljin.

Jien semmejt is-settur tal-catering bħala eżempju imma hemm ukoll is-setturi tat-tindif u diversi setturi oħrajn fejn hawn ħafna aktar xogħol milli għandna ħaddiema f'pajjiżna. Anke jekk dan l-Abbozz ta' Liġi mhux se jkun qiegħed japplika għalihom, però anke fi professjonijiet bħal dawk tal-accountancy u tal-awdituri hawn ħafna aktar xogħol milli qegħdin jiggradwaw accountants u awdituri. Għalhekk il-kumpaniji li jkollhom bżonn l-accountants u l-awdituri qed jipprovaw iġibu l-istess persuni minn barra. Anke fejn tidħol l-arkitettura qed jiġri hekk.

Sur President, aħna konxji tad-diffikultajiet li kien hawn u konxji wkoll li hawn min qed jipprova jirkeb fuq il-biżgħat tan-nies, biżgħat li jistgħu jkunu ġenwini. Hawn min jibża' u jemmen ġenwinament li f'Malta m'għandux ikun hawn ħaddiema li mhumiex Maltin, u hawn min jara kif jagħmel biex jirkeb fuq il-biża' ta' dawk li jaħsbu hekk biex jara jekk jistax jikseb il-vot ta' dawk li qegħdin igergru. Id-dinjità tal-ħaddiema, ir-relazzjonijiet industrijali u l-qasam tax-xogħol huma oqsma li m'għandniex nippolitiċizzaw. Imbagħad l-aktar li ddejjaqni hi li ssib min jgħid u jkompli jitfa' l-ħatab fin-nar mhux kontra l-ħaddiema barranin kollha imma kontra dawk li għandhom ġilda skura. Ġieli tisma' min jgħidlek li għadda minn quddiem stage u ma kienx hemm Malti! Imbagħad meta tistaqsi kif kien jaf li ma kienx hemm Malti jgħidlek: Għax kienu kollha ta' ġilda skura! Mela li kieku kienu ħaddiema mhux ta' ġilda skura ma kienx jinduna jekk humiex Maltin jew le, setgħu kienu ħaddiema barranin, għax il-ħaddiema barranin li hawn f'Malta mhumiex kollha ta' ġilda skura. Sfortunatament l-aktar li jattiraw l-attenzjoni u l-aktar li jkun hawn min jiddejjaq hu bil-persuni li għandhom ġilda skura, u din hija xi ħaġa li lili personalment iddejjaqni għax għalija ħaddiem huwa ħaddiem, irrispettivament mill-kulur tal-ġilda tiegħu u minn x'jaħseb u ma jaħsibx.

Hija sfortuna li jkollok min, anke bħall-Kap tal-Oppożizzjoni nnifsu hawnhekk, li skont *The Times of Malta* iddikjara l-falz. Kellek imbagħad - anke f'artikli li qrajt - il-Kunsill Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista li tlaqqa' proprju fil-weekend li għadda fejn kellek lill-Onor. Mario de Marco li pprova jiġbed widnejn sħabu biex ma jkunux daqshekk popolisti, għaliex il-popoliżmu jista' jġib aktar problemi u jista' jkun ta' aktar dannu milli ġid. Min-naħa l-oħra dejjem nisimgħu fuq il-viżjoni tal-eċċellenza, imma issa rridu d-dettalji. Waslu biex iddikjaraw il-falz meta qalu li l-popolazzjoni hija d-doppju u qalu li jridu li l-popolazzjoni tmur lura għal-livelli li kienet għaxar snin ilu, jiġifieri jridu jnaqqsu l-popolazzjoni b'100,000.

Jistgħu jgħidulna lil min se jkeċċu, Sur President? Minn liema setturi se jaqbdu jkeċċu? Liema ħaddiema se jkeċċu? Se jkeċċu lill-ħaddiema li qegħdin igergru kontra tagħhom in-nies fuq il-Facebook, jiġifieri dawk ta' ġilda skura? Lil min se jkeċċu? Se jkeċċu lil xi ħadd?! Għidulna! Jekk se tgħidu li mhu se tkeċċu lil ħadd, mela allura għalfejn qed tagħmlu dan l-istorbju kollu? Għalfejn qed tirkbu fuq il-biżgħat tan-nies u min qiegħed igerger biex tipprovaw teħdulu l-vot? Għalfejn? Ħsara qed tagħmlu! Jekk mingħalikom qed tagħmlu ġid lill-Partit sejrin żball, għax ħsara qed tagħmlu.

Tibqgħux bl-għamad politiku, neħħu l-partiġjaniżmu f'każ bħal dan, fejn qed nitkellmu

fuq ħaddiema u fuq nies bħalna. Allura billi għandhom ġilda skura, mhux xorta ħaddiema? Għalfejn noqogħdu niffumentaw? F'dan il-każ kważi qed tiffumentaw il-mibegħda biex tirkbu fuq il-biżgħat tan-nies. Araw id-diskorsi li saru kemm kienu popolisti, kemm qed tipprovaw tirkbu fuq it-tgergir tan-nies. Jien għalija d-dinjità tal-ħaddiema hija ferm aktar importanti mit-tgergir u huwa żbaljat li tipprova tiġbed is-simpatija tal-elettorat billi toqgħod tirkeb fuq it-tgergir tan-nies.

Sur President, jien nasal biex nagħlaq hawnhekk b'appell biex inkunu aktar maturi f'din id-diskussjoni, għaliex in-nies tkun qed tarana, in-nies tkun qed tismagħna u tkun qed tixtarr ukoll dak li nkunu qegħdin ngħidu. Nikkonkludi kif bdejt, billi ngħid li dan huwa Abbozz ta' Liġi li jittratta d-drittijiet tal-ħaddiema aktar minn kollox u jittratta l-mod ġdid ta' kif qed jaħdem il-qasam tax-xogħol. Fuq kollox nikkonkludi billi nappella liż-żewġ naħat tal-Kamra biex f'dan id-dibattitu noqogħdu ftit attenti u nirrispettaw id-dinjità ta' kulħadd. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Stanley Zammit.

**ONOR. STANLEY ZAMMIT:** Sur President, se nkompli mal-Onor. Bedingfield u nipprova nkun matur f'din id-diskussjoni. Fil-fatt nieħu gost u napprezza kif dan id-dibattitu żvolġa u qiegħed jiżvolġi. Inħoss li qed tinħoloq art fertili għal diskussjoni sana fi stadji oħra ta' din il-leġiżlazzjoni sabiex dak li ġie ppreżentat ikun jista' jitjieb. Sinċerament nappella sabiex nittrattaw dawn l-issues, inkluż dan is-sett ta' leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi, b'mod ħolistiku u nittrattaw il-problemi mill-għeruq. Naqbel mal-Onor. Bedingfield li m'għandniex immorru la għall-kuluri u wisq anqas għall-modi superfiċjali kif nittrattaw dawn iċ-ċirkostanzi.

Storikament dawn it-tip ta' liġijiet u emendi dejjem kienu milestones importanti ħafna fil-mixja ekonomika u soċjali ta' pajjiżna u ġeneralment dejjem għaddew b'kunsens sħiħ bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra. Jien ili fil-manifattura minn mindu ggradwajt 28 sena ilu. Dejjem ħdimt fil-management relatat mal-operat u għalhekk għixt din l-evoluzzjoni fl-impjiegi mill-1995 'l hawn, inkluż it-tibdiliet u d-direttivi li kellhom jiġu introdotti minn mindu dħalna fl-Unjoni Ewropea. Qed ngħixu f'dinja li l-unika ħaġa li ma tinbidilx hija l-bidla! The only constant is change!

Sur President, saru żbalji, mela le, inkluż esperimentazzjoni li llum ngħidu li kienet żbaljata jew żejda fis-sistema edukattiva tagħna, imma tajjeb li jiġi rikonoxxut li sar ħafna u ħafna aktar tajjeb. Maż-żmien rajna l-bżonn li r-riżorsi umani tajbin tagħna jissaħħu, jikbru u jitjiebu. Ridna nkunu, u fil-fatt konna, kreattivi u innovattivi, u bħala pajjiż ħloqna niċeċ ekonomiċi li jrendu u li għadhom irendu sal-lum. Dawn in-niċeċ utilizzaw, immassimizzaw u għamlu l-aħjar minn dawn ir-riżorsi tajbin li għandna. Inħolqu wkoll istituzzjonijiet bħall-MCAST u l-ITS u nħoloq numru kbir ta' korsijiet fl-Università ta' Malta sabiex din ir-riżorsa umana tarrikkixxi ruħha u sabiex nibnu r-riżorsa umana meħtieġa għal dawn l-oqsma ġodda.

F'pajjiżna l-industriji tal-manifattura, tat-turiżmu, tal-iGaming, tal-avjazzjoni, tal-qasam marittimu, tas-saħħa, tal-kostruzzjoni u oħrajn eżistenti u potenzjali bħal dawk tas-servizzi ta' konformità u due diligence, il-manifattura speċjalizzata u applikazzjonijiet avvanzati, Esports, enerġija alternattiva u oħrajn li għad iridu jiġu u li l-Gvern, li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-akbar konsumatur u l-akbar employer tal-pajjiż, jinħtieġu riżorsa umana adegwata u ta' kwalità. Għalhekk f'dan il-ħin allokat għalija se nsemmi punti dwar kif dan li qiegħed jiġi ppreżentat jista' jitjieb sabiex il-provvediment tar-riżorsa umana ikun f'qafas li jkun ġust u ferm sod.

Sur President, huwa veru li hawn operaturi li jużaw lill-ħaddiema u jabbużaw, u għamlet tajjeb l-Onor. Claudette Buttigieg li lbieraħ semmiet eżempji ta' abbużi sfaċċati ta' ħaddiema sfruttati. Huwa tajjeb li qed indaħħlu wkoll dawn ir-regoli u dawn l-emendi fil-liġijiet. Mill-banda l-oħra għandna ħafna u ħafna operaturi li huma onesti u jittrattaw lill-ħaddiema tagħhom u lill-klijenti tagħhom bl-aktar dinjità. Nixtieq insellem lil dawn l-operaturi u nirringrazzjahom.

Mill-ġdid, mill-esperjenza tiegħi, fejn naħdem jien ukoll nużaw temping agents. Din l-aġenzija tieħu ħsieb mhux biss li tittratta l-ħaddiema bl-aktar mod tajjeb, imma wkoll il-mod kif tiġi kalkulata r-rata ta' ħlas. Tibda minn kif ħaddiem jistħoqqlu jitħallas kieku jaħdem direttament mal-intrapriża, u fuq dik ir-rata tinbena r-rata li tieħu l-aġenzija. Għalhekk, dawn it-tip ta' ħaddiema, barranin u Maltin, jitħallsu

daqslikieku jaħdmu direttament ma' intrapriża. (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, m'għandniex nillimitaw lilna nfusna u naħsbu li l-aġenziji ta' xogħol temporanju jew ta' outsourcing qegħdin hemm biss għall-barranin. Anzi, jekk il-Gvern jagħraf ikun għaqli u jagħraf jagħmel it-tibdiliet b'mod sħiħ, b'mod ġust u talbiet sodi jista' joħloq niċċa ekonomika li mhux tabbuża mill-ħaddiem imma li tipprovdi, speċjalment lill-ħaddiem Malti, b'opportunitajiet ġodda. M'aħniex se nkunu qed nivvintaw ir-rota għax dawn li qed insemmi huma mudelli li jeżistu f'pajjiżi oħrajn. Kellna u għad għandna Maltin li għandhom ħiliet speċifiċi jew speċjalizzati li forsi f'intrapriża waħda m'hemmx xogħol biżżejjed għalihom għal sena sħiħa, u għalhekk dawn ifittxu li jaħdmu ma' aġenziji bħal dawn għaliex dawn isibulhom opportunitajiet ma' intrapriżi differenti ta' biċċiet ta' xogħol fejn jitħallsu tajjeb minħabba l-ħiliet u l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom. Dawn jitħallsu iżjed għaliex ikunu jistgħu joffru flessibbiltà, ikunu eżatt meta u fejn meħtieġ, u għalhekk fl-aħħar mill-aħħar l-operat ikun aktar effettiv, aktar effiċjenti u dak li jkun ikun lest li jħallas aktar.

Dawn it-tibdiliet għandu jkollhom l-għan li jwasslu lill-pajjiż biex ikun aktar kompetittiv u jwasslu wkoll lill-operaturi biex joperaw f'kompetizzjoni ġusta. Kif nistgħu nkunu aktar kompetittivi permezz ta' sistema integra u ta' governanza tajba? Meta m'hawnx proġett jew sistema li mhijiex imtappna ftit jew wisq bil-korruzzjoni, bit-tbażwir, bil-frodi u b'abbużi, jista' jkun li ninstema' stramb meta nitkellem fuq il-ħtieġa li dawn it-tibdiliet iridu jassiguraw li s-sistema tkun sħiħa, integra u ta' governanza tajba, mhux biss għall-operat tal-aġenziji.

Jekk qed inħarsu lejn din il-liġi biex intejbu l-kompetittività ta' pajjiżna u tal-industriji tagħna, jeħtieġ li nifhmu li l-integrità tas-sistema u governanza tajba li bihom għandha titħaddem, inkluż dik tal-operaturi, huma l-key enablers sabiex tiżdied il-fiduċja ta' kull min huwa involut. B'min hu involut nifhem il-ħaddiema, min joffri s-servizz u min jirċevih. B'din l-integrità jibbenefikaw u jissaħħu l-vantaġġi kompetittivi strateġiċi kemm tal-pajjiż, kemm tal-operaturi, kif ukoll ta' dawk li jagħmlu użu mis-servizz tagħhom.

Sur President, hawnhekk irrid insemmi l-konċett tal-Environmental, Social and Governance (ESG) li sfortunatament fl-emendi ma jissemmiex. Huwa mod kif dawn l-operaturi, dawn l-aġenziji, jistgħu jitkejlu u jiġu ppremjati jekk idaħħlu dawn il-konċetti ambjentali, soċjali u ta' governanza tajba fl-operat tagħhom. Il-Gvern jaf tajjeb, għaliex qaluhielu l-operaturi stess, li l-akbar ħsara għall-integrità u l-governanza tajba tas-sistema u fejn l-aktar il-ħaddiema barranin qed jiġu misluħin huwa barra minn xtutna, fejn aġenziji barranin jew third country nationals f'Malta stess joffru ġenna tal-art li ma teżistix, korsijiet bla standard ta' xejn u jużaw il-ħbieb tal-ħbieb fis-sistema tal-visas.

Dawn jiġbru mijiet jekk mhux eluf ta' ewro f'charges li mhumiex ġusti, u jiġu jaqgħu u jqumu mill-kwalità sakemm jagħmlu kemxa tajba minn fuq dahar ħaddiema mixtieqa għal ħajja aħjar. Ejja nikkonsidraw bis-serjetà li l-Jobsplus jew aġenzija oħra governattiva simili tieħu rwol akbar f'din is-sistema billi tkun hi li tanalizza l-ħiliet li għandu bżonn pajjiżna, tiġbor, tgħarbel u tqabbel dawn il-ħiliet, u tforni l-ħiliet u l-kompetenzi tal-ħaddiema lil min jitlob għalihom.

Għandna każijiet fejn, pereżempju, intrapriża titlob numru ta' ħaddiema lil aktar minn recruitment agency jew temping agency waħda u tieħu biss il-ħaddiema ta' dik ir-recruitment agency jew temping agency li tipprovdi l-ħaddiema l-ewwel. Il-ħaddiema ta' dawk l-aġenziji jaslu tard minħabba dewmien ta' xhur sħaħ ikkawżat minn Identity Malta, li llum qed insejħulha Identità, mill-Jobsplus u mill-immigrazzjoni, u meta jiġu hawn veru jkollhom il-kuntratt f'idejhom tal-wegħda tax-xogħol għal sena, imma jsibu li fejn kienu sejrin jaħdmu dawk il-vakanzi jkunu mtlew min-nies ta' aġenzija oħra.

X'qed jiġri minn dawn il-ħaddiema, Sur President? Irridu nżommu f'moħħna li hawn aġenziji li qegħdin jużaw dan id-dewmien bħala skuża u qegħdin jisfruttaw il-ħaddiema qabel ma dawn jiddaħħlu fis-sistema leġittima. Din hija sistema oħra ta' ħasil ta' flus. L-abbuż għandna nilqgħu għalih minn qabel u mhux l-ewwel isir l-abbuż imbagħad naraw kif se nirranġaw. Hawn irrid inkun ċar li b'dan ma rridux infissru li ma jkollniex id-deterrenti f'posthom u li ma nkunux ħorox ma' min jitħajjar jabbuża. Anzi naqblu mal-miżuri dixxiplinarji li qegħdin jiġu introdotti.

Sur President, irridu naraw ukoll li ma jkollniex sistemi li jrewħu l-abbuż. Pereżempju għandna

naraw li meta jiġu ppubblikati t-tenders dawn ikunu ddisinjati sabiex la jisfruttaw lill-ħaddiema u wisq inqas ikunu inġusti ma' wħud minn dawk li jkunu jixtiequ jitfgħu t-tender. Rajna diversi każijiet fejn tender jintrebaħ b'rati li huma eżattament daqs kemm jiġi jiswa l-ħaddiem. Ma naħsibx li hemm bżonn tkun xi għaref biex tinduna li l-qligħ ikun jew sar barra minn Malta qabel ma l-ħaddiem ikun ġie impjegat jew il-ħaddiem ma jkunx qed jieħu dak li ħaqqu.

L-integrità u l-governanza tajba m'għandhiex tiġi sfurzata bil-garanziji u l-fondi speċjalment meta dawn ma japplikawx għal kulħadd. Irridu naraw li ma jinħolqux inġustizzji ma' ħaddiema Maltin jew barranin u ma jkunx hemm kompetizzjoni inġusta bejn ħaddiema li jiddeċiedu li ma jkunux ma' aġenziji u dawk li jiddeċiedu li jaħdmu ma' aġenziji, għaliex dawk li ma jaħdmux ma' aġenziji ma jkollhomx fond ta' garanziji biex jipprovdilhom kumpens f'każ li l-impjieg tagħhom jintemm jew jiġi mitmum minħabba revoka jew nuqqas ta' tiġdid ta' liċenzja tal-operat tal-impjegatur tagħhom. Mill-banda l-oħra jagħmel sens li l-Gvern jobbliga lil dawn it-temping agencies tas-subcontracting li jkollhom sistema ta' ħlas ta' pagi li żżomm rekord tal-pagamenti, pagi u bolol li tħallsu u għalxiex saru.

Din il-liġi ma tridx tieħu ħsieb biss lill-ħaddiema b'xogħlijiet b'pagi baxxi imma trid tara wkoll li jekk forsi ma tinċentivax għall-inqas ma tfixkilx u ma tagħmilhiex diffiċli għan-nies b'salarji għoljin. L-Onor. Glenn Bedingfield għamel referenza għal accountants u għall-ħaddiema fl-arkitettura li l-pajjiż għandu bżonn iżjed u mhux qed isib. Il-pajjiż u l-industriji varji, speċjalment dawk innovattivi għandhom bżonn ukoll dawn il-ħaddiema mhux biss għaliex m'għandniex dawn il-kompetenzi lokalment, imma wkoll sabiex dawn iġibu esperjenzi ġodda magħhom minn postijiet li qegħdin snin qabilna f'ċerti setturi.

Għad għandna oqsma fejn is-sistema edukattiva tagħna għadha mhijiex tipproduċi jew mhux tipproduċi biżżejjed, jew qiegħda tipproduċi b'esperjenzi limitati. Għandna sitwazzjonijiet ta' gradwati mhux impjegati f'xi setturi u nuqqas ta' impjegati kwalifikati f'MQF levels 4 u 5. Meta l-Oppożizzjoni qiegħda titkellem dwar il-viżjoni ekonomika ta' eċċellenza qegħdin nirreferu wkoll għal dan. Jekk u fejn hemm bżonn, għandna nimpurtaw riżorsa umana li żżid il-valur. Irridu naraw li din il-leġiżlazzjoni tassigura mhux biss l-integrità u governanza tajba imma wkoll il-valur miżjud.

Mill-esperjenza tiegħi nista' ngħid li meta kien jeħtiġilna li nġibu ħaddiema esperti barranin biex nintroduċu teknoloġiji ġodda, dawn ġew u rawmu ħaddiema Maltin bl-aktar mod tajjeb. Illum minn dawn il-ħaddiema Maltin hemm min kiber, kemm fl-istess kumpanija kif ukoll f'postijiet oħra. Hawn nixtieq insemmi biss każ wieħed. Persuna li daħlet taħdem fejn naħdem jien bħala school leaver mingħajr O levels, iltaqgħet ma' inġinier barrani, dan l-inġinier qanqlilha l-kurżità, għallem lil din il-persuna u ħarriġha.

Din il-persuna mbagħad għamlet l-O levels, għamlet l-A levels, ġabet il-Baċellerat, ġabet il-Masters u llum qiegħda f'kariga għolja l-Enemalta. Bħal dawn l-istejjer ta' suċċess naf għexieren fl-IT, fil-manifattura, fl-industrija tal-ikel, fil-farmaċewtika u issa wkoll fil-qasam tal-enerġija alternattiva. Huwa veru li llum hawn programmi, uħud minnhom finanzjati mill-Unjoni Ewropea, li jagħtu opportunità anke liż-żgħażagħ tagħna u lill-individwi sabiex dawn jiksbu esperjenzi barra minn Malta permezz ta' temping u subcontracting ta' ħaddiema speċjalizzati, imma b'dan il-mod aħna nkunu nistgħu nagħtu din l-opportunità f'darna stess.

Niżbaljaw bil-kbir jekk naħsbu li t-temping u s-subcontracting huma limitati biss għal xogħlijiet b'pagi baxxi jew għall-barranin biss. Kif diġà semmejt, it-temping kif ukoll is-subcontracting jistgħu jkunu industrija fihom infushom ta' valur miżjud għoli u flessibbiltà akbar li jwasslu għal aktar effiċjenza u aktar kompettitività. Huwa veru li min se jixtri s-servizz ta' temping jew subcontracting jaf iħallas aktar, imma dan għaliex ikun jista' jsib ir-riżorsa umana li għandu bżonn diġà lesta, diġà mħarrġa, isibha meta għandu bżonnha, ma jħallasx ta' ħiliet mhux produttivi u għalhekk jkollu inqas overheads. Dan huwa mod kif tiżdied l-effiċjenza u l-produttività tal-pajjiż. B'hekk il-pajjiż ikollu riżorsa flessibbli li tkun tista' tintuża kontinwament anke jekk mhux neċessarjament fl-istess post jew mal-istess intrapriża.

Sur President, m'aħniex nivvintaw ir-rota mill-ġdid. Diversi esperti Maltin, bħal welders jew għaddasa speċjalizzati, ħadmu u jaħdmu ma' temping agencies barranin barra minn Malta b'pagi tajbin ħafna. Mill-banda l-oħra, kif semma wkoll l-Onor. Alex Borg, ma nistgħux

nitgħabbew bi spejjeż żejda billi nivvintaw patafjun ta' dokumenti, formoli u red tape li żgur ma jżidu l-ebda valur. Waqt li nifhem ir-raġuni wara l-fond u l-garanziji li qegħdin jiġu proposti, irridu nistaqsu wkoll: X'inhuwa l-valur miżjud li joħroġ minn dan il-fond u minn dawn il-garanziji? Dawn se jkunu biss spejjeż li fl-aħħar mill-aħħar se jħallas għalihom il-konsumatur finali u għalhekk ikollhom effett negattiv fuq il-kompetittività?

Irridu ntejbu l-kompetittività permezz tal-kwalità u l-ħiliet. X'riżorsi għandna bżonn li huma marbuta mal-mudell ekonomiku li għażel pajjiżna? Mhux se noqgħod nidħol fuq il-mudell li għandna, li kellna u li forsi se jkollna, għaliex naħseb li ma nsibx tarf. Imma rrid ngħid li l-livell ta' ħaddiema barranin li jiġu huwa determinat mill-mudell u l-istrateġiji ekonomiċi li għażel il-Gvern. Dan huwa dak li joħloq jew jagħlaq l-ispazju, huwa dan li jiddetermina kemm u x'tip ta' riżorsi l-pajjiż għandu bżonn.

Irridu nqabblu l-ħiliet u nibnu l-ħiliet skont din il-viżjoni ekonomika li għażel il-Gvern sabiex nimmassimizzaw it-tkabbir sostenibbli u ntejbu l-benesseri tal-poplu tagħna. Jekk, pereżempju, fit-turiżmu l-istrateġija hija l-kwantità tat-turisti, allura jkollna ħames turisti li jordnaw ilma wieħed u ħames tazzi. F'dak il-każ għandek bżonn inqas bartenders u iżjed dishwashers. Jekk l-istrateġija mill-banda l-oħra tkun li nimmiraw għal tliet turisti li jieħdu cocktail kull wieħed, f'dak il-każ għandna bżonn aktar bartenders u inqas dishwashers!

Ilbieraħ l-Onor. Ivan Castillo semma li sfortunatament ħlejna snin biex nibnu sistema robusta li tiddetermina u tikkalibra l-ħiliet li għandna bżonn nibnu lokalment u allura qed nimportaw biex nipprovdu dak li għandu bżonn pajjiżna. Sabiex dan li qegħdin niddiskutu llum ma jkunx biss eżerċizzju superfiċjali jeħtieġ li nibnu din is-sistema u naraw x'inhuma l-ħiliet li għandna bżonn fit-turiżmu, x'għandna bżonn fit-trasformazzjoni lejn manifattura b'valur miżjud, lejn setturi ekonomiċi ġodda li jistgħu jkunu attirati lejn Malta. Ilbieraħ il-Ministru tat-Turiżmu Clayton Bartolo irreplika ġustament - u sewwa għamel u napprezzaw - diversi ħsibijiet tal-Oppożizzjoni fejn qal li jekk irridu niffokaw fuq il-kwalità jeħtieġ li t-turist ikun jaf li se jsib din il-kwalità u jkun lest li jħallas għaliha, imma mbagħad se jippretendi li jieħu ta' dak li se jħallas.

Hija tal-mistħija li matul dawn l-aħħar snin offrejna servizzi medjokri mhux biss fit-turiżmu imma sfortunatament anke fis-saħħa b'detriment tal-pazjenti u tal-anzjani. Jien naf b'każ fejn anzjan litteralment ma jistax joħroġ jagħmel żewġ passi u jinsab maqful ma' martu għaliex il-carer barranija li l-Gvern ipprovda mhijiex imħarrġa. Bl-azzjonijiet tagħha, bl-attitudni tagħha u bin-nuqqas ta' ħiliet tagħha qiegħda tikkawża aktar ħsara milli ġid. Nikkwota hawnhekk lill-Onor. Katya de Giovanni li f'diskors il-ġimgħa l-oħra jew ħmistax ilu qalet li huwa ta' xejn li l-Gvern jintroduċi servizzi ġodda jekk m'għandniex ir-riżorsa umana biex insostnuhom.

Sur President, l-għan aħħari ta' dawn l-emendi u ta' dan l-Avviż Legali m'għandux ikun biss il-kontroll fuq l-aġenziji. Żgur li m'għandux ikun li l-għan ikun biex naġevolaw l-aġenziji l-kbar u l-ħbieb tal-ħbieb u nkissru liż-żgħar. M'għandux ikun li l-Gvern se jdaħħal ewro minn fuq il-ħaddiema barranin b'ħafna garanziji u fondi. L-għan għandu jkun li jkollna għodda oħra biex il-pajjiż jilħaq il-miri tiegħu permezz ta' sistema ġusta u soda li twassal biex intejbu l-kompetittività ta' pajjiżna b'ħaddiema li jkollhom il-ħiliet li pajjiżna għandu bżonn. L-għan għandu jkun ukoll li dan kollu jwassal għal kwalità ta' ħajja aħjar anke għall-ħaddiema Maltin f'pajjiżna. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ray Abela.

**ONOR. RAY ABELA:** Sur President, insellem lill-Onorevoli kollegi li tkellmu min-naħa tal-Oppożizzjoni. Nifhem is-suġġerimenti u nifhem il-kritika wkoll. Huwa proprju grazzi għal dan il-Gvern li qed nindirizzaw il-lakuni li hemm fil-mod kif jiġu ingaġġati u mħaddma f'Malta l-ħaddiema barranin. B'dan li qed nagħmlu se nkunu qed noħolqu bilanċ fil-qasam tax-xogħol kemm għall-ħaddiema barranin kif ukoll għall-ħaddiem Malti. Tajjeb li ngħidu li din l-idea ma nħolqotx mil-lum għal għada imma nħolqot fil-fora tal-Partit Laburista, fil-Mitt Idea, imma wisq iżjed din tnaqqxet fil-manifest elettorali *Malta Flimkien* permezz ta' miżura numru 195 li qiegħda tiġi mressqa llum mis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

F'pajjiżna jeħtieġ li nagħfsu aktar fuq l-importanza li ndaħħlu reġim aktar sod fejn jidħol l-influss tal-ħaddiema barranin f'pajjiżna. Jeħtieġ

li pajjiżna jinvesti aktar mhux biss fil-kwalità tal-ħiliet tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin iżda wkoll li l-kontroll irid ikun ferm aktar b'saħħtu fejn jidħlu l-ħaddiema barranin. Irridu li pajjiżna jinvesti sabiex irawwem u jkollu l-aqwa ħiliet possibbli. Mhux biss irid isir investiment fl-edukazzjoni, fir-reskilling u fl-upskilling, imma meta se ndaħħlu ħaddiema ġewwa pajjiżna dawn iridu jkunu ta' kwalità, kapaċi u akkreditati b'ħiliet tajbin għas-suq tax-xogħol li jeħtieġ pajjiżna. Irridu li jkollna l-aqwa taħlita ta' ħiliet sabiex meta jkollna l-opportunitajiet u l-investiment ikollna minn fejn nagħżlu. lrridu nippreparaw għal dawn il-bżonnijiet li pajjiżna se jkun qed joħloq b'ekonomija vibranti, innovattiva u li, wara kollox, tkun ċertifikata bħala l-aqwa mill-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea.

Malta għandha l-inqas rata ta' qgħad fost il-pajjiżi kollha fl-Unjoni Ewropea. Is-suċċess ta' pajjiżna jiddetermina ħafna l-kwalità tar-riżorsa umana, fuq kemm għandna ħaddiema bil-ħiliet neċessarji għal dak li għandna bżonn u għal dak li l-ekonomija qed toħloq. Investitur b'saħħtu li ġej jinvesti f'Malta, minbarra li jħares lejn l-inċentivi finanzjarji u ekonomiċi, iħares ukoll lejn il-kwalità u d-disponibilità tal-ħaddiem f'pajjiżna fis-settur li se jinvesti u jaħdem fih. Għalhekk irridu ninvestu wkoll fis-snajja' sabiex ikollna aktar taħlita ta' ħaddiema tal-id. Dak hu li talab is-settur tal-films meta ġew jinvestu f'pajjiżna u hekk ukoll irridu nagħmlu l-istess fl-oqsma l-oħra.

Biex inkomplu b'dan is-suċċess ekonomiku rridu nagħfsu fuq ir-riżorsa umana u rridu li jkollna aktar regoli u termini definiti tajjeb għal dawk il-kumpaniji li jimportaw lill-ħaddiema barranin. Dawn ir-regoli li qegħdin nipproponu llum flimkien ma' miżuri oħra, bħalma huma dawk tal-iskill cards u l-liċenzji f'diversi oqsma fis-setturi ekonomiċi tagħna, se jgħollu l-livell tal-ħaddiema li qegħdin jiġu Malta sabiex jikkomplementaw workforce li pajjiżna għandu fil-qasam tax-xogħol. Għalhekk dawn il-miżuri jkomplu jippromwovu l-kwalità tal-ħaddiema li se jaħdmu u qegħdin jaħdmu ġewwa pajjiżna.

Irridu li jkun hemm regoli ċari sabiex inġibu ħaddiema li verament għandu bżonn pajjiżna biex b'hekk nippromwovu aktar il-kwalità u mhux il-kwantità. B'dan il-mod tiżdied il-produttività fis-servizzi li noffru bħala pajjiż. X'jiswa li jkollok mitt ħaddiem meta tista' tagħti s-servizz b'inqas ħaddiema li huma ta' kwalità u kwalifikati aktar? Hija proprju din il-politika li rridu naddottaw; mhux biss il-kwantità iżda ħafna aktar il-kwalità fil-qasam tal-ħaddiema barranin.

Dawn ir-regoli se jnaqqsu wkoll l-abbuż li kumpaniji jġibu barranin li ma jkollhomx garanzija minn qabel fejn dawn se jaħdmu, wisq aktar x'kondizzjonijiet se jkunu qed joffrulhom waqt li jkunu pajjiżna. Smajna stejjer ta' ħaddiema li jaslu Malta permezz ta' ċerti kumpaniji u li l-impjiegi offruti ma jkunux ben definiti lilhom qabel ma jaslu Malta.

Dawn ir-regoli li qegħdin niddiskutu llum irridu narawhom ukoll ma' miżuri oħrajn li se jiddaħħlu f'setturi differenti, bħal dawk tal-ospitalità, it-turiżmu u l-kostruzzjoni. Fil-ġimgħat li għaddew smajna li bħala Gvern se nkunu qegħdin nagħfsu fuq l-importanza tal-ħiliet ta' kwalità, fejn kull ħaddiem barrani jrid ikollu komunikattiva tajba f'pajjiżna, speċjalment fis-settur li se jkun qiegħed jaħdem fih. Smajna dwar l-importanza li l-carers li jkunu qegħdin jaħdmu mal-anzjani u l-pazjenti jridu jkunu jafu jikkomunikaw bil-lingwa Maltija. Smajna wkoll bl-introduzzjoni tal-iskill cards fit-turiżmu u liċenzji fil-kostruzzjoni. Dan huwa pass 'il quddiem li bħala pajjiż konna ilna nistennew.

Sur President, aħna rridu li l-ħaddiema barranin li jaħdmu jkunu kwalifikati b'ċertifikati rikonoxxuti mill-Awtorità tal-Kwalifiki. Dan ovvjament jikkomplementa ma' dan ir-reġim ta' regolamentazzjoni fuq l-aġenziji li jġibu l-ħaddiema barranin biex jaħdmu ġewwa pajjiżna. Dan għandu jgħolli l-livell tal-ħaddiem kif ukoll se jwassalna sabiex ikollna qafas aktar regolat fejn jidħlu l-kondizzjonijiet u l-pagi tal-ħaddiema ta' dawn l-aġenziji, speċjalment fl-impiegi tal-barranin.

L-idea li kumpanija timpjega ħaddiem barrani għax taf li tista' tħallsu b'rata inqas baxxa hija kompletament raġuni żbaljata. Irridu li jkollna kwalità mhux biss fil-ħiliet u kwalifiki iżda wisq aktar fil-kondizzjonijiet u l-pagi ta' dawn il-ħaddiema. Hekk, il-kondizzjoni tkun ugwali kemm għall-barranin kif ukoll għall-Maltin. Jekk intejbu l-pagi nkunu qed nippromwovu impjiegi li jattiraw lil kulħadd, inkluż lill-ħaddiem Malti. Meta dan isir inkunu qegħdin ngħollu l-kwalità mhux biss tar-riżorsa umana iżda wkoll tal-kondizzjonijiet tax-xogħol f'pajjiżna.

Huwa ħażin il-komportament ta' ċerti kumpaniji li jagħżlu li jħaddmu lill-barrani minflok lill-Malti sempliċement għax il-barrani jitħallas b'rati ta' paga inqas. Għalhekk irridu nsibu bilanċ fis-suq tax-xogħol u fil-kondizzjonijiet u pagi tal-ħaddiema fis-setturi differenti. Jekk aħna nagħtu ċ-ċans sabiex il-privat iħares biss lejn il-profitabilità nkunu qegħdin nagħmlu ferm ħażin. Irridu nħarsu lill-ħaddiema kollha Maltin u barranin biex dawn ikollhom kondizzjonijiet ugwali eżattament kif dawn il-miżuri qed jipproponu. Dan li qed niddiskuti llum huwa l-pass li tant għandna bżonn sabiex tiddaħħal il-liċenzja li tirregola t-temping agencies bil-għan li jkun hemm kondizzjonijiet ta' xogħol aktar dinjitużi u ben definiti għall-impjegati tagħhom.

Kumpaniji li ma jkollhomx din il-liċenzja jew jitilfuha jiġu skwalifikati mill-kuntratti pubbliċi u ma jkunux awtorizzati jġibu ħaddiema minn barra l-Unjoni Ewropea. Aġenziji li jinqabdu jiksru l-liġijiet tal-immigrazzjoni jew tax-xogħol b'mod immedjat jitilfu l-liċenzja. Ir-regoli huma ċari. Irridu nassiguraw li din il-prattika ssir skont il-liġijiet tax-xogħol b'konsiderazzjoni għall-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema u r-reklutaġġ ikun ibbażat fuq il-kwalifiki, l-esperjenza u l-prospett ta' integrazzjoni ġewwa Malta.

Irridu ħaddiema b'ħiliet b'saħħithom sabiex ngħollu l-livell tas-servizz u l-produttività ta' pajjiżna f'kull settur tal-ekonomija. Din il-liċenzja se tagħti l-fakultà lill-awtoritajiet sabiex ikollhom viżibilità u moniteraġġ tal-operaturi kollha f'dan is-settur bil-għan li jiġu lejn il-pajjiż biss dawk il-ħaddiema li huma meħtieġa u jkun hemm liġijiet b'saħħithom li jevitaw l-abbuż tal-istess ħaddiema fuq ix-xogħol.

Jien mhux se noqgħod nidħol f'aktar dettalji dwar din il-liċenzja u r-regoli, iżda ninnota li t-termini huma ċari u mhux se jagħtu lok għal abbuż. Fost l-aktar miżuri b'saħħithom hemm dik li temping agency ma tista' titlob l-ebda pagament mill-ħaddiema prospettivi biex jiġu f'Malta, la mill-aġenzija u lanqas minn terzi. L-aġenzija Identità mhi se taċċetta l-ebda applikazzjoni għall-ħruġ ta' single permit mingħand aġenzija li ma tkunx liċenzjata.

Ovvjament, la qed nitkellmu fuq reklutaġġ u ħiliet ta' ħaddiema, l-aġenzija li se tapplika għal din il-liċenzja trid timpjega nies fl-amministrazzjoni bl-esperjenza u b'kompetenza fir-riżorsi umani sabiex din ir-responsabbiltà tingarr min-nies li huma kwalifikati, kapaċi u professjonali. Irid ikun hemm ukoll garanzija bankarja marbuta mal-operat sabiex dejjem titħares il-konformità mar-regoli fil-liġi kif ukoll kondizzjonijiet oħra li semma lbieraħ waqt id-diskors tiegħu s-Segretarju Parlamentari Andy Ellul. L-applikazzjonijiet għal dawn il-liċenzji jibdew jintlaqgħu fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tax-xogħol (DIER) wara l-1 ta' Jannar 2024, il-liġi tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 2024 u f'Ġunju 2024 it-temping agencies kollha f'pajjiżna jrid ikollhom kollox konformi biex joperaw.

Sur President, nikkonkludi fuq dak li semmejt aktar qabel. Din il-liċenzja se ddaħħal aktar serjetà, dixxiplina u saħansitra aktar għarfien li pajjiżna jrid jimplimenta miżuri ta' kwalità. Nerġa' nesiġi li bħala Gvern nagħfsu fuq aktar kwalità fir-reklutaġġ ta' ħaddiema barranin sabiex jaħdmu f'pajjiżna. Kull ħaddiem, minbarra li jkollu l-esperjenza jrid ikun kwalifikat fix-xogħol li għalih se jkun qed jirfes pajjiżna. (Onor. Membri: Hear, hear) Irridu nwasslu l-messaġġ li rridu ngħollu l-livell tal-ħaddiema tagħna ġewwa pajjiżna. Dan nagħmluh mhux biss bit-taħriġ għall-ħaddiema eżistenti iżda wkoll billi naċċertaw li kull ħaddiem li jiġi minn barra l-pajjiż ikun kompetenti sabiex inkomplu ngħollu l-livell ta' dak li joffri pajjiżna. Il-messaġġ tal-Gvern huwa ċar ħafna: Serjetà, kondizzjonijiet aħjar għal kulħadd u aktar kwalità fil-qasam tax-xogħol u tal-ħaddiema li jaħdmu ġewwa pajjiżna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

*Fis-5.45 p.m., bil-permess tal-Kamra, id-diskussjoni ġiet interrotta għal ftit mumenti sakemm il-Whip tal-Gvern ivverbalizza ftehim.*

## FTEHIM TAL-KAMRA

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (Membru maħtur biex jippresiedi skont Mozzjoni 174):** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, ninforma lill-Kamra li ntlaħaq qbil li l-istadju tat-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità (Abbozz Nru 76) se jkun qed jiġi diskuss u konkluż fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Diċembru.

Hemm ukoll qbil li minkejja dak li tgħid il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 87 dwar il-ħin tat-tul tad-diskorsi, il-ħin se jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni bil-ftuħ u l-għeluq ikunu għan-naħa tal-Gvern.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** L-Onor. Paula Mifsud Bonnici.

**ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI:** Sur President, nikkonferma li hemm dan il-ftehim.

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (EMENDA NRU 2) - (KONT.)

## EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS BILL (AMENDMENT NO. 2) (CONT.)

*Il-Kamra rriżumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.*

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Rimarki? L-Onor. Rebecca Buttigieg.

**ONOR. REBECCA BUTTIGIEG (Segretarju Parlamentari għall-Ugwaljanza u r-Riformi) :** Sur President, it-tkabbir ekonomiku bla preċedent li kellna sena wara l-oħra għal dawn l-aħħar għaxar snin ħoloq sfidi ġodda f'diversi setturi, fosthom fis-suq tax-xogħol. Illum kważi terz tal-impjegati fis-settur privat huma ħaddiema barranin kemm minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea kif ukoll minn pajjiżi terzi. Dan fl-istess waqt li r-rata ta' qgħad f'pajjiżna hija fl-inqas livell għaliex prattikament għandna full employment b'rata ta' qgħad li hija l-aktar waħda baxxa fost il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea. Qajla ssib settur wieħed fl-ekonomija li mhuwiex jiffaċċja nuqqas ta' ħaddiema, u din il-Kamra kollha taf kemm l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem għal diversi snin kienu qegħdin jippressaw lill-Gvern u lill-awtoritajiet biex jiffaċilitaw id-dħul ta' ħaddiema barranin f'pajjiżna.

Dan il-proċess jinvolvi proċeduri pjuttost burokratiċi għaliex il-ħruġ ta' permess għax-xogħol u residenza kif ukoll tal-viża jinkludu numru ta' proċeduri ta' due diligence. Hemm proċeduri li jsiru mill-Aġenzija Identità, mill-JobsPlus kif ukoll mill-Pulizija li jieħdu l-ħin tagħhom iżda li huma meħtieġa. L-ingaġġar ta' ħaddiema barranin sar essenzjali biex ir-rota ekonomika ma tiqafx, u din fiha nnifisha ħolqot niċċa ekonomika ġdida b'diversi aġenziji li jġibu dawn il-ħaddiema għal diversi xogħlijiet skont il-ħteġijiet tal-employers u, fl-aħħar mill-aħħar, skont il-ħteġijiet tas-suq tax-xogħol.

Sur President, għalkemm jien konxja li hawn settur fil-popolazzjoni li jħossuhom skomdi bil-ħaddiema barranin, fil-verità jekk jirriflettu fuq il-ħtieġa tagħhom jirrealizzaw li dan huwa

fenomenu fl-ekonomija li ma nistgħux immorru lura minnu, ikun xi jkun il-mudell ekonomiku tagħna. Huwa fatt magħruf li ħafna ekonomiji fid-dinja li mxew 'il quddiem għamlu dan bil-kontribut tal-ħaddiema barranin. Fosthom nista' nsemmi l-Istati Uniti, l-Awstralja u l-Kanada. Aħna l-Maltin nistgħu ngħidu li konna parti mis-suċċess ekonomiku ta' dawn il-pajjiżi għaliex kellna eluf ta' Maltin li emigraw lejn dawn il-pajjiżi, l-aktar fis-snin ħamsin u fis-snin sittin, meta f'Malta ma kellniex ix-xogħol u kellna familji ferm aktar numerużi milli għandna llum.

Illum għandna rata tat-twelid li hija fost l-aktar baxxa fl-Ewropa kif ukoll fid-dinja, u dan żgur ma jawgurax tajjeb li se jkollna ħaddiema biżżejjed anke fil-futur. Mela huwa ċar daqs il-kristall u ma tridx tkun xi professur biex tinduna li mhuwiex possibbli li l-eluf ta' postijiet tax-xogħol li l-ekonomija Maltija qiegħda tiġġenera kull sena jimtlew mill-ħaddiema Maltin għas-sempliċi raġuni li m'hawnx ħaddiema biżżejjed.

Irrid ngħid ukoll li hija perċezzjoni żbaljata ta' wħud li l-ħaddiema barranin kollha jitħallsu bil-qxur tal-karawett! Dan joħroġ ċar mill-istatistika uffiċjali li ħareġ mil-Labour Force Survey li turi li 8% biss tal-ħaddiema barranin għandhom xogħol meqjus bħala low skilled. Dan mhux qed ngħidu jien imma qed jgħiduh in-numri uffiċjali. L-ekonomija diversifikata tagħna toffri opportunitajiet ta' xogħol f'setturi varji, kemm tal-pinna kif ukoll tal-id li għalihom m'hemmx biżżejjed ħaddiema Maltin. Dan jgħodd għall-industrija tal-gaming, għas-servizzi finanzjarji, għall-qasam tas-saħħa, għall-kura tal-anzjani, għat-trasport, għall-kostruzzjoni, għas-snajja', għat-tindif, għall-manifattura u għall-ospitalità, fost oħrajn. Min iħossu skomdu bil-ħaddiema barranin nistiednu jirrifletti ftit fuq dan il-fatt u jaħseb xi tkun is-sitwazzjoni f'pajjiżna mingħajr dawn il-ħaddiema. Għandu jara u jifhem il-kontribut ekonomiku li qegħdin jagħtu dawn il-ħaddiema f'pajjiżna.

Ikun żball oħxon li pajjiżna jaħseb li jista' jgħaddi mingħajr dan in-numru kbir ta' ħaddiema barranin. Wieħed jista' jaħseb xi jkunu l-konsegwenzi għall-pajjiż jekk ikollu jkeċċi lil dawn il-ħaddiema jew jaħseb li jista' jgħaddi mingħajrhom. Għalhekk tkun irresponsabbiltà kbira li xi politiċi, biex mingħalihom jiskorjaw xi punti politiċi, irewħu l-propaganda kontra l-ħaddiema barranin b'sentimenti xenofobiċi u razzisti bl-iskuża li għandna popolazzjoni żejda. Il-ħaddiema, huma min huma u ġejjin minn fejn ġejjin, m'għandhom qatt jitqiesu li qegħdin fuq żaqq xi ħadd. Bħala politiċi responsabbli rridu naħsbu, nippjanaw u nwettqu biex l-ingaġġar tal-ħaddiema barranin l-ewwel nett isir bil-galbu kollu skont il-ħtieġijiet tal-pajjiż iżda wkoll naraw li l-pajjiż ikun ippreparat mhux biss mil-lat ekonomiku iżda anke mil-lat soċjali u infrastrutturali.

Sur President, dan l-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna jindirizza wħud minn dawn l-aspetti, fosthom il-koeżjoni soċjali. F'dan ix-xenarju huwa essenzjali li nħarsu mill-ġdid lejn ir-regolamentazzjoni tat-temping agencies u nagħtuhom sistemi aktar robusti biex jagħtu l-protezzjoni kontra ċertu sfruttament ta' ħaddiema li ħafna drabi jiġu minn pajjiżi terzi. Għalkemm ir-regolamenti dwar dawn l-aġenziji li jipprovdu l-ħaddiema għal diversi lantijiet tax-xogħol ilhom hemm mill-1995, qatt daqs dan iż-żmien ma kien hemm bżonn li jkun hemm lenti fuqhom proprju għaliex is-suq tax-xogħol illum jesiġi dan.

Qegħdin naraw ukoll li hemm lok għal titjib biex jikbru l-protezzjoni u s-salvagwardji għall-ħaddiema. Dan għaliex verament jeżistu xi każijiet, li rrid nemmen li mhumiex il-maġġoranza, fejn hemm sfruttament inaċċettabbli ta' dawn il-ħaddiema. Għandna nagħmlu minn kollox biex l-isfruttament ta' dawn il-ħaddiema ma jsir qatt għaliex imur kontra l-prinċipji Soċjalisti tagħna, imur kontra l-ġustizzja soċjali li nemmnu fiha, iżda fuq kollox imur kontra d-drittijiet tal-bniedem. Il-ħaddiema barranin jew l-ingaġġ tagħhom m'għandu qatt ikun is-suq tal-iskjavi.

M'iniex qed ngħid li l-ħaddiema barranin li qed jaħdmu f'Malta qed jaħdmu bħala skjavi għax is-sitwazzjoni hija ferm differenti minn hekk. Il-maġġoranza tal-ħaddiema barranin qed jiġu trattati b'dinjità u huma kuntenti li qegħdin jaqilgħu biċċa ħobż ta' kuljum f'pajjiżna. Permezz ta' din il-proposta ta' liġi qegħdin insaħħu r-regolamentazzjoni għal dawn l-aġenziji tax-xogħol biex inkomplu nattakkaw dawk is-sitwazzjonijiet u okkażjonijiet li jistgħu jwasslu għal xogħol prekarju, anke jekk huma ftit mill-eluf ta' ħaddiema barranin li qed jitħaddmu bil-prekarjat.

L-għan ta' din ir-riforma li għandna quddiemna fl-aħħar mill-aħħar hu li jkun hemm standards uniformi li jistabbilixxu proċeduri ċari fil-

kondizzjonijiet tal-liċenzjar ta' dawn l-aġenziji u li kemm jista' jkun jiġu evitati sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal abbużi fuq il-ħaddiema barranin. Għalhekk dan it-tibdil jipprovdi għal infurzar aħjar fuq individwi kwalifikati u kompetenti biex imexxu dawn l-aġenziji. Jien ċerta li wara d-diskussjoni li qed ikollna hawnhekk fit-Tieni Qari kif ukoll fl-istadju ta' Kumitat se jkun hemm il-ħin kollu meħtieġ biex nidħlu fid-dettall ta' din il-liġi tant meħtieġa. Filwaqt li minn qalbi ngħid prosit lill-kollega, is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul u lid-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li ħadmu fuq dan l-Abbozz ta' Liġi, ejja naraw li dan id-Dipartiment u entitajiet oħrajn li b'mod jew ieħor huma involuti fil-proċess ta' ħruġ għall-ħaddiema barranin ikunu attrezzati b'riżorsi umani u b'teknoloġija diġitali biex tabilħaqq ikunu jistgħu jassiguraw l-infurzar meħtieġ.

Irridu nkunu ċari wkoll li f'din ir-riforma tant tajba hemm ċerti każijiet li lanqas nistgħu nkopruhom permezz ta' xi liġi. Qed ngħid hekk għaliex huma sitwazzjonijiet lil hinn mill-awtoritajiet tagħna u lil hinn mill-fruntieri tagħna wkoll. L-aġenziji tax-xogħol mhumiex jaħdmu f'iżolament imma jaħdmu ma' aġenziji u individwi f'pajjiżi barra minn Malta minn fejn jiġu wħud minn dawn il-ħaddiema barranin. Irridu nkunu konxji li f'pajjiżi barranin hemm intermedjarji bla skruplu li jagħmlu minn kollox biex jiskansaw il-kondizzjoni tal-liġi ħalli jissoktaw jabbużaw minn xi ħaddiema. Għalhekk, bħala parti mit-tieni strateġija nazzjonali dwar l-integrazzjoni li bħalissa qed naħdmu fuqha flimkien mad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem, qed naħdmu biex kull min jiġi jgħix f'pajjiżna jingħata t-tagħrif dwar id-drittijiet tiegħu u fejn jista' jfittex l-għajnuna. Dan biex jekk dak li jkun ikollu bżonn, ikun jaf fejn għandu jirrikorri.

Dan il-proġett kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea se jara li Malta taħdem fuq miżuri ta' integrazzjoni qabel il-wasla f'pajjiżna ta' dawn il-ħaddiema biex b'hekk niffaċilitaw ukoll il-proċess tal-integrazzjoni mal-wasla tagħhom f'pajjiżna. Kif jgħid il-Malti, bniedem avżat nofsu armat, u dan għandu jkompli jgħin biex jiġi eliminat l-abbuż fis-suq tax-xogħol.

Sur President, l-appell finali tiegħi hu lill-unions, lill-entitajiet kif ukoll lill-aġenziji involuti fil-ħruġ ta' permessi għall-ħaddiema barranin li ġejjin minn pajjiżi terzi. Dawn kollha għandhom ikunu b'seba' għajnejn għal prattiċi abbużivi. Jekk hemm bżonn għandna nkomplu nirfinaw il-qafas tal-liġijiet f'kull qasam meħtieġ biex jitrażżnu dawn il-prattiċi. Ejja nagħmlu dan biex nassiguraw li dejjem inħarsu d-drittijiet tal-bniedem, iżda fuq kollox id-drittijiet tal-ħaddiema. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Karol Aquilina.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, ħadt gost nara li quddiem din il-Kamra għandna dan l-Abbozz ta' Liġi li jemenda Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. Din hija waħda mill-aktar liġijiet importanti fil-pajjiż għaliex tirregola waħda mill-aktar relazzjonijiet speċjali li persuna jista' jkollha. Ir-relazzjoni ta' impjieg ta' persuna, minħabba l-komplessità tagħha u anke minħabba t-tul ta' żmien li wieħed jinvolvi ruħu f'impjieg, hija relazzjoni speċjali u għalhekk il-liġijiet ta' pajjiżna jittrattawha b'ċertu dettall u jaraw li l-persuna l-aktar vulnerabbli f'din ir-relazzjoni tkun protetta tajjeb.

Matul is-snin xi kultant kellna rivoluzzjonijiet fil-mod kif inhuma miktubin il-liġijiet ta' pajjiżna dwar id-drittijiet tal-ħaddiema. Kellna wkoll diversi riformi li kultant kienu kbar u kultant kienu żgħar, però waħda wara l-oħra bnew il-bażi legali ta' din ir-relazzjoni speċjali bejn min iħaddem u min jimpjega. Huwa tajjeb li minn żmien għal żmien din il-Kamra wkoll tirrevedi l-liġijiet dwar l-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali ta' pajjiżna. Dan id-diskors tiegħi mhux se jkun ibbażat essenzjalment dwar dak li hemm miktub f'din il-proposta ta' liġi imma nixtieq nindirizza ftit sitwazzjoni li għandna f'dan il-Parlament ta' kif isiru l-liġijiet, u se nuża dan il-każ biex nagħti eżempju ta' kif nistgħu nibdew intejbu s-sistema parlamentari tagħna biex nagħmlu liġijiet aħjar, liġijiet li jkunu miftiehma aħjar u liġijiet li jkunu aktar effettivi.

Sfortunatament is-sistema parlamentari tagħna hija li meta l-Gvern jagħmel abbozz ta' liġi, l-ewwel iressqu fil-forma ta' mozzjoni sempliċi fejn il-Ministru jipproponi l-Ewwel Qari tiegħu u kulma jagħmel ikun li jaqra t-titolu tiegħu. F'dak l-istadju inti tkun taf biss l-isem tal-abbozz ta' liġi, imbagħad jgħaddu ftit tal-jiem, dak l-abbozz ta' liġi jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u

hemmhekk tkun l-ewwel darba li kulħadd, inkluż il-Membri ta' din il-Kamra, ikun jaf x'inhuma d-dettalji ta' dak li jkun qed jipproponi l-Ministru. Naħseb li f'99% tad-drabi li l-Ewwel Qari ta' abbozz ta' liġi jgħaddi minn din il-Kamra bla kliem u bla sliem, ħadd ma jinduna, ħadd ma jifhem x'inhu ġej u qisu ma ġara xejn għaliex f'dak l-istadju l-ebda Membru ta' din il-Kamra ħlief in-naħa tal-Gvern jew il-Ministru partikolari ma jkun jaf eżattament x'se jkun qed jagħmel dak l-abbozz ta' liġi.

Wara l-pubblikazzjoni tal-abbozz ta' liġi mbagħad niġu għall-istadju tat-Tieni Qari. Jien nagħmel distinzjoni. Ħafna mill-abbozzi ta' liġi li jitressqu quddiem il-Parlament wieħed jaqrahom u jifhimhom bla problemi ta' xejn, però fil-ħajja kumplessa tal-lum, fl-ordni ġuridiku u fl-ordni legali tagħna għandna kumplessitajiet enormi. Għandna liġijiet speċjali u għandna liġijiet ikkumplikati ħafna li l-ebda wieħed mill-Membri ta' din il-Kamra m'għandu l-ispeċjalizzazzjoni fihom jew għandu għarfien tagħhom. F'din il-Kamra ġieli jitressqu liġijiet li kulħadd jibda jħares lejn xulxin u jistaqsi xi tkun tfisser dik il-liġi partikolari. Mhux l-ewwel darba li nqbadna f'sitwazzjoni fejn kważi lanqas ikun hawn kelliema għaliex in-natura tal-liġi li jkollna tkun waħda diffiċli ħafna.

Sur President, hemm prattika li jien semmejt f'dan il-Parlament numru ta' drabi u ħadt gost li f'dan l-Abbozz ta' Liġi din il-prattika bdiet titwettaq. Għaliex qed ngħid dan? L-Ewwel Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi sar fl-20 ta' Novembru u fit-23 ta' Novembru dan l-Abbozz ta' Liġi ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Fil-fatt, għal min forsi jinteressah, fit-titlu tal-liġi jkun hemm is-suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, ikun hemm in-numru tagħha u jkun hemm id-data tat-23 ta' Novembru. Dan sar pubbliku u kulħadd kien jaf x'inhu.

Li hu interessanti hu li ma' dan l-Abbozz ta' Liġi, fil-Gazzetta tal-Gvern ġew ippreżentati wkoll noti ta' spjegazzjoni. Din ili nsemmiha. Jien nemmen ħafna li kull Ministru li jippreżenta liġi f'dan il-Parlament, ikkumplikata kemm hi kkumplikata jew sempliċi kemm hi sempliċi, għandu jkollu l-obbligu li magħha jippubblika wkoll noti ta' spjegazzjoni. Dan għax speċjalment meta jkunu liġijiet li qed jemendaw diversi liġijiet u biċċiet żgħar 'l hemm u 'l hawn, xi ħadd li m'għandux konoxxenza legali jew esperjenza parlamentari kultant ikollu diffikultà biex jifhem xi jfissru l-emendi li jkunu qegħdin jitressqu.

Għaldaqstant ħadt gost nara li fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Novembru kien hemm dawn in-noti ta' spjegazzjoni li jagħtu kontest ta' għalfejn qiegħda titressaq din il-proposta ta' liġi, x'se jkunu l-bidliet u x'se jkun l-effett ta' dawn il-bidliet. Tajjeb li jkun hemm din il-motivazzjoni. Naħseb li dawn in-noti ta' spjegazzjoni jistgħu jsiru ħafna aħjar, però huwa tajjeb li bdejna b'dan il-proċess mhux biss għalina d-Deputati imma għal kulħadd, għall-poplu inġenerali, biex permezz ta' dawn in-noti wieħed ikun jista' jsegwi u jifhem eżattament kif qiegħda tinbidel liġi.

Sur President, jien nispera li din tibda tkun il-prassi għal kull liġi li jkollna f'dan il-Parlament għaliex ħafna drabi aħna nassumu li l-univers idur madwar dan il-Parlament, li mhuwiex il-każ. Anzi ħafna drabi dak li jseħħ f'dan il-Parlament jiġi injorat kompletament u huwa biss meta tinqala' l-imma li kulħadd jibda jistaqsi x'qalu fil-Parlament dakinhar meta għaddew din il-liġi! Jew inkella tinqala' xi kwestjoni f'xi kawża u l-Imħallef, għaliex ikollu diffikultà biex jinterpreta, imur ifittex fit-traskrizzjonijiet ta' dak li jingħad fl-istadju ta' Kumitat dwar l-abbozz ta' liġi partikolari biex jara eżattament x'ġara u ma ġarax.

Biex nagħti eżempju, dan l-aħħar qamet il-kwestjoni tal-użu fiċ-Ċivil tal-mandat *in factum*. Il-mandat *in factum* hu meta wieħed jiġi ordnat li jagħmel xi ħaġa partikolari, pereżempju jwaqqa' ħajt, jiftaħ passaġġ, jagħlaq ventilaturi jew kwalunkwe ħaġa li trid tagħmel fiżikament jekk il-parti li tkun rebħet il-kawża tkun ġiegħlet lill-parti l-oħra li tagħmilha. Jekk il-parti rebbieħa tara li dan mhux se jwettaq dik il-ħaġa li ġie ordnat, allura ssir talba lill-Qorti biex jinħareġ mandat *in factum*. B'dan il-mandat il-persuna tiġi arrestata u tinżamm detenuta fuq ħlas tal-persuna l-oħra li għamlet it-talba għal kull jum, sakemm tgħid li se tmur tagħmel u effettivament twettaq dik il-ħaġa.

Dan huwa mandat li jintuża rarament imma nqalgħet kwestjoni dwar kif jintuża u jekk tistax tużah, pereżempju, għall-ħlas ta' flus. Jien dejjem mgħallem li dan il-mandat ma tistax tużah biex tarresta lil xi ħadd għaliex għandu jagħti l-flus, għaliex l-għoti tal-flus mhuwiex xi ħaġa li tagħmel fiżikament, bħal pereżempju tagħmel

passaġġ, twaqqa' ħajt jew tagħlaq ventilaturi u dan it-tip ta' xogħol, imma hija xi ħaġa differenti. F'dan il-każ jien naf li l-avukati li kienu involuti marru jfittxu fit-traskrizzjonijiet tad-dibattiti tal-Parlament kemm fil-plenarja kif ukoll fil-kumitat biex jaraw xi ngħad u x'ma ngħadx minħabba l-interpretazzjonijiet.

Jekk tfittex dan il-każ partikolari joħroġ ċar li l-leġiżlatur kellu intenzjoni speċifika li mandat *in factum* jintuża biss għal xi ħaġa li trid issir, li twettaq xi ħaġa u mhux li tordna lil dak li jkun iħallas xi ħaġa. Għalhekk huwa tajjeb li kemm fil-plenarja imma wisq aktar fil-livell ta' kumitat ikun hemm spjegazzjonijiet aktar dettaljati ta' x'qed isir, għalfejn qed jitressaq dak l-abbozz ta' liġi u x'se jkunu l-konsegwenzi jew kif għandu jiġi interpretat dak l-abbozz ta' liġi partikolari.

Sur President, sfortunatament għandna daqsxejn inugwaljanza ta' armi u riżorsi bejn in-naħa tal-Gvern u n-naħa tal-Oppożizzjoni. Din qed ngħidha mhux għaliex irrid li ningħataw xi privileġġ imma għaliex naħseb li kull wieħed minna għandu d-dover li jara li liġi li ma jaqbilx magħha f'dan il-Parlament u li tkun għaddejja, tkun l-aħjar waħda possibbli. Min jaf kemm-il darba nindunaw bl-iżbalji u niġbdu l-attenzjoni tan-naħa l-oħra. L-istess in-naħa l-oħra ġieli tinduna bi żbalji li tagħmel l-Oppożizzjoni fit-tfassil ta' ċerti proposti. Aħna għandna l-obbligu li dak li qed jagħmel dan il-Parlament ikun kemm jista' jkun korrett. In-naħa tal-Gvern għandhom ir-riżorsi tal-Ministeri biex jagħmlu l-liġijiet u biex jippreparaw, imma din in-naħa, ngħid jien sfortunatament, m'għandniex dawn ir-riżorsi u allura nduru fuq xulxin, il-kollegi bejnietna. Nagħmlu dan l-eżerċizzju li ħafna drabi jirnexxielna, però hemm sitwazzjonijiet fejn il-liġijiet li jkollna quddiem din il-Kamra tant ikunu kumplessi li nsibu ċerti diffikultajiet.

Sur President, jien inħoss li wasal iż-żmien li din il-Kamra jibda jkollha persuni assenjati magħha li jkunu disponibbli wkoll għaż-żewġ gruppi parlamentari biex ikun hemm assistenza fuq ċertu tfassil ta' liġijiet jew ċerti proċeduri. Wara kollox, għalkemm dik in-naħa hemm ir-riżorsi tan-naħa tal-Gvern, però hemm diversi Membri tan-naħa tal-Gvern li m'għandhomx ir-riżorsi biex jekk iridu jressqu abbozz ta' liġi huma, ikunu jistgħu jressquh.

Kemm il-Membri tan-naħa tal-Oppożizzjoni kif ukoll tan-naħa tal-Gvern li huma backbenchers għandu jkollhom ir-riżorsi biex ikunu f'sitwazzjoni li jistgħu jressqu liġijiet, emendi u mozzjonijiet għal diversi proposti li jkun hawn f'din il-Kamra u għalhekk għandna bżonn ukoll dan l-appoġġ istituzzjonali mill-Parlament billi jibda jkun hemm dan it-tip ta' ingaġġ ta' persuni li għandna bżonn. Nifraħ lill-Ministru li għamel din in-nota ta' spjegazzjoni anke jekk naħseb li setgħet saret ħafna aħjar.

Irrid ngħid ukoll li jien tajt daqqa t'għajn lejn dan l-Abbozz ta' Liġi u nnotajt li hemm numru ta' inkonsistenzi bejn il-Malti u l-Ingliż u forsi xi difetti fit-termini wżati. Naħseb li għad għandna d-difett fost min jipprepara l-abbozzi ta' liġi li jaħseb bl-Ingliż imbagħad jiġi biex jagħmel traduzzjoni bil-Malti, u s-sens ma jibqax l-istess. Din isseħħ f'diversi ċirkostanzi. Naħseb li din teħtieġ ftit attitudni differenti. Għandu jibda jkollna wkoll sistema ta' uniformità fl-istil ta' kif jinkitbu l-liġijiet.

Fil-passat kellek l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, dak iż-żmien, imbagħad l-Avukat tal-Istat li jivvettja l-liġijiet kollha u jiżgura ċerta uniformità, imma biż-żmien qed ninnota li din qiegħda tintilef, u hija ħasra, għaliex meta naraw il-liġijiet ma noqogħdux ngħidu għaliex din kitibha dak l-avukat allura tfisser hekk u din kitibha dak l-avukat u allura l-istil huwa differenti, imma għandna kemm jista' jkun inżommu l-istess stil ta' kitba ta' liġijiet biex nevitaw sitwazzjonijiet fejn ikollna interpretazzjonijiet differenti għall-istess affarijiet. Ninnota li hemm ċerti liġijiet miktubin b'ċertu mod u għalhekk trid taqrahom mod u ċerti liġijiet oħrajn trid taqrahom mod u tifhimhom mod ieħor biex tasal għal dak li jrid il-leġiżlatur.

Sur President, nappella lin-naħa tal-Gvern biex ma nittraskurawx il-mod kif jinkitbu l-liġijiet. Aħna niġu f'din il-Kamra nagħmlu liġi u mbagħad naħsbu li qisu l-problema ssolviet, mentri l-problemi jkunu għadhom se jibdew għaliex meta tibda tħaddem il-liġi tinduna li hemm affarijiet li mhumiex perfetti. Għaldaqstant irridu nkunu miftuħin biex intejbu. Niftakar li fl-aħħar leġiżlatura kellna diversi każijiet ta' liġijiet li nagħmluhom nhar ta' Erbgħa u t-Tnejn filgħodu nindunaw li għandna bżonn inbiddluhom u filgħaxija nbiddluhom. Dwar dan naħseb li ż-żewġ naħat tal-Kamra nikkoperaw mingħajr ebda riżervi u fejn hemm bżonn nirranġaw, nirranġaw, imma rridu nibdew naraw

li jkollna aktar għajnejn iffokati dwar kif jinkitbu l-liġijiet.

Sur President, qed nieħu gost nara l-Prim Ministru preżenti u se nirrepeti ftit biex forsi jagħti kas hu u jibda jdaħħal din il-prattika. Għandna bżonn li kull Ministru li jippreżenta abbozz ta' liġi, minbarra li jippubblika l-abbozz ta' liġi, jipprepara wkoll in-noti ta' spjegazzjoni dettaljati ta' xi jkun ifisser dak l-abbozz ta' liġi, kif għandu jiġi interpretat u x'inhu l-effett tiegħu. Nappella lill-Gvern biex din il-proċedura li addotta f'dan l-abbozz ta' liġi jirrepetiha f'liġijiet oħrajn. Nirringrazzjak.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Aktar rimarki? Is-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said.

**ONOR. ALICIA BUGEJA SAID (Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akkwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali):** Sur President, aħna Gvern Soċjalista. Aħna Gvern li npoġġu l-interess tal-ħaddiema l-ewwel u qabel kollox. Għalhekk illum qegħdin hawnhekk inwettqu wegħda elettorali oħra biex indaħħlu liġi li tirregola l-aġenziji tax-xogħol temporanju bil-għan li jkun hemm kondizzjonijiet tax-xogħol dinjitużi għall-impjegati tagħhom. Għaliex ħassejna li kien hemm bżonn din il-miżura fil-manifest elettorali tagħna?

Daħħalna din il-miżura għaliex ilkoll kemm aħna f'din il-Kamra nafu li sfortunatament hawn min jabbuża mill-ħaddiema, speċjalment dawk li jiġu minn pajjiżi terzi. Dan ma jfissirx li m'hawnx regolamenti dwar l-impjieg ta' ħaddiema, anke speċifikament fil-qasam tal-aġenziji tal-impjieg fejn għandna liġijiet u regolamenti li daħlu fis-seħħ fl-1996. Iżda dak li qegħdin nipproponu issa aktar jikkonċerna dawn l-aġenziji li joffru servizzi ta' reklutaġġ, servizzi ta' xogħol temporanju u servizzi ta' outsourcing. L-għan ta' dawn il-bidliet il-ġodda hu li jiġu standardizzati l-kondizzjonijiet tal-aġenziji tal-impjieg, jiġu stabbiliti proċeduri ċari, jiġu infurzati l-kondizzjonijiet tal-liċenzja u jiġi żgurat li individwi kwalifikati u kompetenti jkunu impenjati f'dan l-isforz. Huwa tajjeb li nispjegaw ftit xi jfissru dawn it-termini.

Sur President, naħseb li kulħadd jifhem it-terminu "servizz ta' reklutaġġ", però meta nsemmu servizzi ta' xogħol temporanju, hawnhekk qegħdin nirreferu għall-provvista ta' ħaddiema bil-ħsieb li dawn ikunu disponibbli għal parti terza li tassenja l-kompiti tagħhom u tissorvelja l-eżekuzzjoni ta' dawn il-kompiti. Min-naħa l-oħra servizzi ta' outsourcing jirreferu għall-forniment ta' ħaddiema bil-għan li jkunu disponibbli għall-parti terza taħt is-superviżjoni, id-direzzjoni u l-kontroll tal-aġenzija tal-outsourcing.

Il-maġġorparti tan-nies li jiġu Malta minn pajjiżi terzi jiġu biex jaħdmu. Jiġu f'pajjiżna għaliex hawn ix-xogħol, anzi hawn xogħol ferm aktar milli qatt kellna fl-istorja ta' Malta. Probabbilment dawn ikunu semgħu minn sħabhom jew anke f'pajjiżhom stess li f'Malta hawn ħafna xogħol. Din hija xi ħaġa li aħna bħala Gvern irridu nkunu kburin biha, imma sfortunatament fil-proċess ta' impjieg ta' ċerti individwi kien hemm lok ta' abbuż, u jien niddejjaq nisma' u nsir naf li min ġie jaħdem f'pajjiżna u jikkontribwixxi b'xogħlu għall-ekonomija, jiġi abbużat. Mhuwiex aċċettabbli li dawn ikollhom iħallsu għal servizzi meta ħafna drabi ma jkunux jaffordjawhom. Mhuwiex aċċettabbli, pereżempju, li jinqatgħulhom flus mill-paga fl-aħħar tal-ġimgħa għal xi raġuni jew oħra. Mhuwiex aċċettabbli jekk dawn jiġu sfurzati jaħdmu kontra r-rieda tagħhom bl-użu u kontroll tas-servizzi tal-impjiegi.

Sur President, x'tip ta' Soċjalisti nkunu jekk inħallu l-lok għall-abbużi li semmejt? Hawnhekk qed naraw li kull min joffri dawn is-servizzi issa se jkollu jiġi konformi ma' din l-istess liġi. Dawn l-aġenziji issa se jkollhom iġibu liċenzja skont in-natura tax-xogħol tagħhom li tippermettilhom jaħdmu f'dan is-suq. Bħalma spjegaw tajjeb il-kollegi ta' qabli, il-proċess tal-applikazzjoni, il-kontrolli u d-deċiżjonijiet se jkunu jaqgħu taħt id-Direttur tad-DIER. Minflok nidħol f'kull dettall tal-proċess nixtieq nagħmel pass lura biex infiehem u nispjega kif naraha jien il-problema li se tiġi indirizzata permezz ta' din il-miżura.

L-ekonomija ta' Malta miexja u miexja ġmielha u qegħdin naraw tkabbir sostanzjali fiż-żmien li ġej. Dan qegħdin juruh diversi istituzzjonijiet internazzjonali. Hija ħaġa sabiħa meta tara li r-rata ta' tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna hija ferm akbar minn dik ta' pajjiżi oħrajn fl-Unjoni Ewropea, u dan grazzi għall-għaqal tal-Gvern, il-fiduċja tas-settur privat u l-bżulija tal-ħaddiema kollha. Bla dubju tista' tgħid li dan is-suċċess qed jattira iżjed nies lejna biex ikun hemm biżżejjed ħaddiema għax-xogħol li għandna u għax-xogħol

li ġej. Meta nitkellem ma' intrapriżi kbar u żgħar, waħda mill-akbar problemi li għandhom hi li ma jsibux biżżejjed ħaddiema. Titkellem ma' tal-ħwienet bħal supermarkets, ristoranti, hairdressers u beauticians, kollha l-istess kelma: ma jistgħux isibu lil min jaħdem. Dan hu kuntrarju għal dak li kien hawn f'pajjiżna għaxar snin, 15-il sena ilu fejn żgħażagħ ħerġin mill-iskola jew mill-Università ma kinux isibu xogħol jew xogħol xieraq.

Illum il-ġurnata biex nimlew il-vojt irridu nattiraw u nfittxu iżjed nies ħafna drabi barra minn pajjiżna. Fl-istess ħin numru minn dawn li qed jiġu f'pajjiżna qed ikunu vulnerabbli għall-abbuż mill-intrapriżi li javviċinawhom, u allura hemm bżonn li jinbidlu l-prassi ta' kif dawn in-nies jiġu. Pereżempju, jien naraha inġusta li wħud ikollhom iħallsu ammont sostanzjali lill-istess kumpaniji biex jingħataw ix-xogħol. Ix-xogħol mhuwiex xi ħaġa li trid tħallas għalih, għaliex min jieħu x-xogħol b'dan il-mod jispiċċa skjav u mhux ħaddiem.

Permezz ta' dawn il-miżuri li qegħdin nitkellmu dwarhom illum issa se jsir kontra l-liġi li titlob ħlas biex tagħti xogħol lil xi ħadd f'dawn iċ-ċirkostanzi, u hekk għandu jkun. Se jsir kontra l-liġi wkoll li timponi ħlas jew tnaqqas mill-paga ta' min hu impjegat għal xi servizz ta' impjieg. Jien nemmen li din kienet forma oħra ta' skjavitù fuq min hu ġej f'pajjiżna biex jaħdem u fl-aħħar mill-aħħar anke jikkontribwixxi għall-ekonomija tagħna. Dawn il-forom ta' abbuż issa se jkunu reati u min jinstab ħati se jiffaċċja pieni ħorox b'multa ta' bejn €5,000 u €7,000 u anke riskju li jitlef il-liċenzja.

F'każi li jkollok aġenziji li mhumiex liċenzjati, il-multa tista' titla' bejn €25,000 u €30,000. Hekk titlob is-serjetà. Min jabbuża se jkollu jiffaċċja l-konsegwenzi. Mhuwiex sew li min jaħdem b'mod serju fis-suq u jrid jittratta applikanti u impjegati b'mod ġust jiffaċċja kompetizzjoni minn min jabbuża. Jien nieħu gost nara li se jkun hemm aktar serjetà fil-proċess ta' verifika ta' dawn l-aġenziji. Tajjeb li min irid jaħdem f'dan il-qasam ikun a good standing, kif ngħidu bl-Ingliż. Hekk sew u hekk titlob is-serjetà.

Sur President, nikkonkludi dan id-diskors tiegħi billi ngħid kif għedt fil-bidu. Aħna Gvern Soċjalista u jien Soċjalista u sodisfatta ħafna li permezz ta' miżuri bħal dawn li għandna quddiemna llum qegħdin inpoġġu l-ħaddiema l-ewwel, huma min huma u ġejjin minn fejn ġejjin. Qegħdin nilleġiżlaw għal min jopera fis-suq b'responsabbiltà u nimbottaw lil min mhuwiex biex jew jieqaf jew jinbidel. Hekk irid il-poplu Malti u hekk se nagħmlu; li mmexxu lil pajjiżna b'mod ġust imma dejjem 'il quddiem. Għaldaqstant, hawnhekk nixtieq infaħħar il-ħidma tas-Segretarju Parlamentari Andy Ellul u t-tim tiegħu għax permezz ta' din il-liġi verament se jkollna Malta ġusta. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Aktar rimarki? Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, bil-permess tal-Kamra ma nixtieqx nitkellem fuq il-liġi imma forsi aktar nitkellem dwar l-isfond tal-liġi. Tul l-istorja dejjem kellek element ta' ħaddiema barranin li jimxu minn pajjiż għal ieħor. Għandek ħaddiema li jkunu ta' natura speċjalizzata li jmorru minn pajjiż għal ieħor u dak il-pajjiż li jirċevihom x'aktarx ikun ħadem ħafna biex dawn ikun ħadhom għandu. Hemmhekk ma tantx ikollok problemi, imma mbagħad għandek realtajiet oħrajn fejn numru ta' ħaddiema jkunu kostretti li jimxu minn pajjiż għal ieħor għal raġunijiet diversi. Ġeneralment f'dan il-każ in-numru hawnhekk ikun akbar.

Jekk hemm xi ħaġa li timbotta dan ix-xift ta' ħaddiema minn pajjiż għal ieħor hija preċiżament id-disparità li tkun teżisti bejn il-pajjiż minn fejn telaq il-ħaddiem u l-pajjiż fejn ikun sejjer dak il-ħaddiem. Din id-disparità ekonomika timbotta lil dak li jkun biex jitħajjar imur jaħdem f'pajjiż li jkun qed jikber, bħalma hu l-każ ta' pajjiżna, u l-ekonomija tiegħu qed tikber. Hemm ċerti setturi fejn għandna bżonn il-ħaddiema barranin, u d-disparità ekonomika bejn dak il-pajjiż li qed jirċievi dawn il-ħaddiema u l-pajjiż minn fejn telqu hija l-fattur prinċipali.

Illum nitkellmu dwar il-ħaddiema barranin li jiġu f'pajjiżna. Naħseb li ma rridux ninsew li ftit għexieren ta' snin ilu kellna numru konsiderevoli ta' Maltin u Għawdxin li minħabba d-disparità ekonomika li kienet teżisti bejn l-ekonomija f'pajjiżna u ekonomiji li kienu aħjar minn ta' pajjiżna, imxew għal pajjiżi oħrajn. Irridu niftakru wkoll li dawn il-Maltin u l-Għawdxin li mxew minħabba bżonnijiet ekonomiċi u minħabba disparità ekonomika lejn pajjiżi oħrajn kienu u għad hemm minnhom li huma ħaddiema barranin f'pajjiż ieħor. Mela aħna konna pajjiż

minn fejn in-nies kienu jemigraw biex jaħdmu f'pajjiż ieħor, imma llum ir-realtà hija differenti. Illum pajjiżna għandu bżonn aktar ħaddiema barranin biex inlaħħqu mat-tkabbir ekonomiku tagħna u hemm ċerti setturi li żgur li se jiffaċċjaw diffikultajiet biex isibu biżżejjed ħaddiema biex dik l-ekonomija tkompli miexja.

Li jkollok disparità ekonomika hija minn ewl id-dinja. Ħadd u l-ebda pajjiż mhu se jkollu l-istess ġid ekonomiku, anzi l-ordni globali ekonomika sfortunatament hija dejjem karatterizzata minn disparitajiet ekonomiċi. Hawnhekk tqum il-mistoqsija: Dan il-fatt li għandek din id-disparità jista' jwassal biex ħaddiema li jitilqu minn pajjiż relattivament ekonomikament inqas b'saħħtu jispiċċaw sfruttati u esplojtati sempliċement għaliex imxew minn pajjiż għal ieħor għaliex ir-realtà ekonomika hi li l-pajjiż fejn sejjer huwa aktar sinjur? Naħseb li din il-proposta ta' liġi verament turi li aħna nemmnu fid-drittijiet ta' kull ħaddiem, sew jekk hu Malti u sew jekk hu barrani.

Ejja ma naħsbux li ma kienx hemm jew m'għadx hemm irregolaritajiet u din il-liġi hija immirata preċiżament biex naraw li ma jkunx hemm la sfruttament u lanqas esplojtazzjoni ta' ħaddiema li jiġu jaħdmu f'pajjiżna. L-ideali hu li ma jkollokx bżonn dan, li kull pajjiż ikollu ekonomija għaddejja u jkun biżżejjed li jżomm lill-ħaddiema kollha tiegħu fil-pajjiż. Ir-realtà hija differenti. Mhux biss hija differenti imma li hu żgur hu li m'għandniex inħallu dik id-disparità twassal għall-abbużi.

Illum qegħdin nitkellmu fuq it-temping agencies. Għandna realtajiet oħrajn fejn f'pajjiżna, għall-grazzja t'Alla, ukoll illeġiżlajna fuq l-hekk imsejħa platform workers, imma sal-lum fl-Unjoni Ewropea mhux kulħadd jemmen li dawn il-platform workers għandhom jiġu kkonsidrati bħala ħaddiema fil-veru sens tal-kelma fejn hemm relazzjoni ta' impjegatur u impjegat. Pajjiżna kien diġà ħa azzjoni hawnhekk, u dan li qed nagħmlu llum huwa l-pass li kien imiss. Permezz ta' din il-liġi aktar milli qed inħarsu lejn platform workers, qed inħarsu lejn dawk in-nies li jiffaċilitaw it-traġitt ta' ħaddiema minn pajjiż għall-ieħor. Għandna nkunu aħna hawnhekk bħala leġiżlaturi - u jidhirli li l-Oppożizzjoni se tivvota favur din il-proposta ta' liġi – li jkollna d-dover li naraw li kull ħaddiem ikollu drittijiet diċenti, jaħdem fejn jaħdem.

Irridu nkunu konxji wkoll tar-realtajiet demografiċi li mhux Malta biss qed tiffaċċja imma l-Ewropa kollha. Forsi mhux fuq temping agencies direttament, imma naħseb hawnhekk b'idejna fuq qalbna rridu nistaqsu żewġ domandi partikolari. Fir-realtà kemm aħna lesti li nassimilaw u nintegraw lil dawn il-ħaddiema barranin? U min-naħa tagħhom kemm huma lesti, kemm huma disposti li jintegraw fis-soċjetà tagħna? Meta Albert Einstein ħarab mill-Ġermanja lejn l-Amerka, waħda mid-domandi fl-applikazzjoni kienet: X'razza int? U Einstein kiteb: "Human". Uman! Naħseb li dik hija guiding light li rridu nżommu quddiem għajnejna; li ġej minn fejn inti ġej, hi x'inhi r-realtà ekonomika tiegħek jew ta' pajjiżek, irridu nibqgħu lkoll umani ma' xulxin. L-umanità għandha twassal ukoll għall-ħarsien ta' dawn il-ħaddiema li, sfortunatament, minħabba realtajiet diversi forsi jkunu aktar soġġetti li jiġu esplojtati u sfruttati. Din il-proposta ta' liġi hija preċiżament immirata għal hekk.

Sur President, nirringrazzja lis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul mhux biss għall-ħidma li għamel dwar din il-proposta ta' liġi. Għandu qalbu fiha u l-isbaħ ħaġa li jista' jkollok hija meta tagħmel xi ħaġa u jkollok qalbek fiha! Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Nifhem li m'hawnx aktar kelliema. Qabel nitlob lis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul biex jagħlaq id-dibattitu dwar dan l-Abbozz ta' Liġi, naħseb li jkun tajjeb li nifirħu lit-tim Malti tan-nisa li rebaħ il-logħba tal-lum u għalhekk għamel storja għal pajjiżna fis-settur tal-isport. (Onor. Membri: Hear, hear)

Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, ningħaqad miegħek f'dan il-mument storiku u nifraħ ukoll lit-tim Malti mhux biss għal-logħba tal-lum imma nawguralu għal aktar suċċess.

Ninsab sodisfatt li l-Membri tan-naħa l-oħra tal-Kamra ddikjaraw li se jivvotaw favur dan l-Abbozz ta' Liġi. Ħadt pjaċir ukoll nisma' lill-Onor. Alex Borg li qal li jaqbel mas-sustanza ta' dan l-Abbozz ta' Liġi. Nixtieq nispjega xi punti forsi ftit tekniċi li qamu waqt id-dibattitu mingħajr ma nidħol f'ħafna battibekki politiċi. Irrid nispjega d-differenza bejn outsourcing agency u temping agency mingħajr ma noqgħod

nipponta subgħajja. Dan għax smajna Deputati tan-naħa l-oħra tal-Kamra jipprovaw jispjegaw billi jgħidu, pereżempju, li jkun hemm persuna tqabbad lil xi ħadd ibajdilha kamra u daqqa jiġi u daqqa ma jiġix.

Sur President, it-temping agencies ġew regolati l-ewwel darba fl-2011 meta pajjiżna daħħal fis-seħħ direttiva tal-Unjoni Ewropea. Issa din mhijiex kwestjoni ta' liema amministrazzjoni daħħlet liema liġi, mhijiex kwestjoni ta' aħmar u blu, imma hija kwestjoni li pajjiżna esperjenza tkabbir li qatt ma immaġinajna fl-ekonomija tagħna, għaliex l-ekonomija rdoppjat mill-2013 'il hawn u għandna l-inqas rata ta' qgħad fil-pajjiż. Illum ix-xogħol jiġri wara n-nies u mhux bil-kontra. F'pajjiżna għandna din ix-xorti li issa mhux biss hawn xogħol għall-Maltin imma għandna xogħol ukoll għall-barranin.

Aħna qed nesperjenzaw dan il-fenomenu bħalma qegħdin jesperjenzawh pajjiżi Ewropej oħrajn, għaliex aħna ma ngħixux f'bozza imma pajjiżna fiċ-ċokon tiegħu jirrifletti wkoll dak li qed jiġri f'pajjiżi oħrajn. Hawnhekk forsi niddevja ftit u nitlob u nistaqsi lil kull min qed jismagħna biex jara ftit x'qed jiġri f'pajjiżi ġganti stati membri tal-Unjoni Ewropea, fosthom l-Italja u l-Ġermanja li jinsabu f'riċessjoni. Fi Franza wkoll qed naraw kuljum nies ikissru fil-pjazez, biex ma nsemmix pajjiżi oħrajn barra l-Unjoni Ewropea, fosthom l-Istati Uniti li għandhom problemi li jmorru lil hinn mill-ħaddiema barranin. Grazzi għal dan it-tkabbir u l-ġid kollu li pajjiżna ra f'dawn l-aħħar għaxar snin, dan il-fenomenu tal-ħaddiema barranin qed nesperjenzawh ukoll bħal pajjiżi oħrajn.

Pereżempju, ilbieraħ smajt lill-Kap tal-Oppożizzjoni li kellu clip fuq pjattaforma tal-midja soċjali jiftaħar li se jagħmel kwalità ta' ħajja aħjar lill-Maltin għaliex se joħloq eluf ta' impjiegi. Jien nistaqsi lill-Kap tal-Oppożizzjoni: Jekk f'pajjiżna għandna l-inqas rata ta' qgħad, 700 ruħ, dawn l-eluf ta' impjiegi li qed isemmi min se jħaddimhom? Forsi jiġi hawnhekk u jagħtina tweġiba. Fl-istess ħin il-Kap tal-Oppożizzjoni ġie f'din il-Kamra jgħajjat u jgħidilna li l-popolazzjoni ta' pajjiżna rdoppjat. Imbagħad kellek il-fact checking exercise ta' *The Times of Malta* li jien qrajtu, li l-ġurnalist għamlu b'mod metikoluż, u spjega kif titkejjel il-popolazzjoni, u r-riżultat kien li qallu li mhuwiex qed jgħid is-sew. Minkejja dan, intervistawh hawn barra u qalilhom li tat-*Times of Malta* huma żbaljati. Lil hinn minn dan jien nittama li din in-narrattiva *vis-à-vis* l-ħaddiema barranin ma toħloqx xi forma ta' konflitt bejn il-Maltin u l-ħaddiema barranin.

Sur President, fil-verità l-ekonomija tagħna mhijiex dipendenti fuq il-ħaddiema barranin imma għandha bżonn il-ħaddiema barranin, u dan mhux qed ngħidu jien imma qegħdin jgħiduh l-imsieħba soċjali li aħna bħala Gvern niltaqgħu magħhom spiss. Qed jgħidulna biex ngħinuhom billi niffaċilitaw il-proċess ħalli jġibu aktar ħaddiema barranin. Ġaladarba aħna f'dan il-pajjiż wasalna għax-xorti li qed nitkellmu – u se nuża l-kliem tan-naħa l-oħra - fuq overpopulation ta' ħaddiema, jiġifieri hawn aktar ħaddiema milli hawn bżonn, issa għandna dak iċ-ċans li mmorru għall-qabża ta' kwalità. Huwa proprju dan li tindirizza din il-proposta ta' liġi. Tindirizza l-iskill card li se ndaħħlu fil-qasam tal-ospitalità, fil-qasam tal-kostruzzjoni u f'diversi oqsma oħrajn. Illum rajna wkoll lill-Ministru Miriam Dalli tħabbar inċentivi oħrajn permezz ta' Malta Enterprise biex il-kumpaniji u n-negozji jingħataw inċentiv biex iħarrġu lill-ħaddiema tagħhom.

Aħna hekk irridu issa, Sur President. Irridu nagħmlu dik il-qabża biex f'pajjiżna jiġu ħaddiema ta' kwalità. Imma ħalli issa nindirizza xi punti tekniċi li qamu waqt dan id-dibattitu. Jien spjegajt li kumpanija jew sole trader irid ikollha magħha ingaġġat fuq bażi full-time u b'mod esklużiv dak li jgħidulu 'competent person' li jrid ikollu ċerti kwalifiki u jrid jgħaddi mill-iskrutinju ta' due diligence. Se jkun hemm working committee apposta jivvettja l-informazzjoni li tkun daħlet mingħand il-Pulizija. Hawnhekk qamet mistoqsija tajba ħafna: X'jiġri jekk il-competent person jitlaq? Hemmhekk din il-proposta ta' liġi taħseb għaliha wkoll. Jien għalhekk forsi kont ftit diżappuntat għaliex meta inti se tiddiskuti abbozz ta' liġi, nippretendi li wieħed ikun daħal fid-dettall. F'dak il-każ hemm ilqugħ waqt it-tranżizzjoni.

Issemma wkoll il-fatt li f'ċerti sitwazzjonijiet għandna nużaw il-midja soċjali biex nirreklamaw ċerti affarijiet. Sur President, hawnhekk qed nitkellmu dwar aspetti ta' portata serja u mxejna anke ma' dak li l-liġi kienet tgħid qabel li ċerti avviżi jidhru f'żewġ ġurnali lokali.

Kien hemm ukoll mistoqsijiet dwar id-definizzjoni ta' reklutaġġ u tajjeb li nerġa'

nispjega għaliex tan-naħa l-oħra qajmu dubji dwar id-definizzjoni li qiegħda fil-liġi. Ilbieraħ qalulna li mhux qiegħda hemmhekk, imma fil-fatt qiegħda hemmhekk imnaqqxa fil-liġi. Id-differenza hi li recruitment agency tagħmel l-intervisti hi, tagħmel il-matching, jiġifieri tara li dak il-ħaddiem jaqbel ma' dak li tkun qed titlob il-kumpanija, imbagħad dak il-ħaddiem jiġi fuq il-payroll ta' dik il-kumpanija. Din hija d-differenza kruċjali. Kellna liġi li tirregola recruitment agencies, imma li jiġu tan-naħa l-oħra u jgħidulna li din hija update, bid-dovut rispett m'għandhomx raġun. Ma rridx inkun aggressiv fi kliemi, imma m'għandhomx raġun, għaliex it-temping agencies u l-outsourcing agencies ma kellhomx bżonn liċenzja biex joperaw. (Interruzzjonijiet) Jekk il-Membru tan-naħa l-oħra se jibqa' jmerini, jien ngħidlu: Inti bħali titkellem mal-operaturi. Mur staqsihom jekk kellhomx bżonn liċenzja biex joperaw!

Issuġġerew u qalulna: Għalfejn ma tneħħux dawn it-temping agencies u dawn il-ħaddiema jibda jġibhom il-Gvern? Jien meta nisma' dawn il-kummenti ninkwieta ftit għaliex fil-privat għandek negozju għaddej minn kumpaniji li jien iltqajt magħhom. Dawn huma kumpaniji serji ħafna li ilhom aktar minn 20 sena fis-suq. Ilbieraħ l-Onor. Castillo bħali kellu l-opportunità jisma' lil wieħed minn dawn l-operaturi ewlenin f'pajjiżna li semma wkoll din il-liġi. Jien, apparti dan l-operatur partikolari li semmejt, irċevejt diversi messaġġi u diversi emails fejn qalulna grazzi għax fl-aħħar se jkollhom qafas regolatorju. Dak dwar ir-reklutaġġ diġà kien jeżisti, però għall-outsourcing agencies u għat-temping agencies dan ma kienx jeżisti.

Sur President, min-naħa l-oħra smajna kliem bħal "time out" u "time up", però jien nerġa' nistaqsi: X'viżjoni għandhom tan-naħa l-oħra? Jien rajt il-proposta tagħhom fil-manifest elettorali dwar il-barranin. Ma jgħidu xejn prattikament. X'viżjoni għandhom? Il-Kap tal-Oppożizzjoni jgħidilna li l-popolazzjoni rdoppjat, imbagħad f'daqqa waħda lbieraħ fuq Malta Daily, jekk m'iniex sejjer żball, qalilna li se joħloq eluf ta' impjiegi. Imma dawn l-impjiegi min se jħaddimhom?

L-Onor. Castillo qalilna li jrid iġib il-popolazzjoni lura għal dik li kienet fl-2013 u l-kollega tiegħu qaltilna li kuntenta bl-i*status quo* tan-numri li hawn f'pajjiżna. L-Onor. Castillo qal ukoll li jien mort fuq programm jissejjaħ podcast waħdi. Qisni għamilt xi ħaġa ħażina għax ġejt mistieden u mort dibattitu u kont waħdi. Ma nistax nifhem għalfejn ħarqitu qalbu. Ħarqitu qalbu tant għax kont mistieden? (Interruzzjonijiet) Hu fuq *F Living* waħdu jkun! Ma nkunx miegħu! (Interruzzjonijiet) Mhux dibattitu kont, imma kont mistieden biex nispjega dan l-Abbozz ta' Liġi. Semmihieli xi sitt darbiet din! Dejqitu ħafna, ma nafx għalfejn!

Sur President, issemma ħafna wkoll id-DIER. Hawnhekk irrid nagħmel punt għaliex naħseb li ma kinux ġusti max-xogħol li jagħmlu tad-DIER. Irrid ngħid li s-sena l-oħra f'pagi b'out of court settlement inġabru €800,000 kif ukoll għamlu 1,000 investigazzjoni. Minkejja dan tan-naħa l-oħra – u hawn mhux qed ngħid għall-Onor. Castillo - tawna x'nifhmu li l-ħaddiema tad-DIER qishom b'xi mod qegħdin jaħdmu b'xi forma ta' skjavitù. Hekk tawna x'nifhmu! Bir-rispett kollu, fid-diskors tiegħi meta ddiskutejna l-estimi spjegajt dwar kemm żidna ħaddiema fid-DIER u spjegajt ukoll li dawn ħadu żewġ ċertifikati ta' eċċellenza mill-European Labour Authority.

Dan id-dubju pprovat toħolqu l-Onor. Buttigieg meta qalet: Issa naraw, mhux billi għandna fuq il-karta! Qisha riedet tgħid li se jkun hemm qisu xi forma ta' abbuż. Jien ngħid lill-Onor. Buttigieg li l-Gvern se jibqa' jkun ta' spalla għall-ħaddiema tagħna anke meta rinfaċċati b'kull forma ta' intimidazzjoni. Din diġà għamiltha ċara maċ-chairpersons tat-tribunal industrijali, u qed nagħmilha ċara wkoll mal-ħaddiema tad-DIER, li għandhom jaħdmu fil-libertà kollha, u se jsibu lilna, il-Gvern, bħala spalla għalihom. Jekk in-naħa l-oħra jafu b'xi każ li kien hemm xi forma ta' diskriminazzjoni, nitlobhom li jiddikjarawh.

Issemmiet ukoll is-sitwazzjoni tat-tendering. L-Onor. Castillo qalilna li ġieli jkun hemm tliet tenderers, ikun hemm bżonn 40 ħaddiem, u dawn jispiċċaw jintgħażlu t-tlieta li huma u jġibu 40 ħaddiem it-tlieta li huma. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, point of information.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** L-Onor. Ivan Castillo, point of information.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, biex nikkjarifika, jien m'għedtx li t-tlieta li huma jirbħu tender. Tliet tenderers li jitfgħu l-istess offerta ma jistgħux jirbħuha kollha kemm huma.

Jien għidt wieħed minn dawk it-tlieta, sabiex id-diskors ikun eżatt. Jien għidt tliet tenderers li jkollhom bżonn tender ta' 40 ruħ kull wieħed, it-tlieta li huma japplikaw għal 40 ruħ kull wieħed u wieħed biss jista' jirbaħ it-tender. Hekk għidt.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul ikompli.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, meta jinħareġ u jkun hemm bżonn, pereżempju, talba għal 40 ħaddiem, l-40 ħaddiem se jidħlu. Jirbħu min jirbħu t-tender, mhux se jidħlu aktar minn dak li jkun mitlub fit-tender.

Lil hinn minn dan saret ukoll mistoqsija dwar x'jiġri jekk ikollok ħaddiema ta' aġenzija li jkunu qed jagħtu servizz lil user undertaking partikolari, jiġifieri jkunu qed jaħdmu ġewwa fabbrika, lukanda jew f'xi kumpanija u dik l-aġenzija titlef il-liċenzja. Din hija mistoqsija tajba ħafna. L-ewwel nett irrid ngħid li d-DIER jirregola b'mod metikoluż il-kwestjoni ta' transfer of business. Hemm Avviż Legali wkoll li jirregola dan. Apparti minn hekk, il-liġi se tagħti s-saħħa lid-Direttur li fil-liċenzja jimponi kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa mhux biss biex jissalvagwardja l-ħaddiem - u għalhekk ipprovajna noħolqu bilanċ anke fir-rigward tal-operatur, u se nispjegah wara dan l-argument - imma anke biex jissalvagwardja lill-operatur innifsu u l-user undertaking, jiġifieri dik il-kumpanija li tkun qed tuża s-servizzi ta' dawn il-ħaddiema tal-aġenziji.

Irrid inserraħ moħħ id-Deputat tal-Oppożizzjoni li qajjem dan il-punt interessanti li f'dan il-każ, l-ewwel nett nerġa' ngħid li bħalma ġara fid-digital platform work, is-suq jirregola ruħu. L-operaturi xi kultant ikunu f'kompetizzjoni ma' xulxin imma meta jkun hemm suq ġdid ikun hemm ukoll kollaborazzjoni bejniethom, kif ġara meta introduċejna l-liġi tad-digital platform work li ħadmet mingħajr skossi, kif anke hawnhekk wieħed qed jantiċipa li se jiġri.

Apparti li d-DIER jirregola b'mod metikoluż il-kwestjoni ta' transfer of business, meta operatur jieqaf jew jitlef il-liċenzja jew ma jġeddidx, il-ħaddiema tiegħu jmorru għand aġenzija oħra. Mal-mument li aġenzija tiġi informata li se titteħdilha l-liċenzja jew mhux se tiġi mġedda, dik ma tiqafx topera sakemm jgħaddi l-proċess ġudizzjarju. X'għamilna biex noħolqu bilanċ u anke nagħtu drittijiet lill-operatur? L-għan tagħna bl-ebda mod mhu li ntellfu s-suq, anzi aħna rridu nkunu ta' spalla għall-operatur biex jibqa' għaddej. Aħna tajna d-dritt li l-operatur imur quddiem bord ta' appelli li se nkunu qed inwaqqfu b'din il-liġi, u minn dan il-bord ta' appelli wieħed imbagħad ikun jista' jfittex rimedju ġudizzjarju quddiem il-Qorti tal-Appell.

Jien naħseb li hemm sistema b'saħħitha u robusta ta' checks and balances anke fuq id-Direttur. Din il-liġi tgħabbi lid-Direttur b'responsabbiltà kbira għaliex għandu poteri eżekuttivi b'saħħithom imma fl-istess ħin tgħabbih ukoll b'responsabbiltà. Din ir-responsabbiltà se nikkawtelawha billi lill-operatur nagħtuh 30 jum ċans biex joġġezzjona għal dak li jkun iddeċieda d-Direttur.

Sur President, tkellmet ukoll l-Onor. Buttigieg. Nifhem li kienet taħdem fil-qasam tax-xandir għax kienet taħdem man-Net TV u nifhem ukoll li tkun trid tinqabad mill-midja tagħmel ċerti sound bites. Ilbieraħ inqabdet mill-midja, għax qalet li dawn l-aġenziji qed jintużaw għat-traffikar tal-ħaddiema barranin. Qalet ukoll li jkun hemm il-bouncers mal-bibien, għaliex ikun hemm dawn in-nisa li qed jiġu traffikati, biex ma jħallukx tidħol. Minn hawnhekk nissolleċita lill-Onor. Buttigieg biex jekk taf b'xi każ, tmur għand il-Pulizija. Inutli tiġi hawn u toqgħod tgħid li rat bouncer fih m'ogħla hawn biex ma jħallix in-nies jidħlu. Tmur għand il-Korp tal-Pulizija u tirrapporta! Qalitha hawnhekk fejn aħna vestiti bl-immunità parlamentari u kkwotawha l-midja, għax naħseb hekk xtaqet. Imma issa mhux inparlaw biss. Jekk taf b'xi ħaġa għandha tmur għand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Qalet ukoll li peress li l-informazzjoni biex isir il-vetting se tiġi mingħand il-Pulizija, x'garanzija se jagħtina l-Gvern li dawn se jlaħħqu max-xogħol? Ma fehmet xejn! Ma semmietx artiklu wieħed li hemm imnaqqax f'din il-liġi. Ma semmietx organu wieħed li waqqafna b'din il-liġi, però semmiet li ħadet gost tismagħna ngħidu li hemm sinerġija bejn l-awtoritajiet. Waqt li konna qed nabbozzaw din il-liġi jien iddiskutejt flimkien mad-Direttur Ġenerali tad-DIER, mas-CEO ta' Identità, mas-CEO ta' Jobsplus u ma' uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija u ddiskutejt ukoll dwar il-mod kif se nkunu qed inħaddmuha fil-prattika.

Nista' nserraħ moħħ l-Onor. Buttigieg li l-awtoritajiet se jkunu qegħdin jaħdmu id f'id. Biss biss ngħid li biex persuna issa tmur tapplika l-Identità għal dak li jissejjaħ is-single resident permit biex tkun tista' taħdem ġo pajjiżna, l-ewwel mhu se jistaqsuha l-Identità hija għal-liċenzja. Hemmhekk diġà bdejna dik is-sinerġija, anke wkoll biex nidentifikaw in-numru ta' persuna, sabiex jiġu komputati dawk it-2% li għandhom jiġu depożitati fil-fond ta' garanzija tal-aġenziji. Dan huwa organu ieħor li se jitwaqqaf bis-saħħa ta' din il-liġi.

Sur President, l-impenn tagħna huwa li kemm jista' jkun naħdmu biex din il-liġi tidħol fis-seħħ mingħajr skossi. Aħna mhux suppervi u jien diġà urejt l-impenn lill-imsieħba soċjali li wara li tidħol fis-seħħ din il-liġi se nibqa' niltaqa' magħhom biex jekk hemm bżonn nemendaw, nemendaw, m'hemm problema ta' xejn. Hawn ngħid li sal-lum ma rajt l-ebda kritika għal din il-proposta ta' liġi mingħand l-imsieħba soċjali, anzi ħlief kliem ta' tifħir ma smajtx. Jien nagħtihom il-kelma tiegħi. Hawnhekk qed nitkellmu fuq eluf ta' ħaddiema. Biss biss statistika turi li hawn aktar minn 80,000 ħaddiem barrani ġewwa pajjiżna. Ovvjament mhux kollha huma third country nationals, mhux kollha jaħdmu ma' aġenziji tax-xogħol, imma n-numru qiegħed hemm.

L-għan tagħna huwa li dan is-settur insostnuh għaliex għandna bżonn ħaddiema barranin ġewwa pajjiżna. Issa wasal il-mument li nagħmlu dik il-qabża ta' kwalità, li jiġu pajjiżna biss dawk il-ħaddiema ta' kwalità u jiġu f'setturi biss fejn hemm bżonnhom. Huwa dak li rridu. Iva, sfortunatament smajna b'abbużi, smajna bi sfruttament. Ilbieraħ stess kont f'konferenza u wieħed mill-operaturi qal li f'daqqa waħda qed isib ruxxmata ta' barranin fl-uffiċċju tiegħu. Għaliex? Il-liġi diġà qed taħdem, minkejja li ma daħlitx fis-seħħ. Kif qed taħdem? Għaliex min mhuwiex serju diġà qed jagħlaq il-bibien, għax jaf li m'aħniex se nittolleraw abbużi. L-operaturi diġà tkellmu pubblikament. Jien nistieden lil min qed jismagħna biex jara r-rapportaġġi tal-gazzetti tal-lum. Min huwa serju se jibqa' jopera. Anzi, ħadu gost b'din il-liġi, għax issa hemm qafas regolatorju. Però min mhuwiex serju m'għandniex x'nambuh iġib il-barranin ġewwa pajjiżna biex jisfruttahom. Aħna rridu ħaddiema ta' kwalità.

Sur President, kif se jiġu l-ħaddiema ta' kwalità? Ħaddiem li jkun ġej pajjiżna ma jaqbadx iqum filgħodu u jiġi Malta min-naħa l-oħra tad-dinja. Qabel jiġi jara l-affarijiet u issa jaf li għandna sinerġija tal-awtoritajiet, jaf li għandna qafas legali robust, jaf li se jkollna l-infurzar u jaf li se jkollu d-drittijiet tiegħu salvagwardati. Dan irid jingħata kopja tal-kuntratt, irid jingħata kopja tar-rendikont tal-ħinijiet li se jaħdem, fejn se jaħdem u x'se jkunu l-mansjonijiet tiegħu. Għalhekk aħna qed ngħidu li din il-liġi se tkun qed tattira ħaddiema ta' kwalità.

Kont se nsemmi wkoll dak li qal l-Onor. Stanley Zammit dwar il-viżjoni ta' eċċellenza ekonomika li għandu l-Partit Nazzjonalista, imma naħseb li smajna ħafna dwar dawn il-famużi seba' slides li ppreżentawlna. Imma lil hinn minn dan kollu, jien se nibda nagħlaq billi ngħid li nħossni kburi li flimkien ma' sħabi tal-grupp parlamentari u tal-Kabinett fassalna liġi li biha se nkunu qed niktbu l-istorja fil-liġi industrijali. Din hija l-akbar leġiżlazzjoni li qatt ġiet varata f'dak li għandu x'jaqsam mal-liġi tax-xogħol.

Paripassu ma' dan se nkunu qegħdin inkomplu diskussjonijiet biex indaħħlu l-konċett tal-equal pay for work of equal value b'mod ħolistiku. Diġà bdejna d-diskussjonijiet mal-imsieħba soċjali li qegħdin fi stadju avvanzat. Però din mhijiex kwestjoni li tqum filgħodu u tgħid li se tbiddel, temenda u tvara. Trid tara wkoll l-interessi ta' min iħaddem u tal-ħaddiema. Dak huwa r-rwol tiegħi bħala Segretarju Parlamentari responsabbli mid-Djalogu Soċjali; li nilħaq dan il-bilanċ. Il-liġi industrijali titfa' obbligu mandatorju fuqna li mmorru quddiem l-Employment Relations Board qabel niġu hawnhekk b'liġi.

Hekk qed nagħmlu, Sur President. Hekk għamilna meta daħħalna l-work-life balance, meta daħħalna l-Predictable and Transparency Directive u meta żidna l-minimum wage. Hekk ukoll rigward dawn ir-regolamenti li qed niddiskutu llum tat-temping agencies u hekk qed nagħmlu bil-Wage Regulation Orders. Hekk għamilna l-ġimgħa l-oħra meta żidna l-paga minima mnaqqxa fil-Wage Regulation Orders, li hija differenti mill-paga minima nazzjonali. Hekk nieħu gost, li jintlaħaq dan il-bilanċ bejn rappreżentanti ta' min iħaddem, rappreżentanti ta' ħaddiema, u l-Gvern, għaliex aħna għandna sistema tripartite plus, għaliex fl-MCESD għandek ukoll l-imsieħba soċjali.

Sur President, l-Onor. Karol Aquilina ddeskriva l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrjali u d-diversi liġijiet sussidjarji taħtu li jirregolaw id-dinja tax-xogħol bħala mill-aktar importanti f'pajjiżna għaliex jitkellmu fuq il-kondizzjonijiet tal-ħaddiema, fuq it-tribunal industrijali u fuq xi drittijiet għandek. Jien nappella biex meta niddiskutu l-liġi industrijali f'din il-Kamra, meta nitkellmu fuq il-ħaddiema Maltin, fuq il-ħaddiema barranin li jaħdmu ġo pajjiżna - u dawn it-temping agencies iħaddmu eluf ta' ħaddiema Maltin - jibqa' jkollna dibattitu matur u miftuħ biex fl-aħħar mill-aħħar noħorġu l-aħjar biex f'pajjiżna jkollna dinja tax-xogħol reżiljenti, moderna u b'saħħitha, li toffri kondizzjonijiet tajbin lill-ħaddiema tagħna u kwalità ta' ħajja aħjar għal min jiġi fuq din il-ġenna tal-art ta' pajjiż li għandna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452" ikun moqri t-Tieni Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-Tieni Darba.*

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, f'isem il-Prim Ministru nitlob il-permess tal-Kamra sabiex inressaq mozzjoni ħalli dan l-Abbozz ta' Liġi, minkejja li kien jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, jiġi trattatt mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Hawn permess? (Onor. Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, nipproponi li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi trattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Min jissekonda?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nissekonda.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Il-mistoqsija hija li l-Mozzjoni kif imressqa mis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Sar il-ħin. Nitlob lis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal għada l-Erbgħa, 6 ta' Diċembru 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru - Tielet Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) -Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Gvern Lokali - Tielet Qari;

Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 136 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet – Votazzjoni;

Estimi Ġenerali għas-sena 2024 – Kumitat ta' Provvista - Approprjazzjoni u l-Estimi Supplimentari (Tieni Approprjazzjoni) – Votazzjonijiet.

-----

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2) - Kumitat Permanenti.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Rimarki? L-Onor. Malcolm Paul Agius Galea.

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Sur President, f'dan l-Aġġornament tal-lum se niddiskuti xi ħaġa li bħalissa għajnejn id-dinja qegħdin fuqha. Qed nirreferi għall-konferenza COP28 li bħalissa għaddejja fl-Emirati Għarab Magħquda. Din il-konferenza internazzjonali tlaqqgħet bil-ħsieb li ngħinu lill-pajjiżi jaffrontaw l-isfida tat-tibdil fil-klima u l-problemi kbar li ġġib magħha. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, dawn aktar qed jinħassu f'kull pajjiż, u sfortunatament, mhux wisq inqas, f'Malta.

Sa ftit żmien ilu ħafna nies kienu jgħidulek li t-tibdil tal-klima hija qlajja' fażulla imma issa qed iħossu l-effetti tagħha u l-problema se tkun agħar is-sena d-dieħla. Fil-fatt il-COP28 inizjalment

bdiet bħala Conference of the Parties of the UNFCCC, għalhekk jisimha COP. In-numru 28 jindika n-numru ta' snin li ilha għaddejja, mill-1995 sa din is-sena, u fiha ħadu sehem xejn inqas minn 196 parteċipant. Din il-konferenza qed issir fl-Emirati Għarab Magħquda li huwa kkonsidrat bħala wieħed mill-aktar pajjiżi li l-bażi tal-ekonomija tiegħu hija ż-żejt u għalhekk jipproduċi l-fossil fuels li huma l-aktar fuels li joħolqu gassijiet tossiċi li jkomplu jżidu aktar it-tibdil fil-klima.

Ironikament dan il-pajjiż appunta lis-CEO tan-National Oil Company ta' Dubai (Adnoc) biex jippresiedi din il-konferenza. Dan ir-rwol f'din il-konferenza tal-COP28 jistona ħafna mar-rwol tiegħu fil-kumpanija taż-żejt. Din ħolqot sitwazzjoni daqsxejn antipatika li tqajjem numru ta' mistoqsijiet. Fil-fatt kien hemm ħafna reżistenza għal din il-ħatra ta' presidenza f'din il-konferenza. Sfortunatament il-president ta' din il-konferenza żelaq waħda sewwa fin-niexef għax ma felaħx ma jkomplix jargumenta favur pajjiżu u l-introjtu li jdaħħal minn dan is-sors ta' produzzjoni taż-żejt. Dan sostna li pajjiżu qed jiddedika parti minn dan l-introjtu biex jindirizza l-problemi bħala riżultat tal-fenomenu tat-tibdil fil-klima. Meta nisma' kliem bħal dan nibda nħokk rasi – u ma naħsibx li jien waħdi, hawn ħafna nies oħrajn li jaħsbuha bħali - u nibda nistaqsi dwar kemm dawn qegħdin jifhmu x'inhu jiġri u kemm verament qed juru impenn fir-rwol tagħhom.

Daqshekk ieħor ninkwieta meta nara li wieħed mill-aktar pajjiżi li jikkontribwixxi għal dawn il-gassijiet tossiċi, li huwa ċ-Ċina, ma jipparteċipax f'konferenzi bħal dawn. Din hija ipokresija assoluta u atteġġjament deplorabbli għall-aħħar. Daqstant ieħor jinkwetani l-fatt li l-President Amerikan m'attendiex għal din il-konferenza għalkemm kien rappreżentat mill-Viċi President Kamala Harris. B'dan li qed ngħid irrid nuri li l-impenn minn dawn il-pajjiżi l-kbar li jaffrontaw din l-isfida tat-tibdil fil-klima kien nieqes.

Fil-fatt fl-2015, meta din il-konferenza COP saret fi Franza, kien hemm ftehim li jorbot legalment fejn il-pajjiżi kollha qablu bejniethom li se jagħmlu sforz biex ma nżidux it-temperatura tad-dinja aktar minn 1.5 gradi. Forsi jkun hawn min jgħidli: 1.5 gradi x'inhuma? Ix-xjenzati jsostnu li żieda ta' 1.5 gradi toħloq katastrofi sħiħa fl-ekosistemi u diżastru fin-natura tad-dinja. Hawnhekk qed nitkellmu fuq żieda ta' 1.5 gradi qabel il-livelli preindustrijali. Suppost, din il-mira trid tintlaħaq qabel l-2025 u għandna nnaqqsu l-gassijiet serra kollha bi 43% qabel l-2030. Dawn kienu miri maħsuba li jintlaħqu u kienu jorbtu legalment.

Jidher, mingħajr ma nkun fatalista, li resqin lejn diżastru. Inutli nitkellmu fuq aspetti oħra u fuq mard ieħor jekk ma neħdux ħsieb din il-problema. It-tendenza hi li l-impenn huwa fraġli. Tgħiduli: La l-pajjiżi l-kbar mhux qed jagħtu kas, għaliex għandi nagħti kas jien? Jekk ħadd mhu se jagħti kas, m'aħna se naslu mkien. Għaldaqstant, nemmen li anke pajjiżna, żgħir kemm hu żgħir, għandu jagħti tagħlima lil pajjiżi ħafna akbar minnu billi nuruhom li aħna qegħdin nagħmlu l-almu tagħna biex nipprovaw nilħqu dawn il-miri.

Sur President, kumbinazzjoni llum ħareġ rapport mill-World Meteorological Organisation li juri li d-diċennju bejn l-2011 u l-2020 kien l-aktar wieħed sħun li qatt rat id-dinja. Fil-fatt, it-temperaturi mill-1990 'l hawn kienu l-ħin kollu telgħin u din kienet l-aktar sena sħuna li qatt kellna. Fil-fatt kellna sitt xhur sħaħ ta' rekords globali fit-temperatura. Naħseb li ma jistax ikun hemm xi ħaġa aktar indikattiva minn din l-istatistika. Dan qed joħloq problemi kbar lill-glaciers, jiġifieri dawk ix-xmajjar tas-silġ li huma importanti ħafna fil-bilanċ tat-temperatura madwar id-dinja. Dawn qed jinħallu bil-konsegwenza li l-livelli tal-baħar qegħdin jitilgħu u se joħolqu problemi kbar. Fil-fatt, fl-2023, sfortunatament kellna rekord ġdid ta' tniġġis bil-karbonju li tela' b'1.1% aktar mill-2022.

Jien ħassejt li kelli nitkellem fuq dawn ir-riżultati u statistika inkwetanti ħafna għax ħafna drabi n-nies ma jagħtux kas ta' dawn l-indikaturi u allura naħseb li huwa xieraq li xi ħadd f'dan il-Parlament jitkellem dwarhom. Ħafna nies kultant jaħsbu li qed nitkellem waħdi. Forsi veru qed nitkellem waħdi, imma bħala politiku jien irrid nuri l-impenn tiegħi biex forsi nqajjem aktar kuxjenza dwar din il-problema fost il-poplu. Dan l-impenn irrid nurih anke bħala tabib għax din taffettwa ħafna s-saħħa tal-poplu. Mill-esperjenza tiegħi bħala tabib qed ninnota li l-mard respiratorju u mard ieħor qegħdin dejjem jiżdiedu. Hemm ukoll ħafna mard li ġej jew huwa aggravat miż-żieda fit-temperatura li qed joħolqilna problemi kbar.

Fil-fatt din toħloq ukoll ħafna migrazzjoni ta' nies. Se jkollok ħafna pajjiżi li se jkunu milqutin

verament ħażin u n-nies f'dawn il-pajjiżi se jmorru f'postijiet oħrajn għax ma jkunux jistgħu jkomplu jgħixu fejn qegħdin jgħixu. Ħafna nies minn pajjiżi foqra, pajjiżi li għalkemm milqutin bħal postijiet oħrajn, m'għandhomx ir-riżorsi biex ikunu jistgħu jgħixu sew fihom għax m'għandhomx biex ikunu jistgħu jikkumbattu dawn il-fenomeni kbar fin-natura, se jitilqu minn hemmhekk u jmorrulek f'pajjiżi aktar sinjuri.

Fil-fatt jidher li qed ikun hemm qbil fuq il-Loss and Damage Fund, li huwa fond mill-pajjiżi l-aktar sinjuri, speċjalment produtturi ta' dawn il-fossil fuels. Aħna nafu li l-aktar pajjiżi sinjuri huma l-aktar pajjiżi li għandhom dawn il-fossil fuels, u fil-fatt jekk inti sirt sinjur kulħadd jispiċċa jgħidlek li qisek sibt iż-żejt! U l-verità hekk hi! Dawn il-pajjiżi li huma l-akbar produtturi taż-żejt huma l-aktar pajjiżi li jkollhom flus. Dan għandhom ekonomija b'saħħitha ħafna u għalhekk dawn se jkunu qed jgħaddu flus b'mod dirett lil dawn il-pajjiżi foqra ħafna li m'għandhomx riżorsi u li qegħdin isofru ħafna aktar min kull pajjiż ieħor, u minħabba f'hekk ikollok ċaqliq qawwi ta' nies. Dan il-fenomenu jaffettwa lil kulħadd b'mod dirett u forsi b'mod indirett ukoll.

Illum qegħdin naħdmu fuq il-liġi tat-temping agencies. Fil-verità, waħda mir-raġunijiet għaliex ħafna nies jitilqu minn pajjiżhom hija għax ikun hemm nuqqas ta' xogħol, ma jkunux jistgħu jgħixu fejn qegħdin, ma jkunux jistgħu jikkumbattu l-fenomenu tan-natura, u jmorrulek f'pajjiżi oħrajn fejn jistgħu jaħdmu u jistgħu jgħajxu l-familja tagħhom kif suppost, inkluż hawn Malta. Għall-grazzja t'Alla, bħala pajjiż avvanzat għandna post aktar pjaċevoli għan-nies li jistgħu jgħixu fih u post li jistgħu jgħixu fih b'rashom aktar mistrieħa.

Aħna m'aħniex maqtugħin mill-kumplament tad-dinja u destinati li nintlaqtu wkoll. Intlaqatna dan is-sajf għax, fil-każ tagħna, kellna ħafna sħana. F'pajjiżi oħrajn qed naraw ukoll tempesti qawwijin ħafna li huma riżultat ukoll ta' dan it-tibdil fil-klima. Naħseb li ta' min jifhem li rridu noqogħdu attenti ħafna. L-impenn huwa nieqes, għandna problemi kbar u jidher li madwar 50% biss mill-miri jistgħu jintlaħqu fi żmien seba' snin, jiġifieri sal-2030, inkluż li ma nżidux it-temperatura b'aktar minn 1.5 gradi skont il-Ftehim ta Pariġi tal-2015. Diġà qed naraw 50% ċans, probabbilment se jkun inqas, u dawn huma riżultati inkwetanti ħafna.

Hawn Malta x'qegħdin nagħmlu, Sur President? X'inhu l-pjan? Jidher li l-Gvern qed jagħmel pjan u dan jidher mill-memorandum of understanding (MOU) li għadu kemm iffirma ftit tax-xhur ilu fuq sorsi ta' enerġija, partikolarment solar powered energies li jkunu aktar nodfa, li jistgħu joħolqu d-dawl f'pajjiżna u forsi għall-kumplament tal-Ewropa. Dan billi nutilizzaw meded kbar ta' art, partikolarment fl-Afrika ta' Fuq, biex inkunu nistgħu nagħmlu solar farms kbar. L-ispazji hawn Malta huma limitatissimi. Imbagħad, l-aktar pass li nistgħu nagħmlu hija fejn jidħol il-konsum. Bħala pajjiż nikkonsmaw ħafna, u hawn nixtieq ngħaddi messaġġ.

Forsi se ninstema' ħażin, imma kultant bħala pajjiż aħna qegħdin daqsxejn ħalqna fix-xgħir u qed inkunu l-vittmi tas-suċċess tagħna stess. Se ninstema' daqsxejn ikrah, imma hekk hu. Huwa importanti li ngħinu lin-nies, imma meta nagħtu sussidji fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma jaf ikollok dak ir-riskju li persuna tgħidlek: U iva, mhux xorta, nista' nlaħħaq mal-kontijiet, allura naħli kemm irrid. Fil-verità, meta tkun daqsxejn imrażżan minn butek toqgħod attent kemm tuża. Tgħid: Il-fuel mhux xorta rħis, mela ħalli mmur minn hawn sa hemm bil-karozza. Ma toqgħodx tistaqsi dwar kemm se taħli fuel. Ara kieku jkun ogħla, tipprova toqgħod attent.

Issa jien bl-ebda mod mhu qed ngħid li għandna ngħollu l-kontijiet, anzi, huwa importanti li nibqgħu ngħinu lin-nies, imma rridu noqogħdu attenti minn kif jistgħu jaħsbuha ċerti nies għax din jaf ikollha impatt negattiv fuqna bħala pajjiż. Il-ħela taf tkun qed tħalli effett qawwi fuqna u fuq uliedna. Jekk naħlu, fil-verità, aħna nbatu l-konsegwenzi.

Sa ftit żmien ilu kien qed ikollna kampanji ta' informazzjoni biex naħlu inqas, imma jidher li dawn il-kampanji naqsu. Jien naħseb li mhux talli m'għandhomx jonqsu talli għandhom jiżdiedu ħafna aktar. Sfortunatament hemm ħela f'kollox, inkluż fl-ikel, u għalhekk l-importanza tal-food banks u l-ħela tar-riżorsi u tad-dawl. Din is-sena lħaqna livelli ta' konsum ta' dawl rekord. Veru li l-popolazzjoni żdiedet, imma l-livell ta' konsum tagħna sploda. Huwa ħażin li titlaq għax-xogħol, tixgħel l-air conditioner u tħallih mixgħul biex xħin tiġi lura ssib id-dar friska, partikolarment fis-sajf. Ħażin ħafna, għax ma naħsibx li li hija xi biċċa xogħol iebsa jekk, xħin tasal lura d-dar, tagħmel almenu kwarta bit-twieqi miftuħin u mbagħad tixgħel l-air conditioning. Ħafna nies

jgħidulek la għandhom il-flus mhux problema, imma mhux qed jirrealizzaw li l-ħsara li jagħmlu hija irreparabbli.

Sur President, naħseb li bħala pajjiż huwa importanti li noqogħdu attenti minn fejn qed inġibu l-enerġija tagħna u li mmorru għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Hemm dan l-impenn bħala Gvern u bħala politiċi. Imma aħna ma nistgħu nagħmlu xejn jekk l-attitudni tal-poplu se tibqa' li la hemm, aħli! Naħseb li din hija problema kbira għax ma jistax ikun li jkollok il-bettija mimlija u l-mara sakrana, għax b'xi mod se tħott kollox. Naħseb li bħala pajjiż għandna bżonn nagħmlu l-almu tagħna daqskemm għandhom bżonn jagħmlu l-almu tagħhom il-pajjiżi kollha tad-dinja.

Sur President, almenu hemm riżultat wieħed sodisfaċenti. Fi żmienna meta konna żgħar konna nitkellmu fuq l-ozone layer. Fil-fatt il-fejqan tagħha qiegħed fid-direzzjoni t-tajba grazzi għall-impenn b'saħħtu mill-pajjiżi kollha biex neliminaw il-chlorofluorocarbons (CFCs) li meta konna żgħar aħna kienu jintużaw u għamilna kampanja dinjija biex innaqqsuhom minn kwalunkwe attività. Ħafna affarijiet illum issibhom CFC free, u kulħadd ġie konxju tal-problema. Grazzi għal dan l-isforz it-tiċrita tal-ozone layer tjiebet, imma sfortunatament jidher li mhux qed ikun hemm l-istess tip ta' impenn rigward it-tibdil fil-klima.

Inutli nparlaw biss, Sur President. Forsi jkun hemm mumenti fejn anke jien ngħid li jidher li dak li jkun qed iparla fil-vojt, però nħoss li huwa obbligu morali tiegħi li nitkellem dwar dan. Fil-fatt, għall-COP28 kien sejjer ukoll il-Papa imma ma marx minħabba problemi ta' saħħa. Hu kien sejjer bħala mexxej dinji ta' reliġjon ewlenija fid-dinja kollha li tħaddan ukoll il-morali li kultant jintilfu fid-dinja moderna fejn, minħabba l-kapitaliżmu sfrenat li qegħdin ngħixu fih, naslu biex ninjoraw kull pajjiż ieħor u kull persuna oħra, għax nirraġunaw li sakemm komdi aħna, komdu kulħadd!

Jidher li l-mira rigward it-temperatura se tkun żewġ gradi. B'aktar minn żewġ gradi se jkollna katastrofi li jidher li kważi se tkun inevitabbli. Naħseb li huwa importanti ħafna li jkollna dan l-impenn. Hawn intenni l-appell tiegħi biex bħala pajjiż innaqqsu l-konsum. Ma nistgħux nibqgħu għaddejjin b'dan il-konsum kollu. Kultant ikellmuni nies biex ngħinhom ħalli jkollhom bozza fit-triq tagħhom. Huwa veru li din tgħin mil-lat ta' sigurtà, imma lanqas jirrealizzaw kemm dik il-bozza toħloq tniġġis mid-dawl u kemm qed tinħela enerġija għalxejn. Barra minn Malta ssib postijiet fil-kampanja li jkunu fi dlam ċappa. Taħseb li dawn m'għandhomx flus biex jagħmlu bozza? Mela m'għadhomx, imma l-attitudni tagħna hija partikolari. Jekk qed tgħix jew għandek razzett fl-imwarrab, hemmhekk huwa post fejn ikun hemm id-dlam. Huwa importanti li jkun hemm id-dlam u wieħed m'għandux għalfejn jagħmel bozza fuq il-bieb, pereżempju. Huwa diffiċli li tbiddel attitudni, imma biex tbiddel sistema ta' ħsieb huwa ħafna aktar diffiċli. Fadlilna ħafna x'naqdfu, imma l-agħar ħaġa hija li ma nipprovawx. Tkun falliet persuna li qatt ma pprovat u mhux persuna li tkun ipprovat imma ma waslitx, għax jekk tkun ipprovat, xi mkien din se tasal żgur. Huwa min verament ma jrid jagħmel xejn li jkun falla!

Sur President, l-appell tiegħi huwa li anke aħna bħala politiċi, ibda minni l-ewwel wieħed, noħolqu kuxjenza u nkomplu naħdmu b'dan il-ħsieb f'moħħna, kemm għalina imma aktar u aktar għal uliedna. Nisimgħu ħafna bis-sostenibbiltà, imma din mhi xejn ħlief il-wirt. X'wirt se nħalli lil uliedi u lil ulied uliedi? Issa jew iħarsu lejja u jisħtuni, jew iħarsu lejja u jgħidu: Almenu ħaseb fina u, grazzi għalih, illum qegħdin ngħixu sew. Nirringrazzjak.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għal għada l-Erbgħa, 6 ta' Diċembru 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mis-Segretarju Parlamentari.

*Fis-7.25 p.m. il-Kamra aġġornat mingħajr ma saret il-mistoqsija.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### TCNS - INIZJATTIVI LI JIPPROMWOVU UGWALJANZA, ID-DIVERSITÀ U L-INKLUŻJONI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

**11896. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inizjattivi, miżuri jew programmi li jippromwovu ugwaljanza, d-diversità u l-inklużjoni fuq il-post tax-xogħol ta' ħaddiema barranin minn pajjiżi terzi (TCN), organizza l-Ministeru għas-Saħħa mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Qed isiru diversi inizjattivi biex jippromwovu ugwaljanza, id-diversità u l-inklużjoni fuq il-post tax-xogħol ta' ħaddiema barranin minn pajjiżi terzi (TCN).

Il-Ministeru għas-Saħħa ħoloq kors mal-entità Jobsplus, imsemmi Embracing Diversity. Dan ser Ikun offrut lil kull impjegat barrani ġdid fuq prattiċi lokali, użanzi, kif ukoll informazzjoni prattika li jkollu bżonn kull impjegat li jgħix hawn Malta. F'din l-aħħar sena, inħoloq working group fil-Ministeru għas-Saħħa fejn impjegati barranin qegħdin fuq dan il-grupp ma' membri tal-Management u membri oħrajn f'dan il-qasam biex jiġu b'idejat fejn jistgħu jinħolqu inizjattivi biex jkun hemm iżjed miżuri biex itejbu kif wieħed jista' jaddatta għal-ambjent tax-xogħol.

Ċerti professjonijiet ukoll jipprovdu sistema fejn impjegat barrani jingħaqad ma' impjegat lokali biex jgħinuh jaddatta għall-ambjent tax-xogħol li jsib ruħu fih.

### TCNS - ISTITUZZJONIJIET EDUKATTIVI LI JOFFRU BRIDGING COURSES

**11897. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm u liema huma l-istituzzjonijiet edukattivi li joffru bridging-courses għall-infermiera minn pajjiżi terzi (TCN) biex ikunu jistgħu jirreġistraw bħala infermiera f'Malta? Jista' jgħid ukoll kemm jiswa u kemm idum dan il-kors?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Bħalissa hawn tliet istituzzjonijiet edukattivi li joffru bridging-courses għall-infermiera minn pajjiżi terzi (TCN). Dawn huma, MCAST, IDEA Academy u UoM. It-tul tal-kors huwa kif indikat hawn taħt.

MCAST - 6 xhur F/T
IDEA Academy - 8 xhur F/T
UoM - 1 semester F/T

### TAĦRIĠ GĦAL ĦADDIEMA FIL-QASAM TAS-SAĦĦA

**11898. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx xi tip ta' programm li ħaddiema fil-qasam tas-saħħa, fosthom tobba u infermiera, jagħmlu wara li jkunu tbiegħdu mill-prattika tal-professjoni tagħhom għal ħafna snin? Jekk iva, jista' jagħti aktar dettalji tal-programm u min hu eliġibbli għalih? Jekk le, jara xi tip ta' riskji minn professjonisti li jkunu ilhom is-snin 'il bogħod mill-prattika tal-professjoni tagħhom? Jista' jgħid ukoll jekk ħaddiema fil-qasam tas-saħħa, fosthom tobba u infermiera, humiex obbligati li jagħmlu xi tip ta' taħriġ ta' Continuing Professional Development (CPD) kull sena? Jekk iva, jista' jagħti aktar dettalji? Jekk le, jista' jgħid kif qed jinċentiva taħriġ regolari u speċjalizzat mill-professjonisti fil-qasam tas-saħħa?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Tobba, infermiera u ħaddiema oħra fil-qasam tas-saħħa li jirritornaw wara assenza, normalment jiġu integrati mill-ġdid fil-prattika permezz ta' sistema informali ta' superviżjoni u mentoring biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-pazjent. Tobba u infermiera kif ukoll professjonisti oħra tal-kura tas-saħħa huma mħeġġa li jkomplu bl-edukazzjoni medika kontinwa, b'fondi annwali li huma marbuta ma' edukazzjoni u żvilupp kontinwu.

Il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa huma appoġġjati b'fondi kif ukoll leave ta' studju mħallas u mhux imħallas għal taħriġ u żvilupp ta' wara l-lawrja kemm f'Malta kif ukoll okkażjonalment barra.

In-Nursing Services Directorate jisponsorja programm bl-isem ta' Clinical Skills Update (NUR1505) għal dawk l-infermiera li jerġgħu jiġu reinstated fis-settur pubbliku. Dan il-programm huwa taħt ir-responsabbiltà tal-Università tà Malta u jiġi offrut kull sena lill-infermiera kollha, fosthom lil dawn l-infermiera li jkunu tbiegħdu mill-prattika għal ħafna snin.

Għalkemm mhux b'mod obbligatorju, it-Taqsima tal-Infection Control ġewwa Mater Dei tenfasizza lill-infermiera u l-qwiebel kollha li jsegwu korsijiet online indikati hawn taħt:

- Hand Hygiene Course
- Aseptic Non-Touch Technique Course

L-infermiera u l-qwiebel huma obbligati li jagħmlu dawn is-CPD programmes kif imsemmi hawn taħt:

- Basic Life Support (għall-infermiera u l-qwiebel kollha)
- Intravenous Infusion Course (għall-infermiera u qwiebel kollha)
- Moving and Handling (għall-infermiera u qwiebel kollha)
- De-Escalation Programme (għall-infermiera tal-Mental Health Services)
- Award in Induction Training (għall-infermiera li jiġu trasferiti ġewwa l-ITU)
- 700 siegħa tà training lill-iScrub Nurses u lill-Anaesthetic Nurses li jkunu bdew jaħdmu ġewwa l-operating theatres
- Breast Feeding Course (għall-qwiebel u l-infermiera kollha ġewwa l-NPICU)
- Induction Training Course (Theoretical & Practice) għall-infermiera u l-qwiebel li jiġu trasferiti ġewwa l-NPICU
- Neonatal Life Support (għall-infermiera u l-qwiebel tal-NPICU)
- Paediatric Basic Life Support (għall-infermiera u l-qwiebel tal-NPICU)

Infermiera li jaħdmu fit-taqsima tal-Emerġenza għandhom numru ta' korsijiet li jridu jsegwu fosthom:

- Induction Programme (għall-infermiera fl-ewwel livell)
- Basic Life Support (għall-infermiera fl-ewwel livell)
- Paediatric Life Support (għall-infermiera fl-ewwel livell)
- Intermediate Life Support (għall-infermiera fl-ewwel livell)
- Triage Course (għall-infermiera fl-ewwel livell)
- Pre-Hospital Drugs Course (għall-infermiera fl-ewwel livell)
- Ambulance Control Room Course (għall-infermiera fit-tieni u t-tielet livell)
- Updated BLS Course in Adults and Paediatrics (għall-infermiera fl-ewwel, fit-tieni u t-tielet livell)
- Advanced Life Support (għall-infermiera fit-tieni u t-tielet livell)
- Spinal Immobilisation (għall-infermiera fit-tieni u t-tielet livell)
- Rapid Response Vehicle Course (għall-infermiera fit-tieni u t-tielet livell)
- Port-a-Cath course (għall-infermiera fit-tieni u t-tielet livell)
- Sepsis Course (għall-infermiera fit-tieni u t-tielet livell)
- Stroke Pathway Course (għall-infermiera fit-tieni u t-tielet livell)
- Plaster Course (għall-infermiera fit-tieni u t-tielet livell)
- Intraosseous Course (għall-infermiera fit-tieni u t-tielet livell)

## UNIVERSITÀ TA' MALTA – STUDENTI TCNS

**11899. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji tal-eleġibbiltà biex studenti minn pajjiżi terzi (TCN) ikunu eżentati milli jħallsu l-miżati għal studenti internazzjonali għall-korsijiet fl-Università ta' Malta?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Biex studenti minn pajjiżi terzi jkunu eżentati milli jħallsu l-miżati għall-korisjiet tal-Università ta' Malta jiddependi mill-istatus ta' residenza tal-istess studenti. L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

**KAŻIJIET TA' MENINĠITE**

**11900. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm każijiet ta' persuni bil-meninġite minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Fil-perjodu li talbet hi kien hemm 17-il każ ta' Meninġite.

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11937. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja):** Mill-bidu ta' din l-leġiżlatura sal-20 ta' Novembru 2023 l-ebda entità li tagħmel parti mid-dekasteru tiegħi ma tat xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha ngħataw separatament.

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11938. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għall-Anzjanità Attiva):** L-ebda entità fi ħdan il-Ministeru għall-Anzjanità Attiva ma tat xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha ngħataw separatament.

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI: SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11939. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** L-MCESD ma tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha ngħataw separatament.

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI: SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11940. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tagħha tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Ma ngħataw l-ebda forma ta' kuntratt, jew ftehim ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija kkonċernata mill-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali.

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI: SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11941. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tagħha tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** L-ebda entità fi ħdan id-dekasteru tiegħi ma tat xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija msemmija.

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET: SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11942. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet):** Ma kien hemm ebda kuntratt, jew ftehim, mal-kumpanija li d-dettalji dwarha ngħataw separatament.

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13286. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu matul l-2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13287. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu matul l-2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13288. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu jew se jkunu qed jintefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13289. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu jew se jkunu qed jintefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti break down tagħhom?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13290. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu jew se jkunu qed jintefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti break down tagħhom?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13291. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu jew se jkunu qed jintefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti break down tagħhom?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - CHAIRPERSONS U MEMBRI TA' ENTITAJIET PUBBLIĊI**

**13492. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12017 u jgħid min huma ċ-Chairpersons u l-membri ta' kull entità pubblika - irrispettivament mill-mod kif deskritti - li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, u f'kull każ jgħid:

(a) kull persuna kemm ilha fil-ħatra, u
(b) meta tiġi fit-tmiem il-ħatra attwali ta' kull persuna?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - CHAIRPERSONS U MEMBRI TA' ENTITAJIET PUBBLIĊI**

**13493. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru, twieġeb il-mistoqsija parlamentari 12016 u tgħid min huma ċ-Chairpersons u l-membri ta' kull entità pubblika - irrispettivament mill-mod kif deskritti - li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha, u f'kull każ tgħid:

(a) kull persuna kemm ilha fil-ħatra, u
(b) meta tiġi fit-tmiem il-ħatra attwali ta' kull persuna?

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża):** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**MTA - TALBA GĦAL MIŻURA TA' INĠUNZJONI DWAR LIĠIJIET TAL-UE**

**13494. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11101, 11847 u 12795 u b'referenza għall-artikolu 6(1) tal-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi, Kap. 635, jista' l-Ministru jispjega kif l-istess artikolu jirrelata mar-rwol tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) meta skont il-Kap. 635 l-awtorità kompetenti, għall-finijiet tal-artikolu 6(1), huwa l-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur fejn allura l-artikolu 6(1) jittratta biss dwar tagħrif fuq entitajiet kwalifikati li jkunu ġew imwaqqfa bil-għan li jressqu azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera li l-istess Kunsill għandu jagħti lill-Kummissjoni Ewropea?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu):** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

## IL-QALA: TRIQ IT-28 TA' APRIL 1688 – XOGĦLIJIET

**13501. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12870, jista' l-Ministru jgħid sal-lum kemm huwa proġettat li ġie jiswa x-xogħol fuq Triq 28 ta' April 1688 fil-Qala, Għawdex u jekk għal dawn ix-xogħlijiet hux se jħallas il-Kunsill Lokali waħdu jew jekk hux se jħallas parti l-Kunsill u parti l-Ministeru u/jew entitajiet governattivi oħra? Jekk mhux il-Kunsill Lokali waħdu jista' jgħid x'ser jitħallas minn entitajiet oħra governattivi skont il-Kunsill Lokali u kemm hu l-ammont li l-Kunsill għandu allokat għal dan ix-xogħol?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

## KUNSILLI LOKALI – ALLOKAZZJONI GĦAS-SENA 2024

**13502. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ser tkun l-allokazzjoni għal kull kunsill lokali għas-sena 2024 u jekk iż-żieda li ser jieħu kull kunsill hux ser tkun biżżejjed biex tkopri ż-żieda tal-għoli tal-ħajja kif ukoll l-għoli fil-prezzijiet tas-servizzi u materjal? Jista' jgħid ukoll matul dawn l-aħħar għaxar snin kemm kienet l-allokazzjoni ta' kull kunsill lokali maqsuma sena b'sena?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab informat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li t-tagħrif għadu qed jinġabar u dan minħabba li l-informazzjoni mitluba hi voluminuża.

## IR-RABAT GĦAWDEX: TRIQ IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II - XOGĦLIJIET

**13503. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda x-xogħol fuq l-arkata li hemm fi Triq il-Papa Ġwanni Pawlu II fir-Rabat, Għawdex peress li din issa ilha bil-ħadid għal dawn l-aħħar sentejn u ma jidher li sar l-ebda xogħol ieħor fuqha? Jista' jgħid ukoll meta hu mistenni li jkun lest ix-xogħol u meta ser jitneħħa l-ħadid li hemm mal-arkata?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex):** Inħarġet tender CT3047/2023 - Tender 'for the structural consolidation and conservation of the aqueduct in triq Papa Gwanni Pawlu II, Rabat, Gozo using environmentally friendly measures'. Wara li jiġi aġġudikat it-tender jibda x-xogħol skont il-permessi maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar.

## OPHTHALMIC OUTPATIENTS – APPUNTAMENTI

**13683. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Ophthalmic Outpatients?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Fl-Ophthalmic Outpatients mill-2018 kien hemm skont it-tabella t'hawn taħt:

| | **Number of outpatient attendances** |
|---|---|
| **Year** | **Ophthalmic OP clinics MDH** |
| 2018 | 45,450 |
| 2019 | 46,802 |
| 2020 | 30,797 |
| 2021 | 39,253 |
| 2022 | 42,215 |
| Jan-Oct 2023 | 37,306 |

## PAEDIATRIC OUTPATIENTS – APPUNTAMENTI

**13684. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fil-Paediatric (Children's) Outpatients (COP)?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Fil-Paediatric Outpatients mill-2018 kien hemm skont it-tabella t'hawn taħt:

| | Number of outpatient attendances |
|---|---|
| Year | COP clinics MDH |
| 2018 | 6135 |
| 2019 | 6752 |
| 2020 | 4629 |
| 2021 | 6822 |
| 2022 | 8487 |
| Jan-Oct 2023 | 8417 |

**OUTPATIENTS DEPARTMENT: PHLEBOTOMY AND ACC CLINIC – APPUNTAMENTI**

**13685. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Phlebotomy and ACC Clinic?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

**OUTPATIENTS DEPARTMENT: RECURRENT MISCARRIAGE CLINIC – APPUNTAMENTI**

**13686. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Recurrent Miscarriage Clinic?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Fl-Outpatients Recurrent Miscarriage Clinic mill-2014 kien hemm skont it-tabella t'hawn taħt:

| | Number of outpatient attendances |
|---|---|
| Year | Recurrent miscarriage clinics MDH |
| 2014 | 29 |
| 2015 | 181 |
| 2016 | 238 |
| 2017 | 278 |
| 2018 | 279 |
| 2019 | 419 |
| 2020 | 272 |
| 2021 | 350 |
| 2022 | 437 |
| Jan-Oct 2023 | 474 |

**OUTPATIENTS DEPARTMENT: BEREAVEMENT MIDWIFERY CLINIC – APPUNTAMENTI**

**13687. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Bereavement Midwifery Clinic?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Fl-Outpatients Bereavement Midwifery Clinic mill-2012 kien hemm skont it-tabella t'hawn taħt:

| Year | Number of sessions bereavement midwifery clinic, MDH |
|---|---|
| 2012 | 358 |
| 2013 | 449 |
| 2014 | 449 |
| 2015 | 440 |
| 2016 | 545 |
| 2017 | 560 |
| 2018 | 542 |
| 2019 | 410 |
| 2020 | 430 |
| 2021 | 438 |
| 2022 | 533 |
| Jan-Aug 2023 | 233 |

**OUTPATIENTS DEPARTMENT: CARDIAC REHABILITATION UNIT – APPUNTAMENTI**

**13688. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Cardiac Rehabilitation Unit?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Fl-Outpatients Cardiac Rehabilitation Unit mill-2012 kien hemm skont it-tabella t'hawn taħt:

| Year | Number of attendances outpatients cardiac rehab unit, MDH |
|---|---|
| 2012 | 244 |
| 2013 | 286 |
| 2014 | 219 |
| 2015 | 243 |
| 2016 | 285 |
| 2017 | 422 |
| 2018 | 440 |
| 2019 | 502 |
| 2020 | 391 |
| 2021 | 407 |
| 2022 | 520 |
| Jan-Nov 2023 | 478 |

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – POSITIONS OF TRUST**

**13755. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1741.

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – POSITIONS OF TRUST**

**13756. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 12569.

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – POSITIONS OF TRUST**

**13757. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust) fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – POSITIONS OF TRUST**

**13758. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. IAN BORG:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust) fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – POSITIONS OF TRUST**

**13759. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Il-lista ta' persuni ingaġġati fil-Ministeru tiegħi bħala position of trust hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – POSITIONS OF TRUST

**13760. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. ANTON REFALO:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust) fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## PROJECT GREEN - XOGĦLIJIET

**13868. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal ix-xogħol marbut mas-16-il proġett li kien tħabbar xhur ilu li ntgħażlu bħala parti minn Project Green u liema minn dawn ix-xogħlijiet inbdew fuq il-post fejn ix-xogħol suppost għandu jsir? Tista' tgħid ukoll kemm sar investiment sa issa?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ix-xogħol b'rabta mas-16-il proġett li se jsiru b'investiment ta' €10 miljuni taħt l-iskema Community Greening Grant wasal f'diversi fażijiet. Tlestiet il-konsultazzjoni mal-entitajiet konċernati waqt l-ippjanar kif ukoll l-istudji meħtieġa. Barra minn hekk, tlesta x-xogħol amministrattiv marbut mat-tfassil biex jinħarġu s-sejħiet għall-offerti u preżentament qed isir it-tfassil tagħhom.

Permezz ta' din l-iskema maħruġa minn Project Green se nkunu qed naraw proġetti fuq medda ta' 80,000 metru kwadru ta' art mifruxin minn Għajnsielem sa Marsaxlokk. Minbarra f'dawn iż-żewġ lokalitajiet, il-proġetti se jsiru f'Santa Venera, l-Imtarfa, Birkirkara, Mosta, Mellieħa, Ħal Għaxaq, Imsida, San Pawl il-Baħar, Gżira, Ħal Għargħur, Bormla, Raħal Ġdid, Żurrieq u Tal-Pietà. Fil-każ tal-proġett ta' Santa Venera propost minn Hospice Malta nbdew ix-xogħlijiet fuq art li oriġinarjament kienet maħsuba għall-iżvilupp, li se tinbidel fi ġnien ta' madwar 2,700 metru kwadru fil-qalba ta' waħda mill-aktar żoni urbani f'Malta.

## AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – STABBILIMENTI LI GĦANDHOM PERMESS JARMAW IMWEJJED U SIĠĠIJIET FUQ ART PUBBLIKA

**13878. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11699 u 12518 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-istabbilimenti kollha li għandhom permess mill-Awtorità tal-Artijiet biex jarmaw imwejjed u siġġijiet fuq art pubblika fil-Belt Valletta? Għal kull permess, jista' jindika l-isem tal-istabbiliment, it-triq li jinsab fih, u l-ammont ta' mwejjed u siġġijiet li għandu permess jarma jew l-ispazju f'metri kwadri li għandu permess jokkupa?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11697.

## WHITE ROCKS – PROĠETT

**13879. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kienx hemm xi żviluppi dwar il-proġett li kellu jsir fiż-żona magħrufa bħala tal-White Rocks peress li wara li ntgħażel l-offerent preferut fl-2016 għadu ma sar xejn konkret ħlief diskussjonijiet? Jista' jgħid ukoll meta hu mistenni li jibda x-xogħol biex dan il-proġett jitwettaq?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** M'għandi xejn xi nżid mat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 5432.

## KAŻIJIET TA' SEWQAN TAĦT L-INFLUWENZA TAD-DROGA

**13880. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid mill-2017 'l hawn kemm kien hemm każijiet fejn sewwieqa nstabu li kienu qegħdin isuqu taħt l-influwenza tad-droga? Jista' jgħid ukoll x'kienet il-proċedura osservata biex instab li dawn kienu taħt l-influwenza tad-droga?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Il-kawżi msemmijin fil-mistoqsija huma ta' natura

sommarja, u għalhekk l-Aġenzija ma żżommx statistika fuq dawn it-tipi ta' kawżi.

## ĦAD-DINGLI: TRIQ IL-KBIRA SQAQ NUMRU 4 – NUQQAS TA' DAWL

**13881. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn m'hemmx dawl tat-triq fi Triq il-Kbira Sqaq Numru 4, f'Ħad-Dingli? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali Ħad-Dingli huwiex konxju ta' dan in-nuqqas li qiegħed jikkawża problemi lir-residenti li jgħixu f'dan l-isqaq u fil-madwar, u jekk allura ġiex diskuss waqt laqgħat tal-istess Kunsill Lokali? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid x'azzjoni ttieħdet biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni u għalfejn ma wasslitx biex tissolva din l-iskumdità?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-kwistjoni ta' nuqqas ta' dawl fi Triq il-Kbira, Sqaq Nru 4 diġà kienet ġiet diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ħad Dingli. Dawn il-fanali twaħħlu matul il-ġimgħa li għaddiet, preċiżament nhar il-Erbgħa 29 ta' Novembru 2023.

## AESTHETICS POLICY – KONSULTAZZJONIJIET PUBBLIĊI

**13882. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta se ssir it-tnedija tal-konsultazzjonijiet pubbliċi li kellhom isiru f'diversi stadji tat-tfassil tal-aesthetics policy?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar):** Il-proċess tat-tfassil tal-aesthetics policy għadu għaddej.

## ĊIMITERJU TAL-ANNIMALI – KWISTJONIJIET KUNTRATTWALI

**13884. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12574, jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx imposti penali fuq il-kuntrattur minħabba l-kwistjonijiet kuntrattwali, li kienu jinkludu wkoll nuqqas ta' konformità mal-ispeċifikazzjonijiet kuntrattwali għaċ-Ċimiterju tal-Annimali? Jekk iva, jista' jgħid kemm kien l-ammont tal-penali li l-kuntrattur ġie mmultat?

**ONOR. ANTON REFALO:** Ġew imposti penali fuq il-kuntrattur li jammontaw għas-somma ta' €27,936.30.

## ĦARSIEN TAL-INTERESSI TAT-TFAL

**13895. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13348 u jgħid xi żviluppi ġodda kien hemm għal dak li jikkonċerna t-tisħiħ tal-ħidma koordinata bejn il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), id-Dipartiment tas-Saħħa u l-iskejjel biex jiġi assigurat li jkun hemm passi preventivi biex jiġu mħarsa l-interessi tat-tfal matul l-aħħar tnax il-xahar, u x'titjib sar f'dan ir-rigward matul dan il-perjodu?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Isiru laqgħat u konsultazzjonijiet b'mod regolari bejn l-istakeholders konċernati sabiex dejjem jiġu mħarsa l-interessi tat-tfal.

## SAN PAWL IL-BAĦAR - PERSUNI ARRESTATI MINĦABBA ĠLIED

**13896. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13532 dwar ġlied li nqala' f'San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jipprovdi l-informazzjoni xahar b'xahar?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** Il-persuni li ġew arrestati minħabba ġlied li nqala' fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar bejn Jannar u l-15 ta' Novembru ta' din is sena qegħdin jidhru fit-tabella riprodotta hawn taħt xahar b'xahar. F'kull każ inħarġu t-taħrikiet relatati.

| Xahar fis-sena 2023 | Numru ta' persuni arrestati |
|---|---|
| Jannar | 1 |
| Frar | 3 |
| Marzu | 5 |
| April | 3 |
| Mejju | 1 |
| Ġunju | 2 |
| Lulju | 2 |
| Awwissu | 3 |
| Settembru | 1 |
| Ottubru | Xejn |
| Novembru sa 15/11 | 1 |

**IN-NAXXAR – PERSUNI ARRESTATI MINĦABBA ĠLIED LI NQALA'**

**13897. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni li ġew arrestati minħabba ġlied li nqala' fl-inħawi tan-Naxxar matul din is-sena, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawk arrestati kienu Maltin u kemm kienu barranin?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ma kien hemm ebda persuna li ġiet arrestata minħabba ġlied li nqala' fl-inħawi tan-Naxxar bejn Jannar u s-27 ta' Novembru ta' din is-sena.

**IL-MELLIEĦA – PERSUNI ARRESTATI MINĦABBA ĠLIED LI NQALA'**

**13898. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni li ġew arrestati minħabba ġlied li nqala' fl-inħawi tal-Mellieħa matul din is-sena, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawk arrestati kienu Maltin u kemm kienu barranin?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Bejn Jannar u s-27 ta' Novembru 2023 kien hemm każ wieħed fejn persuna ta' nazzjonalità Maltija ġiet arrestata fix-xahar ta' Marzu, minħabba ġlied li nqala' fl-inħawi tal-Mellieħa.

**SAN PAWL IL-BAĦAR - IRWEJJAĦ TA' DRENAĠĠ**

**13899. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13528 tista' l-Ministru, għal kull ilment imsemmi fit-tweġiba dwar irwejjaħ kbar ta' drenaġġ matul il-jum kif ukoll bil-lejl, tinforma meta sar dan l-ilment u liema triq kien jikkonċerna l-ilment?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-erba' ilmenti li kienu jikkonċernaw lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, kif spjegajt fit-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 13528, kienu kollha fi Triq San Pawl, u dwarhom il-Korporazzjoni ħadet l-azzjoni meħtieġa f'dawn id-dati: fil-5 ta' Jannar, fit-28 t'April, fid-9 t'Awwissu u fl-10 t'Awwissu ta' din is-sena.

**CHATBOT BIL-LINGWA MALTIJA**

**13914. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għall-proġett taċ-chatbot bil-lingwa Maltija, jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-finanzjament li ngħata lil dan il-proġett minn fondi pubbliċi jew Ewropej, direttament jew indirettament? Jista' l-Ministru jgħid ukoll x'inhuma l-għanijiet u r-riżultati mistennija minn dan il-proġett u jekk kienx hemm xi kondizzjonijiet jew rekwiżiti mehmuża ma' tali finanzjament? Fl-aħħar nett jista' l-Ministru jgħid ukoll x'inhu l-impatt mistenni minn dan il-proġett fis-setturi bankarji u finanzjarji, b'mod partikolari f'termini ta' titjib fl-appoġġ lill-klijenti u l-effiċjenza operattiva?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**CHATBOT BIL-LINGWA MALTIJA**

**13915. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għall-proġett taċ-chatbot bil-lingwa Maltija, tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-finanzjament li ngħata lil dan il-proġett minn fondi pubbliċi jew Ewropej, direttament jew indirettament? Tista' l-Ministru

tgħid ukoll x'inhuma l-għanijiet u r-riżultati mistennija minn dan il-proġett u jekk kienx hemm xi kondizzjonijiet jew rekwiżiti mehmuża ma' tali finanzjament? Fl-aħħar nett tista' l-Ministru tgħid ukoll x'inhu l-impatt mistenni minn dan il-proġett fis-setturi bankarji u finanzjarji, b'mod partikolari f'termini ta' titjib fl-appoġġ lill-klijenti u l-effiċjenza operattiva?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-proġett 'The New Era of Chatbot' huwa proġett ta' Riċerka u Żvilupp permezz ta' kollaborazzjoni bejn żewġ entitajiet privati – Cartesio Ltd u Noovle International li qed jaħdmu mal-Università ta' Malta biex jiġi żviluppat chatbot ta' konverżazzjoni permezz tal-intelliġenza artifiċjali (AI) bil-lingwa Maltija. Il-proġett qed jiġi megħjun permezz tal-iskema Research and Development 2020 tal-Malta Enterprise (fondi lokali) skont il-linji gwida approvati mill-Kummissjoni Ewropea u li jistgħu jinstabu f'din il-link: https://maltaenterprise.com/support/research-and-development-2020.

Filwaqt li l-Att dwar il-Promozzjoni tal-Investiment jistipula kunfidenzjalità dwar proġetti speċifiċi, fi skemi bħal Research and Development 2020 ikun hemm skrutinju ta' persuni tekniċi, evalwazzjoni tal-business plan u financial plans u fl-aħħar jiġi approvat mill-bord tal-Malta Enterprise. Kull proġett ikollu numru ta' kondizzjonijiet marbutin miegħu.

Il-proġett huwa mistenni li jiżviluppa chatbot bl-AI, Machine Learning u cloud computing li jista' jintuża fis-setturi bankarji, finanzjarji, assikurazzjoni u servizzi ta' investimenti, fost oħrajn, u mistenni li joffri aċċess aktar wiesa' u aċċessibbli għall-klijenti f'dawn is-setturi. Dan il-proġett se jwassal biex klijenti jużaw dan ic-chatbot avvanzat biex jikkomunikaw ma' customer care fuq is-siti u l-apps permezz tal-lingwa Maltija. Lingwi oħrajn u applikazzjoni f'setturi diversi jistgħu jsegwu b'dan il-mudell li qed jiġi żviluppat f'Għawdex.

## BDIEWA REĠISTRATI

**13916. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqaija parlamentari 13573 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

## ĦAL QORMI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**13917. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13574 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Qormi, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## ĦAL LUQA – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**13918. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13575 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Luqa, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## IS-SIĠĠIEWI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**13919. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13576 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti s-Siġġiewi, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## RILOKAZZJONI TA' PERSUNI

**13933. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew rilokati rifuġjati u persuni li ħaqqhom protezzjoni tul l-2022 u l-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ġew rilokati 163 persuna lejn Membri Stati oħra li talbu protezzjoni tul l-2022 u l-2023 sal-ġurnata tal-lum. Fl-istess perjodu, ġew risistemati lejn pajjiżi terzi 44 persuna oħra li kienu talbu protezzjoni jew li kienu ngħataw protezzjoni.

Bejn l-2022 u l-2023, 479 persuna li kienu daħlu f'pajjiżna b'mod irregolari ġew irritornati lejn il-pajjiż tal-oriġinu tagħhom, 195 fl-2022 u 284 fl-2023.

## MARSAXLOKK: PARK NATURALI TA' XROBB L-GĦAĠIN - XOGĦLIJIET

**13934. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet saru fil-Park Naturali ta' Xrobb l-Għaġin, f'Marsaxlokk, tul l-2022 u l-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ġewwa l-park naturali ta' Xrobb l-Għaġin għadna kemm inawgurajna Wildlife Rehabilitation Centre ġdid li se jipprovdi ambjent u faċilitajiet aħjar għar-riabilitazzjoni ta' annimali selvaġġi feruti, kif ukoll se jservi bħala ċentru għar-riċerka u l-edukazzjoni ambjentali. Iċ-Ċentru ġie żviluppat b'investiment ta' €2.5 miljun iffinanzjat parzjalment minn fondi Ewropej taħt il-programm reġjonali ERDF u fondi nazzjonali.

B'rabta ma' dan il-proġett, fl-aħħar sentejn saru diversi xogħolijiet biex ġiet irranġata l-binja eżistenti kif ukoll sar tisbiħ tal-madwar. Matul l-2022 ix-xogħolijiet kienu jikkonsistu primarjament f'restawr tal-bini tal-Eks Deutschewelle fejn tneħħew is-soqfa kollha li kienu kundannati, filwaqt li ġew infurzati l-kolonni li kienu qed iżommu s-soqfa li matul is-snin kienu ddeterjoraw u nagħataw konkos ġdid biex jinfurzahom. Ġiet irranġata wkoll is-sistema li kien hemm tal-effiċjenza tal-enerġija, flimkien mar-restawr tal-faċċata kollha tal-binja. Matul l-2022, Ambjent Malta kompliet ukoll bix-xogħol fuq il-manteniment tal-parti rurali u naturali fejn tul is-snin kienu tħawlu aktar minn 20,000 siġra u arbuxell f'dan il-park naturali. Dan ix-xogħol kien jikkonsisti f'tisqija, tneħħija ta' speċi invażivi, tħawwil ta' siġar u arbuxell f'diversi żoni ġewwa l-park.

Matul l-2023, ix-xogħlijiet intensifikaw fir-riġward tal-interventi strutturali fejn tkomplew il-partijiet relatati mal-finishes kif ukoll fuq is-sistemi tad-dawl u l-ilma madwar il-binja kollha. Ġew installati sistemi ġodda ta' pompi li jtellgħu l-ilma baħar għal ġewwa t-tankijiet, li nbnew apposta għall-fkieren li jkunu qed jiġu riabilitati fil-Wildlife Rehabilitation Centre. Ġew attrezzati wkoll kmamar apposta biex iżommu fihom fawna tal-art (bħal qniefed u friefet il-lejl) li jkollhom bżonn kura u interventi mediċi, qabel jerġgħu jitpoġġew fl-abitat naturali tagħhom. Ġew installati sistemi ta' CCTVs li jimmonitorjaw il-post kollu u sistema elettronika li tkun qed tagħmel monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma baħar li jkun hemm fit-tankijiet tal-fkieren. Inbniet ukoll guva kbira biswit din l-binja biex isservi għar-riabilitazzjoni tat-tjur salvaġġ. Inbniet ukoll sub-station tad-dawl biex dawn is-sistemi ġodda jkunu jistgħu jaħdmu mingħajr ebda diffikultà.

Ta' min isemmi wkoll li Heritage Malta nediet proġett relatat mal-iskavar tat-tempju neolitiku li jinsab fi Xrobb l-Għaġin.

Ix-xogħlijiet li saru jfisser li reġa' nfetaħ spazju ta' 150,000 metru kwadru bħala park għall-pubbliku.

## RAĦAL ĠDID: ĠNIEN LORRY SANT - XOGĦLIJIET

**13935. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 2065, 5406 u 8488, jista' l-Ministru jgħid fiex waslu x-xogħlijiet fi Ġnien Lorry Sant, f'Raħal Ġdid?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ix-xogħlijiet fi Ġnien Lorry Sant waslu fi stadju avvanzat ħafna, tant illi li l-inawgurazzjoni tal-Ġnien se ssir nhar l-Erbgħa, 13 ta' Diċembru.

## RAĦAL ĠDID: ĠNIEN IL-MEDITERRAN - MANUTENZJONI

**13936. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet saru fi Ġnien il-Mediterran f'Raħal Ġdid, fl-2022 u fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlametari 13937.

## RAĦAL ĠDID: ĠNIEN IL-MEDITERRAN - MANUTENZJONI

**13937. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet saru fi Ġnien il-Mediterran f'Raħal Ġdid, fl-2022 u fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Għalkemm ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tagħha, Project Green wettqet diversi xogħlijiet f'dan il-ġnien li kienu jinkludu tinqix tal-ħamrija, tisqija u żbir tas-siġar, kif ukoll saru x-xogħlijiet preparatorji biex tiġi estiża s-sistema awtomatika għat-tisqija tas-siġar. Infakkar li Ġnien il-Mediterran intgħażel bħala wieħed mis-16-il proġett li se jsiru taħt l-iskema Community Greening Grant, u minbarra li dan il-ġnien se jiġi riġenerat, il-proġett se jinkludi żona għall-istudenti tal-MCAST.

Kif spjegajt fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13868, ix-xogħol b'rabta mal-proġetti li se jsiru b'investiment ta' €10 miljuni taħt l-iskema Community Greening Grant wasal f'diversi fażijiet. Tlestiet il-konsultazzjoni mal-entitajiet konċernati waqt l-ippjanar kif ukoll l-istudji meħtieġa. Barra minn hekk, tlesta x-xogħol amministrattiv marbut mat-tfassil biex jinħarġu s-sejħiet għall-offerti li preżentement qed isir it-tfassil tagħhom.

## RAĦAL ĠDID: ĠNIEN SAN ALWIĠI – APPLIKAZZJONI NRU TRK/00266472

**13938. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2135 jista' l-Ministru jgħid kienx hemm xi żviluppi dwar l-applikazzjoni li saret lill-Awtorità tal-Ippjanar nru TRK/00266472 sabiex jiġi rranġat Ġnien San Alwiġi, f'Raħal Ġdid?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 13938, it-talba sottomessa bin-numru TRK 266472 ġiet ikkonsidrata bħala kompluta fit-23 ta' Jannar, 2023 u l-applikazzjoni ngħatat in-numru PA 00253/23. Din l-applikazzjoni ġiet ipproċessata u ġiet approvata mill-Kummissjoni tal-Ippjanar nhar il-21 ta' Novembru, 2023.

## MEDITERRANE FILM FESTIVAL

**13955. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10399, 11055, 11804, 12115, 12663, 12994, 13192, 13467 u 13710 u jgħid kemm se jiġi jiswa liċ-ċittadin Malti, l-individwu li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, għal-launch tal-Mediterrane Film Festival? Jista' jagħti rendikont separat ta' flights, hotels, recordings, presenting u oħrajn? Jista' jgħid għalfejn intgħażel dan l-individwu meta seta' ntgħażel xi ħadd Malti u meta dan lanqas mhu ġej mill-pajjiżi li se jkunu qegħdin jipparteċipaw f'dan il-festival, fosthom l-Italja, Spanja, Franza, Kroazja, Greċja, Slovenja, Portugal, Ċipru u Malta?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

## ĦAL BALZAN – TISWIJIET

**13962. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara li jiġi determinat minnufih x'inhu l-likwidu ta' kulur skur (ritratti annessi) li ħiereġ minn binja f'Ħal Balzan li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament sabiex ikun stabbilit jekk hemmx bżonn ta' tiswijiet?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma kinitx notifikata rigward dan l-ilma li qed jiskula. Meta saret taf dwar dan bdiet mill-ewwel bl-investigazzjonijiet li għadhom għaddejjin.

## ENVIRONMENTAL HEALTH DIRECTORATE – TISWIJIET

**13963. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Fid-dawl tal-każ li jġib miegħu n-numru tar-referenza 5935/2023 li ntbagħat lill-Environmental Health Directorate, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jara li jiġi ddeterminat minnufih x'inhu l-likwidu ta' kulur skur (ritratti annessi) li ħiereġ mill-binja li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament sabiex ikun stabbilit jekk hemmx bżonn ta' tiswijiet?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Fil-binja indikata minnha saru żewġ spezzjonijiet minn uffiċjal għas-Saħħa Ambjentali fit-22 ta' Novembru kif ukoll fl-1 ta' Diċembru, iżda fiż-żewġ okkażjonijiet dan l-ilment ma ġiex ikkonfermat peress li waqt il-ħin tal-ispezzjoni ma nstab l-ebda ħruġ ta' ilma maħmuġ. Madankollu, sar ukoll kuntatt mal-kumpanija li tieħu ħsieb il-kondominju tal-fond indikat u sar appuntament sabiex titkompla l-investigazzjoni.

## MEDIĊINA – OUT OF STOCK

**13971. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta l-Atorvastatin tal-40 mg li bħalissa qiegħda out of stock ser tkun lura fl-istock tal-POYC u għaliex ma ngħatatx alternattiva oħra?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-Atorvastatin tal-40 mg hija disponibbli.

## MINISTERU GĦALL-AKKOMODOZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14003. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14004. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14005. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hi responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14006. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. AARON FARRUGIA (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14007. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14008. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.